Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2022/0155(COD)

19.4.2023

***I
ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan
(COM(2022)0209 – C9-0174/2022 – 2022/0155(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Javier Zarzalejos

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni
***	Proċedura ta' approvazzjoni
***I	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
***II	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
***III	Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta'att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 142

ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan

(COM(2022)0209 – C9-0174/2022 – 2022/0155(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0209),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0174/2022),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjonijiet motivati ppreżentati, fil-qafas tal-Protokoll Nru 1 u Nru 2 tat-Trattati tal-UE, mill-Parlament Spanjol, l-Ewwel Kamra tan-Netherlands, il-Parlament Irlandiż, is-Senat Franċiż u l-Kamra tad-Deputati Ċeka,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-21 ta’ Settembru 2022[1],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 41 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0000/2023),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Japprova d-dikjarazzjoni tiegħu annessa ma’ din ir-riżoluzzjoni, li se tiġi ppubblikata fis-serje L ta’ *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* flimkien mal-att leġiżlattiv finali;

3. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] ĠU C tal-21.12.2022, p. 133.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Minħabba l-importanza ċentrali tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, dawk l-għanijiet jistgħu jintlaħqu biss billi jiġi żgurat li l-forniturи li joffru tali servizzi fl-Unjoni jġibu ruħhom b'mod responsabbli u jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jimminimizzaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal, dawk il-forniturи spiss ikunu ***l-uniċi*** f'pożizzjoni li jipprevjenu u jiġġieldu tali abbuż. Jenħtieġ li l-miżuri meħudin ikunu ***mmirati***, ibbilanċjati bir-reqqa u proporzjonati, sabiex tiġi evitata kwalunkwe konsegwenza negattiva mhux dovuta għal dawk li jużaw is-servizzi għal skopijiet legali, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tagħhom protetti skont id-dritt tal-Unjoni, jiġifieri dawk stabbiliti fil-Karta u rikonoxxuti bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, u sabiex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' kwalunkwe piż eċċessiv fuq il-forniturи tas-servizzi.	(2) Minħabba l-importanza ċentrali tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, dawk l-għanijiet jistgħu jintlaħqu biss billi jiġi żgurat li l-forniturи li joffru tali servizzi fl-Unjoni jġibu ruħhom b'mod responsabbli u jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jimminimizzaw ir-riskju li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal, dawk il-forniturи spiss ikunu f'pożizzjoni ***unika*** li jipprevjenu u jiġġieldu tali abbuż. Jenħtieġ li l-miżuri meħudin ikunu ***effettivi, immirati***, ibbilanċjati bir-reqqa u proporzjonati, sabiex tiġi evitata kwalunkwe konsegwenza negattiva mhux dovuta għal dawk li jużaw is-servizzi għal skopijiet legali, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tagħhom protetti skont id-dritt tal-Unjoni, jiġifieri dawk stabbiliti fil-Karta u rikonoxxuti bħala prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, u sabiex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' kwalunkwe piż eċċessiv fuq il-forniturи tas-servizzi.

Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-Istati Membri qegħdin jintroduċu dejjem aktar, jew qegħdin jikkunsidraw li jintroduċu, liġijiet nazzjonali sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-abbuż sesswali tat-tfal online, b'mod partikolari billi jimponu rekwiżiti fuq il-forniturи ta'	(3) L-Istati Membri qegħdin jintroduċu dejjem aktar, jew qegħdin jikkunsidraw li jintroduċu, liġijiet nazzjonali sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-abbuż sesswali tat-tfal online, b'mod partikolari billi jimponu rekwiżiti fuq il-forniturи ta'

servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni. Fid-dawl tan-natura transfruntiera inerenti tal-internet u ***tal-provvista*** tas-servizz ikkonċernata, dawk il-liġijiet nazzjonali, li jvarjaw, ***għandhom*** effett negattiv dirett fuq is-suq intern. Sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali, jiġu eliminati l-ostakli li jirriżultaw għall-forniment tas-servizzi u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti armonizzati neċessarji fil-livell tal-Unjoni.	servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni. Fid-dawl tan-natura transfruntiera inerenti tal-internet u ***tal-forniment*** tas-servizz ikkonċernata, dawk il-liġijiet nazzjonali, li jvarjaw, ***jista' jkollhom*** effett negattiv dirett fuq is-suq intern. Sabiex tiżdied iċ-ċertezza legali, jiġu eliminati l-ostakli li jirriżultaw għall-forniment tas-servizzi u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti armonizzati neċessarji fil-livell tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq tas-suq intern billi jistabbilixxi regoli ċari, uniformi u bbilanċjati għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal b'mod li jkun effettiv u li jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha kkonċernati. Fid-dawl tan-natura li qiegħda tinbidel malajr tas-servizzi kkonċernati u tat-teknoloġiji użati sabiex jiġu pprovduti, jenħtieġ li dawk ir-regoli jiġu stabbiliti b'mod teknoloġikament newtrali u li jibqa' validu fil-futur, sabiex ***ma tiġix imfixkla l-innovazzjoni***.	(4) Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-funzjonament xieraq tas-suq intern billi jistabbilixxi regoli ċari, uniformi u bbilanċjati għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal b'mod li jkun effettiv***, immirat u proporzjonat,*** u li jirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-partijiet kollha kkonċernati. Fid-dawl tan-natura li qiegħda tinbidel malajr tas-servizzi kkonċernati u tat-teknoloġiji użati sabiex jiġu pprovduti, jenħtieġ li dawk ir-regoli jiġu stabbiliti b'mod teknoloġikament newtrali u li jibqa' validu fil-futur, sabiex ***iħeġġu l-innovazzjoni u l-iżvilupp teknoloġiku għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online***.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkopri l-fornituri ta' servizzi li għandhom il-potenzjal li jintużaw ħażin ***għall-finijiet*** ta' abbuż sesswali tat-tfal online. Peress li qegħdin jintużaw dejjem aktar għal dak l-għan, jenħtieġ li dawk is-servizzi jinkludu servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, bħas-servizzi ta' messaġġi u s-servizzi tal-posta elettronika bbażati fuq l-internet, sa fejn dawk is-servizzi jkunu disponibbli għall-pubbliku. Bħala servizzi li jippermettu skambju dirett interpersonali u interattiv ta' informazzjoni sempliċiment bħala karatteristika anċillari minuri li hija intrinsikament marbuta ma' servizz ieħor, bħal chat u funzjonijiet simili bħala parti mil-logħob, il-kondiviżjoni ta' stampi u l-hosting ta' vidjos huma ugwalment f'riskju ta' użu ħażin, u jenħtieġ li huma wkoll ikunu koperti minn dan ir-Regolament. Madankollu, minħabba d-differenzi inerenti bejn id-diversi servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni koperti minn dan ir-Regolament u r-riskji varji relatati li dawk is-servizzi jintużaw ħażin ***għall-finijiet*** ta' abbuż sesswali tat-tfal online u l-kapaċità li tvarja tal-fornituri kkonċernati sabiex jipprevjenu u jiġġieldu tali abbuż, jenħtieġ li l-obbligi imposti fuq il-fornituri ta' dawk is-servizzi jiġu differenzjati b'mod xieraq.	(5) Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkopri l-fornituri ta' servizzi li għandhom il-potenzjal li jintużaw ħażin ***għall-fini*** ta' abbuż sesswali tat-tfal online. Peress li qegħdin jintużaw dejjem aktar għal dak l-għan, jenħtieġ li dawk is-servizzi jinkludu servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, bħas-servizzi ta' messaġġi u s-servizzi tal-posta elettronika bbażati fuq l-internet, sa fejn dawk is-servizzi jkunu disponibbli għall-pubbliku. Bħala servizzi li jippermettu skambju dirett interpersonali u interattiv ta' informazzjoni sempliċiment bħala karatteristika anċillari minuri li hija intrinsikament marbuta ma' servizz ieħor, bħal chat u funzjonijiet simili bħala parti mil-logħob, il-kondiviżjoni ta' stampi u l-hosting ta' vidjos huma ugwalment f'riskju ta' użu ħażin, u jenħtieġ li huma wkoll ikunu koperti minn dan ir-Regolament. ***Jenħtieġ li jkunu koperti wkoll il-magni tat-tiftix online u kwalunkwe servizz ieħor tal-intelliġenza artifiċjali.*** Madankollu, minħabba d-differenzi inerenti bejn id-diversi servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni koperti minn dan ir-Regolament u r-riskji varji relatati li dawk is-servizzi jintużaw ħażin ***għall-fini*** ta' abbuż sesswali tat-tfal online u l-kapaċità li tvarja tal-fornituri kkonċernati sabiex jipprevjenu u jiġġieldu tali abbuż, jenħtieġ li l-obbligi imposti fuq il-fornituri ta' dawk is-servizzi jiġu differenzjati b'mod xieraq.

Or. en

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun mingħajr preġudizzju għar-regoli li jirriżultaw minn atti oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttiva 2011/93 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38], id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39] u r-Regolament (UE) **…/…** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40] ***[dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE]***, id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41], , ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42], u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43].	(7) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun mingħajr preġudizzju għar-regoli li jirriżultaw minn atti oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari d-Direttiva 2011/93 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38], id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39] u r-Regolament (UE) ***2022/2065*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[40], id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41], , ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42], u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43].
[38] Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1).	[38] Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/ĠAI (ĠU L 335, 17.12.2011, p. 1).
[39] Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1).	[39] Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1).
[40] Ir-Regolament (UE) **…/…** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (ĠU L **….**).	[40] Ir-Regolament (UE) ***2022/2065*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (ĠU L ***277/1***).
[41] Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi,	[41] Id-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi,

b’regolament jew b’azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta’ servizzi tal-media awdjoviżiva (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).

[42] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali u dwar il-moviment liberu ta’ tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

[43] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

b’regolament jew b’azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta’ servizzi tal-media awdjoviżiva (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1).

[42] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta’ April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta’ data personali u dwar il-moviment liberu ta’ tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

[43] Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

Or. en

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jitqies lex specialis fir-rigward tal-qafas applikabbli b’mod ġenerali stabbilit fir-Regolament (UE) ***…/… [dwar suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE]*** li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar il-forniment ta’ ċerti servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni fis-suq intern. Ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) ***…/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE]*** japplikaw fir-rigward ta’ kwistjonijiet ***li ma humiex indirizzati bis-sħiħ jew*** li ma humiex indirizzati jew li ma humiex indirizzati bis-sħiħ minn dan ir-	(8) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jitqies *lex specialis* fir-rigward tal-qafas applikabbli b’mod ġenerali stabbilit fir-Regolament (UE) ***2022/2065*** li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar il-forniment ta’ ċerti servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni fis-suq intern. Ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) ***2022/2065*** japplikaw fir-rigward ta’ kwistjonijiet li ma humiex indirizzati jew li ma humiex indirizzati bis-sħiħ minn dan ir-Regolament.

Regolament.

Or. en

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Fl-interess taċ-ċarezza u tal-konsistenza, jenħtieġ li d-definizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament, fejn possibbli u xieraq, ikunu bbażati fuq u allinjati mad-definizzjonijiet rilevanti li jinsabu f'atti oħrajn tad-dritt tal-Unjoni, bħar-Regolament (UE) ***…/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE]***.	(10) Fl-interess taċ-ċarezza u tal-konsistenza, jenħtieġ li d-definizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament, fejn possibbli u xieraq, ikunu bbażati fuq u allinjati mad-definizzjonijiet rilevanti li jinsabu f'atti oħrajn tad-dritt tal-Unjoni, bħar-Regolament (UE) ***2022/2065***.

Or. en

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Jenħtieġ li tali konnessjoni sostanzjali mal-Unjoni titqies eżistenti meta l-fornitur ta' servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni ***rilevanti*** jkollu stabbiliment fl-Unjoni jew, fin-nuqqas tiegħu, ***fuq il-bażi tal-eżistenza*** ta' ***numru sinifikanti ta' utenti*** fi Stat Membru wieħed jew aktar, jew ***l-immirar*** tal-attivitajiet lejn Stat Membru wieħed jew aktar. L-immirar tal-attivitajiet lejn Stat Membru wieħed jew aktar jenħtieġ li jiġi ddeterminat fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inkluż fatturi bħal pereżempju l-użu ta' lingwa jew ta' munita li ġeneralment tintuża f'dak	(11) Jenħtieġ li tali konnessjoni sostanzjali mal-Unjoni titqies eżistenti meta l-fornitur ta' servizzi ***rilevanti*** tas-soċjetà tal-informazzjoni jkollu stabbiliment fl-Unjoni jew, fin-nuqqas tiegħu, ***meta n-numru*** ta' ***riċevituri tas-servizz*** fi Stat Membru wieħed jew aktar ***ikun sinifikanti fir-rigward tal-popolazzjoni tiegħu jew tagħhom***, jew ***fuq il-bażi tal-immirar*** tal-attivitajiet lejn Stat Membru wieħed jew aktar. L-immirar tal-attivitajiet lejn Stat Membru wieħed jew aktar jenħtieġ li jiġi ddeterminat fuq il-bażi taċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, inkluż

l-Istat Membru, jew il-possibbiltà li jiġu ordnati prodotti jew servizzi, jew l-użu ta' dominju nazzjonali tal-ogħla livell. L-immirar tal-attivitajiet lejn Stat Membru jista' jiġi dderivat ukoll mid-disponibbiltà ta' applikazzjoni ta' software fil-ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software nazzjonali rilevanti, mill-forniment ta' reklamar lokali jew ta' reklamar bil-lingwa li tintuża f'dak l-Istat Membru, jew mill-immaniġġjar tar-relazzjonijiet mal-klijenti bħal pereżempju billi jiġi pprovdut servizz tal-klijent bil-lingwa li ġeneralment tintuża f'dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li tiġi preżunta konnessjoni sostanzjali wkoll meta fornitur ta' servizzi jidderieġi l-attivitajiet tiegħu lejn Stat Membru wieħed jew aktar kif stabbilit fl-Artikolu 17(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44]. Jenħtieġ li, waħedha, is-sempliċi aċċessibbiltà teknika ta' sit web mill-Unjoni ma titqiesx bħala li tistabbilixxi konnessjoni sostanzjali mal-Unjoni.

fatturi bħal pereżempju l-użu ta' lingwa jew ta' munita li ġeneralment tintuża f'dak l-Istat Membru, jew il-possibbiltà li jiġu ordnati prodotti jew servizzi, jew l-użu ta' dominju nazzjonali tal-ogħla livell. L-immirar tal-attivitajiet lejn Stat Membru jista' jiġi dderivat ukoll mid-disponibbiltà ta' applikazzjoni ta' software fil-ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software nazzjonali rilevanti, mill-forniment ta' reklamar lokali jew ta' reklamar bil-lingwa li tintuża f'dak l-Istat Membru, jew mill-immaniġġjar tar-relazzjonijiet mal-klijenti bħal pereżempju billi jiġi pprovdut servizz tal-klijent bil-lingwa li ġeneralment tintuża f'dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li tiġi preżunta konnessjoni sostanzjali wkoll meta fornitur ta' servizzi jidderieġi l-attivitajiet tiegħu lejn Stat Membru wieħed jew aktar kif stabbilit fl-Artikolu 17(1), il-punt (c), tar-Regolament (UE) 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44]. Jenħtieġ li, waħedha, is-sempliċi aċċessibbiltà teknika ta' sit web mill-Unjoni ma titqiesx bħala li tistabbilixxi konnessjoni sostanzjali mal-Unjoni.

[44] Ir-Regolament (UE) 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1).

[44] Ir-Regolament (UE) 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1).

Or. en

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) Uħud minn dawk il-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni	(15) Uħud minn dawk il-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni fil-kamp ta' applikazzjoni

ta’ dan ir-Regolament jistgħu jkunu soġġetti wkoll għal obbligu li titwettaq valutazzjoni tar-riskju skont ir-Regolament (UE) ***…/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE]*** fir-rigward tal-informazzjoni li jaħżnu u ***jxerrdu*** lill-pubbliku. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, dawk il-forniturijistgħu jibbażaw fuq tali valutazzjoni tar-riskju u jikkomplementawha b’valutazzjoni aktar speċifika tar-riskji tal-użu tas-servizzi tagħhom ***għall-finijiet*** ta’ abbuż sesswali tat-tfal online, kif meħtieġ minn dan ir-Regolament.

ta’ dan ir-Regolament jistgħu jkunu soġġetti wkoll għal obbligu li titwettaq valutazzjoni tar-riskju skont ir-Regolament (UE) ***2022/2065*** fir-rigward tal-informazzjoni li jaħżnu u ***jiddisseminaw*** lill-pubbliku. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, ***u sabiex tiġi żgurata l-konsistenza u tiġi evitata d-duplikazzjoni,*** dawk il-forniturijistgħu jibbażaw fuq tali valutazzjoni tar-riskju u jikkomplementawha b’valutazzjoni aktar speċifika tar-riskji tal-użu tas-servizzi tagħhom ***għall-fini*** ta’ abbuż sesswali tat-tfal online, kif meħtieġ minn dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex jiġi evitat u miġġieled b’mod effettiv l-abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-forniturita’ servizzi ta’ hosting u l-forniturita’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku jieħdu miżuri raġonevoli sabiex ***itaffu r-riskju*** li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għal tali abbuż, kif identifikat permezz tal-valutazzjoni tar-riskju. ***Forniturijistgħu*** soġġetti għal obbligu li jadottaw miżuri ta’ mitigazzjoni skont ir-Regolament (UE) ***…/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE] jista’ jikkunsidra sa liema punt il-miżuri*** ta’ ***mitigazzjoni adottati sabiex jikkonformaw ma’ dak l-obbligu***, ***li jistgħu jinkludu*** miżuri mmirati sabiex jipproteġu d-drittijiet tat-tfal, inklużi ***l-verifika*** tal-età u ***l-għodod*** ta’ kontroll mill-ġenituri**,** jistgħu jservu wkoll sabiex	(16) Sabiex jiġi evitat u miġġieled b’mod effettiv l-abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-forniturita’ servizzi ta’ hosting u l-forniturita’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku jieħdu miżuri raġonevoli sabiex ***jimmitigaw ir-riskju*** li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għal tali abbuż, kif identifikat permezz tal-valutazzjoni tar-riskju. ***Il-forniturijistgħu*** soġġetti għal obbligu li jadottaw miżuri ta’ mitigazzjoni skont ir-Regolament (UE) ***2022/2065 jistgħu jikkunsidraw sa liema punt il-miżuri ta’ mitigazzjoni adottati sabiex jikkonformaw ma’ dak l-obbligu. Il-miżuri ta’ mitigazzjoni jistgħu jinkludu t-tfassil tal-interfaċċi online tagħhom jew partijiet minnhom bl-ogħla livell*** ta’ ***privatezza, sikurezza u sigurtà għat-tfal b’mod awtomatiku jew l-adozzjoni ta’ standards għall-protezzjoni tat-tfal***, ***jew il-***

jindirizzaw ir-riskju identifikat fil-valutazzjoni tar-riskju speċifika skont dan ir-Regolament, u sa liema punt jistgħu jkunu meħtieġa aktar miżuri ta' mitigazzjoni mmirati sabiex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.

parteċipazzjoni f'kodiċijiet ta' kondotta għall-protezzjoni tat-tfal, miżuri mmirati sabiex jipproteġu d-drittijiet tat-tfal, inklużi ***funzjonalitajiet li jippermettu l-assigurazzjoni*** tal-età u ***l-punteġġ tal-età, u għodod*** ta' kontroll ***adattati għall-età*** mill-ġenituri***. Il-possibbiltà ta' senjalar u/jew notifika ta' mekkaniżmi u funzjonalitajiet ta' awtorapportar*** jistgħu jservu wkoll sabiex jindirizzaw ir-riskju identifikat fil-valutazzjoni tar-riskju speċifika skont dan ir-Regolament, u sa liema punt jistgħu jkunu meħtieġa aktar miżuri ta' mitigazzjoni mmirati sabiex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Il-fornituri jenħtieġ li jivvalutaw ukoll, f'taqsima separata tal-valutazzjoni tar-riskju tagħhom, l-użu volontarju ta' teknoloġiji speċifiċi għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra sa fejn ikun strettament neċessarju biex jidentifikaw l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq is-servizzi tagħhom u jirrapportawh u jneħħu l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online mis-servizzi tagħhom. Fuq il-bażi ta' din il-valutazzjoni separata, il-fornituri jistgħu jitolbu lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni kompetenti l-ħtieġa li jkomplu, bħala parti mill-miżuri ta' mitigazzjoni tagħhom, bl-użu ta' teknoloġiji speċifiċi għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għal dawk l-għanijiet. Wara din it-talba tal-fornitur, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni kompetenti jenħtieġ li jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha jew lil

awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' dak l-Istat Membru sabiex toħroġ ordni li tawtorizza lill-fornitur iżomm jew jimplimenta miżuri ta' mitigazzjoni li jikkonsistu fl-użu ta' teknoloġiji speċifiċi għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra sa fejn ikun strettament neċessarju biex jiġi identifikat, irrapportat u jitneħħa l-abbuż sesswali tat-tfal online mis-servizzi tagħhom.

Or. en

Emenda 12

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dik il-flessibbiltà tkun soġġetta għall-ħtieġa ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li, meta jfasslu u jimplimentaw il-miżuri ta' mitigazzjoni, il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku jagħtu importanza mhux biss lill-iżgurar tal-effettività tagħhom, iżda wkoll lill-evitar ta' kwalunkwe konsegwenza negattiva mhux dovuta għal partijiet affettwati oħrajn, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tal-utenti. Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, meta jiġi ddeterminat liema miżuri ta' mitigazzjoni jenħtieġ li jittieħdu b'mod raġonevoli f'sitwazzjoni partikolari, jenħtieġ li jitqiesu wkoll il-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi u d-daqs tal-fornitur ikkonċernat. Meta jagħżlu l-miżuri ta' mitigazzjoni xierqa, jenħtieġ li l-fornituri tal-anqas iqisu kif xieraq il-miżuri possibbli elenkati f'dan ir-	(18) Sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li dik il-flessibbiltà tkun soġġetta għall-ħtieġa ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li, meta jfasslu u jimplimentaw il-miżuri ta' mitigazzjoni, il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku jagħtu importanza mhux biss lill-iżgurar tal-effettività tagħhom, iżda wkoll lill-evitar ta' kwalunkwe konsegwenza negattiva mhux dovuta għal partijiet affettwati oħrajn, b'mod partikolari għall-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali tal-utenti ***u għalhekk ikunu l-anqas intruživi kemm jista' jkun***. Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, meta jiġi ddeterminat liema miżuri ta' mitigazzjoni jenħtieġ li jittieħdu b'mod raġonevoli f'sitwazzjoni partikolari, jenħtieġ li jitqiesu wkoll il-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi u d-daqs tal-fornitur ikkonċernat. Meta jagħżlu l-miżuri ta' mitigazzjoni xierqa, jenħtieġ li l-fornituri

Regolament, kif ukoll, fejn xieraq, miżuri oħrajn bħal dawk ibbażati fuq l-aħjar prattiki tal-industrija, inkluż kif stabbilit permezz ta' kooperazzjoni awtoregolatorja, u dawk li jinsabu fil-linji gwida mill-Kummissjoni. Meta ma jiġi identifikat l-ebda riskju wara li titwettaq jew tiġi aġġornata b'diliġenza l-valutazzjoni tar-riskju, jenħtieġ li l-fornituri ma jkunux meħtieġa jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni.

tal-anqas iqisu kif xieraq il-miżuri possibbli elenkati f'dan ir-Regolament, kif ukoll, fejn xieraq, miżuri oħrajn bħal dawk ibbażati fuq l-aħjar prattiki tal-industrija, inkluż kif stabbilit permezz ta' kooperazzjoni awtoregolatorja, u dawk li jinsabu fil-linji gwida mill-Kummissjoni. Meta ma jiġi identifikat l-ebda riskju wara li titwettaq jew tiġi aġġornata b'diliġenza l-valutazzjoni tar-riskju, jenħtieġ li l-fornituri ma jkunux meħtieġa jieħdu miżuri ta' mitigazzjoni.

Or. en

Emenda 13

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Bil-ħsieb li jiġu żgurati prevenzjoni u ġlieda effettivi kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, meta ***l-miżuri*** ta' mitigazzjoni ***jitqiesu insuffiċjenti sabiex*** jillimitaw ir-riskju ta' użu ħażin ta' ċertu servizz għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni dežinjati mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament jingħataw is-setgħa li jitolbu ***l-ħruġ*** ta' ordnijiet ta' detezzjoni. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe interferenza mingħajr bżonn mad-drittijiet fundamentali u sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, jenħtieġ li dik is-setgħa tkun soġġetta għal sett ta' limiti u ta' salvagwardji bbilanċjati bir-reqqa. Pereżempju, meta jitqies li l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal għandu t-tendenza li jiġi ***ddistribwit*** permezz ta' servizzi ta' hosting u servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, u li s-solleċitazzjoni tat-tfal isseħħ l-aktar f'servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, jenħtieġ li jkun possibbli li l-ordnijiet ta'	(20) Bil-ħsieb li jiġu żgurati prevenzjoni u ġlieda effettivi kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online, meta ***l-fornitur jirrifjuta li jikkoopera billi jistabbilixxi miżuri*** ta' mitigazzjoni ***mmirati biex*** jillimitaw ir-riskju ta' użu ħażin ta' ċertu servizz għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online, jenħtieġ li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni dežinjati mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament jingħataw is-setgħa li jitolbu***, bħala miżura tal-aħħar istanza, il-ħruġ*** ta' ordnijiet ta' detezzjoni. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe interferenza mingħajr bżonn mad-drittijiet fundamentali u sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, jenħtieġ li dik is-setgħa tkun soġġetta għal sett ta' limiti u ta' salvagwardji bbilanċjati bir-reqqa. Pereżempju, meta jitqies li l-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal għandu t-tendenza li jiġi ***ddisseminat*** permezz ta' servizzi ta' hosting u servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku, u li s-solleċitazzjoni tat-tfal isseħħ l-aktar f'servizzi ta' komunikazzjoni

detezzjoni jiġu indirizzati biss lill-fornituri ta’ tali servizzi.

interpersonali disponibbli għall-pubbliku, jenħtieġ li jkun possibbli li l-ordnijiet ta’ detezzjoni jiġu indirizzati biss lill-fornituri ta’ tali servizzi.

Or. en

Emenda 14

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Barra minn hekk, bħala partijiet minn dawk il-limiti u s-salvagwardji, jenħtieġ li l-ordnijiet ta’ detezzjoni jinħarġu biss wara valutazzjoni diliġenti u oġġettiva li twassal sabiex jinstab riskju sinifikanti li s-servizz speċifiku kkonċernat ikun qiegħed jintuża ħażin għal tip partikolari ta’ abbuż sesswali tat-tfal online kopert minn dan ir-Regolament. Wieħed mill-elementi li għandhom jitqiesu f’dan ir-rigward huwa l-probabbiltà li s-servizz jintuża sa punt ***apprezzabbli***, jiġifieri, lil hinn minn każijiet iżolati u relattivament rari, għal tali abbuż. Jenħtieġ li l-kriterji jvarjaw sabiex jitqiesu l-karatteristiċi differenti tad-diversi tipi ta’ abbuż sesswali tat-tfal online inkwistjoni u tal-karatteristiċi differenti tas-servizzi użati sabiex wieħed jidħol f’abbuż bħal dan, kif ukoll il-grad differenti relatat ta’ intrusività tal-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tiġi eżegwita l-ordni ta’ detezzjoni.	(21) Barra minn hekk, bħala partijiet minn dawk il-limiti u s-salvagwardji, jenħtieġ li l-ordnijiet ta’ detezzjoni jinħarġu biss wara valutazzjoni diliġenti u oġġettiva li twassal sabiex jinstab riskju sinifikanti li s-servizz speċifiku kkonċernat ikun qiegħed jintuża ħażin għal tip partikolari ta’ abbuż sesswali tat-tfal online kopert minn dan ir-Regolament. ***Għat-twettiq ta’ tali valutazzjoni jrid jiġi stabbilit djalogu mexxej bejn l-Awtorità ta’ Koordinazzjoni u l-fornitur. Sabiex jintlaħaq dak l-għan, jenħtieġ li jkun possibbli li l-Awtorità ta’ Koordinazzjoni titlob informazzjoni addizzjonali liċ-Ċentru tal-UE, lill-awtoritajiet kompetenti għall-protezzjoni tad-data jew lil awtorità jew entitajiet pubbliċi oħra.*** Wieħed mill-elementi li għandhom jitqiesu f’dan ir-rigward huwa l-probabbiltà li s-servizz jintuża sa punt ***sinifikanti***, jiġifieri, lil hinn minn każijiet iżolati u relattivament rari, għal tali abbuż***. Punt sinifikanti jista’ jinftiehem li jfisser li l-aċċess għal materjal ta’ abbuż sesswali tat-tfal jista’ jinfirex malajr u b’mod wiesa’ bi lħuq partikolarment wiesa’ jew b’mezzi oħra ta’ amplifikazzjoni***. Jenħtieġ li l-kriterji jvarjaw sabiex jitqiesu l-karatteristiċi differenti tad-diversi tipi ta’ abbuż sesswali tat-tfal online inkwistjoni u tal-karatteristiċi differenti tas-servizzi użati sabiex wieħed jidħol f’abbuż bħal dan, kif

ukoll il-grad differenti relatat ta' intrusività tal-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tiġi eżegwita l-ordni ta' detezzjoni.

Or. en

Emenda 15

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Barra minn hekk, sabiex tiġi evitata interferenza ***bla*** bżonn mad-drittijiet fundamentali u tiġi żgurata l-proporzjonalità, meta jiġi stabbilit li dawk ir-rekwiżiti jkunu ġew issodisfati u tinħareġ ordni ta' detezzjoni, xorta jenħtieġ li jiġi żgurat li l-ordni ta' detezzjoni tkun immirata u ***speċifikata*** sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe konsegwenza negattiva bħal din għall-partijiet affettwati ma tmurx lil hinn minn dak li jkun strettament neċessarju sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv ir-riskju sinifikanti identifikat. Jenħtieġ li dan jikkonċerna, b'mod partikolari, limitazzjoni għal parti jew għal komponent identifikabbli tas-servizz***, fejn possibbli, mingħajr preġudizzju għall-effettività tal-miżura***, bħal tipi speċifiċi ta' kanali ta' servizz ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli pubblikament, jew għal utenti speċifiċi jew għal gruppi speċifiċi ta' utenti, sal-punt li jistgħu jittieħdu f'iżolament għall-fini ta' detezzjoni, kif ukoll l-ispeċifikazzjoni tas-salvagwardji addizzjonali għal dawk diġà speċifikati espressament f'dan ir-Regolament, bħall-awditjar indipendenti, l-għoti ta' informazzjoni addizzjonali jew l-aċċess għad-data, jew is-sorveljanza u r-rieżami rinforzati mill-bniedem, u l-limitazzjoni ulterjuri tad-durata tal-applikazzjoni tal-ordni ta' detezzjoni li l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tqis bħala neċessarja. Sabiex jiġu evitati eżiti mhux	(23) Barra minn hekk, sabiex tiġi evitata interferenza ***mingħajr*** bżonn mad-drittijiet fundamentali u tiġi żgurata l-proporzjonalità, meta jiġi stabbilit li dawk ir-rekwiżiti jkunu ġew issodisfati u tinħareġ ordni ta' detezzjoni, xorta jenħtieġ li jiġi żgurat li l-ordni ta' detezzjoni tkun ***iġġustifikata, proporzjonata jew relatata mas-servizz speċifiku, mal-utenti jew mal-grupp ta' utenti,*** immirata u ***limitata fiż-żmien*** sabiex jiġi żgurat li kwalunkwe konsegwenza negattiva bħal din għall-partijiet affettwati ma tmurx lil hinn minn dak li jkun strettament neċessarju sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv ir-riskju sinifikanti identifikat. Jenħtieġ li dan jikkonċerna, b'mod partikolari, limitazzjoni għal parti jew għal komponent identifikabbli tas-servizz, bħal tipi speċifiċi ta' kanali ta' servizz ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli pubblikament, jew għal utenti speċifiċi jew għal gruppi speċifiċi ta' utenti, sal-punt li jistgħu jittieħdu f'iżolament għall-fini ta' detezzjoni, kif ukoll l-ispeċifikazzjoni tas-salvagwardji addizzjonali għal dawk diġà speċifikati espressament f'dan ir-Regolament, bħall-awditjar indipendenti, l-għoti ta' informazzjoni addizzjonali jew l-aċċess għad-data, jew is-sorveljanza u r-rieżami rinforzati mill-bniedem, u l-limitazzjoni ulterjuri tad-durata tal-applikazzjoni tal-ordni ta' detezzjoni li l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tqis bħala

raġonevoli jew sproporzjonati, jenħtieġ li tali rekwiżiti jiġu stabbiliti wara valutazzjoni oġġettiva u diliġenti mwettqa fuq bażi ta' każ b'każ.

neċessarja. Sabiex jiġu evitati eżiti mhux raġonevoli jew sproporzjonati, jenħtieġ li tali rekwiżiti jiġu stabbiliti wara valutazzjoni oġġettiva u diliġenti mwettqa fuq bażi ta' każ b'każ.

Or. en

Emenda 16

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) Il-miżuri meħudin mill-fornituri ta' servizzi ta' hosting u mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku sabiex jeżegwixxu ordnijiet ta' detezzjoni indirizzati lilhom jenħtieġ li jibqgħu strettament limitati għal dak li huwa speċifikat f'dan ir-Regolament u fl-ordnijiet ta' detezzjoni maħruġin f'konformità ma' dan ir-Regolament. Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dawk il-miżuri, ikunu jistgħu jinstabu soluzzjonijiet imfasslin apposta, tinżamm in-newtralità teknoloġika, u tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tal-obbligi ta' detezzjoni, jenħtieġ li dawk il-miżuri jittieħdu irrispettivament mit-teknoloġiji użati mill-fornituri kkonċernati b'rabta mal-forniment ta' servizzi tagħhom. Għalhekk, dan ir-Regolament iħalli f'idejn il-fornitur ikkonċernat l-għażla tat-teknoloġiji li għandhom jitħaddmu sabiex tinżamm konformità b'mod effettiv mal-ordnijiet ta' detezzjoni u jenħtieġ li ma jinftiehemx bħala li jinċentiva jew li jiddiżinċentiva l-użu ta' kwalunkwe teknoloġija partikolari, dment li t-teknoloġiji u l-miżuri ta' akkumpanjament jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. ***Dan jinkludi l-użu ta' teknoloġija ta' kriptaġġ minn tarf sa tarf, li hija għodda importanti sabiex tiggarantixxi s-sigurtà u l-kunfidenzjalità***	(26) Il-miżuri meħudin mill-fornituri ta' servizzi ta' hosting u mill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku sabiex jeżegwixxu ordnijiet ta' detezzjoni indirizzati lilhom jenħtieġ li jibqgħu strettament limitati għal dak li huwa speċifikat f'dan ir-Regolament u fl-ordnijiet ta' detezzjoni maħruġin f'konformità ma' dan ir-Regolament. Sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dawk il-miżuri, ikunu jistgħu jinstabu soluzzjonijiet imfasslin apposta, tinżamm in-newtralità teknoloġika, u tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni tal-obbligi ta' detezzjoni, jenħtieġ li dawk il-miżuri jittieħdu irrispettivament mit-teknoloġiji użati mill-fornituri kkonċernati b'rabta mal-forniment ta' servizzi tagħhom. Għalhekk, dan ir-Regolament iħalli f'idejn il-fornitur ikkonċernat l-għażla tat-teknoloġiji li għandhom jitħaddmu sabiex tinżamm konformità b'mod effettiv mal-ordnijiet ta' detezzjoni u jenħtieġ li ma jinftiehemx bħala li jinċentiva jew li jiddiżinċentiva l-użu ta' kwalunkwe teknoloġija partikolari, dment li t-teknoloġiji u l-miżuri ta' akkumpanjament jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Meta jeżegwixxu l-ordni ta' detezzjoni, jenħtieġ li l-fornituri jieħdu l-miżuri ta' salvagwardja kollha disponibbli sabiex jiżguraw li t-teknoloġiji

tal-komunikazzjonijiet tal-utenti, inklużi dawk tat-tfal. Meta jeżegwixxu l-ordni ta' detezzjoni, jenħtieġ li l-fornituri jieħdu l-miżuri ta' salvagwardja kollha disponibbli sabiex jiżguraw li t-teknoloġiji użati minnhom ma jkunux jistgħu jintużaw minnhom jew mill-impjegati tagħhom għal skopijiet oħrajn għajr il-konformità ma' dan ir-Regolament, u lanqas minn partijiet terzi, u b'hekk jiġi evitat li jiġu mxekklin is-sigurtà u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tal-utenti.	użati minnhom ma jkunux jistgħu jintużaw minnhom jew mill-impjegati tagħhom għal skopijiet oħrajn għajr il-konformità ma' dan ir-Regolament, u lanqas minn partijiet terzi, u b'hekk jiġi evitat li jiġu mxekklin is-sigurtà u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tal-utenti.
	Or. en

Emenda 17

Proposta għal regolament
Premessa 26a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(26a) Il-kriptaġġ minn tarf sa tarf huwa għodda importanti biex tiġi ggarantita s-sigurtà u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tal-utenti, inklużi dawk tat-tfal. Kwalunkwe dgħajfien tal-kriptaġġ minn tarf sa tarf jista' potenzjalment jiġi abbużat minn partijiet terzi malizzjużi. Għalhekk, jenħtieġ li l-ebda ħaġa f'dan ir-Regolament ma tiġi interpretata bħala li tipprojbixxi jew iddgħajjef il-kriptaġġ minn tarf sa tarf. Madankollu, sa fejn ikun strettament neċessarju u proporzjonat biex jiġi mmitigat ir-riskju ta' użu ħażin tas-servizzi tagħhom għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online, il-fornituri jenħtieġ li jiġu awtorizzati mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew minn awtorità amministrattiva indipendenti oħra biex jipproċessaw metadata li tista' tidentifika xejriet suspettużi ta' mġiba mingħajr ma jkollhom aċċess għall-kontenut tal-komunikazzjoni kriptata.
	Or. en

Emenda 18

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-forniturimal-obbligi ta' detezzjoni, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jagħmel disponibbli għall-forniturit eknoloġiji ta' detezzjoni li jistgħu jagħżlu li jużaw, mingħajr ħlas, għall-iskop uniku li jeżegwixxu l-ordnijiet ta' detezzjoni indirizzati lilhom. Jenħtieġ li l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jiġi kkonsultat dwar dawk it-teknoloġiji u l-modi li bihom jenħtieġ li jintużaw bl-aħjar mod sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli applikabbli tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali. Il-parir tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jenħtieġ li jitqies miċ-Ċentru tal-UE meta jiġu kkompilati l-listi tat-teknoloġiji disponibbli u wkoll mill-Kummissjoni meta tħejji linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-obbligi ta' detezzjoni. ***Il-forniturijistgħu*** joperaw it-teknoloġiji magħmulin disponibbli miċ-Ċentru tal-UE jew minn oħrajn ***jew*** teknoloġiji li jkunu żviluppaw huma stess, dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.	(27) Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-forniturimal-obbligi ta' detezzjoni, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jagħmel disponibbli għall-forniturit eknoloġiji ta' detezzjoni li jistgħu jagħżlu li jużaw, mingħajr ħlas, għall-iskop uniku li jeżegwixxu l-ordnijiet ta' detezzjoni indirizzati lilhom. Jenħtieġ li l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jiġi kkonsultat dwar dawk it-teknoloġiji u l-modi li bihom jenħtieġ li jintużaw bl-aħjar mod sabiex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli applikabbli tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali. Il-parir tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data jenħtieġ li jitqies miċ-Ċentru tal-UE meta jiġu kkompilati l-listi tat-teknoloġiji disponibbli u wkoll mill-Kummissjoni meta tħejji linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-obbligi ta' detezzjoni. ***Jenħtieġ li l-forniturima jkunux limitati*** joperaw it-teknoloġiji magħmulin disponibbli miċ-Ċentru tal-UE jew minn oħrajn ***iżda dejjem se jitħallew jużaw*** teknoloġiji li jkunu żviluppaw huma stess, dment li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 19

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Il-forniturit a' servizzi ta' hosting u l-forniturit a' servizzi ta' komunikazzjoni	(29) Il-forniturit a' servizzi ta' hosting u l-forniturit a' servizzi ta' komunikazzjoni

interpersonali disponibbli pubblikament huma f'pożizzjoni unika sabiex jidentifikaw abbuż sesswali potenzjali ***online*** tat-tfal li jinvolvi s-servizzi tagħhom. L-informazzjoni li jistgħu jiksbu meta joffru s-servizzi tagħhom spiss tkun indispensabbli sabiex jinvestigaw u ***jipprosegwixxu*** b'mod effettiv reati ta' abbuż sesswali tat-tfal. Għalhekk, ***jenħtieġ li jkunu meħtieġa jirrapportaw*** dwar abbuż sesswali tat-tfal ***online*** potenzjali fuq is-servizzi tagħhom, ***kull meta jsiru jafu bih, jiġifieri, meta jkun hemm motivazzjonijiet raġonevoli sabiex wieħed jemmen li attività partikolari tista' tikkostitwixxi abbuż sesswali tat-tfal online. Meta jkunu jeżistu raġunijiet raġonevoli bħal dawn***, ***jenħtieġ li d-dubji dwar l-età potenzjali tal-vittma ma jipprevjenux lil dawk il-fornituri milli jissottomettu rapporti. Fl-interess tal-effettività, jenħtieġ li jkun immaterjali b'liema mod jiksbu tali għarfien. Tali sensibilizzazzjoni tista', pereżempju, tinkiseb permezz tal-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' detezzjoni, permezz ta' informazzjoni ssenjalata mill-utenti jew minn organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, jew permezz ta' attivitajiet imwettqin fuq inizjattiva proprja tal-fornituri.*** Jenħtieġ li ***dawk il-fornituri jirrapportaw informazzjoni minima, kif speċifikata f'dan ir-Regolament, sabiex l-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu jivvalutaw jekk jiftħux investigazzjoni***, ***fejn rilevanti***, u jenħtieġ li jiżguraw li r-rapporti jkunu kompluti kemm jista' jkun qabel ma jissottomettuhom.

interpersonali disponibbli pubblikament huma f'pożizzjoni unika sabiex jidentifikaw abbuż sesswali potenzjali tat-tfal ***online*** li jinvolvi s-servizzi tagħhom. L-informazzjoni li jistgħu jiksbu meta joffru s-servizzi tagħhom spiss tkun indispensabbli sabiex jinvestigaw u ***jipproċessaw*** b'mod effettiv reati ta' abbuż sesswali tat-tfal. Għalhekk, ***malli jiksbu għarfien jew sensibilizzazzjoni effettivi*** dwar abbuż sesswali tat-tfal potenzjali fuq is-servizzi tagħhom, ***jenħtieġ li jaġixxu malajr biex ineħħu jew jiddiżattivaw l-aċċess għal dak il-kontenut u biex jirrapportawh liċ-Ċentru tal-UE f'konformità ma' dan ir-Regolament. It-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess jenħtieġ li jirrispettaw id-drittijiet fundamentali tar-riċevituri tas-servizz, inkluż id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni. Il-fornitur jista' jikseb tali għarfien jew sensibilizzazzjoni effettivi dwar l-abbuż sesswali tat-tfal potenzjali fuq is-servizzi tiegħu, fost l-oħrajn permezz tal-investigazzjonijiet fuq inizjattiva proprja tiegħu***, permezz tal-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' detezzjoni ***volontarji jew ordnijiet ta' detezzjoni***, ***kif ukoll*** permezz ta' informazzjoni ssenjalata mill-utenti***, awtorapportata mill-vittmi*** jew ***mill-organizzazzjonijiet, bħal hotlines,*** li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, jew permezz ta' ***notifiki magħmula mill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jew miċ-Ċentru tal-UE***. ***Meta jkunu jeżistu raġunijiet raġonevoli bħal dawn,*** jenħtieġ li ***d-dubji dwar l-età potenzjali tal-vittma ma jipprevjenux lil dawk il-fornituri milli jissottomettu rapporti. Dawk ir-rapporti jenħtieġ li jkun fihom informazzjoni minima***, ***kif speċifikata f'dan ir-Regolament***, u ***l-fornituri*** jenħtieġ li jiżguraw li r-rapporti jkunu kompluti kemm jista' jkun qabel ma jissottomettuhom ***sabiex l-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu jiffokaw fuq rapporti li x'aktarx iwasslu għall-irkupru ta' tfal, l-arrest ta'***

trasgressur, jew it-tnejn li huma.

Or. en

Emenda 20

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Sabiex jiġi żgurat li l-materjal ***online dwar l-abbuż*** sesswali tat-tfal jitneħħa malajr kemm jista' jkun wara li jiġi identifikat, l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment jenħtieġ li jkollhom is-setgħa li jitolbu lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jew lill-awtoritajiet amministrattivi indipendenti sabiex joħorġu ordni ta' tneħħija indirizzata lill-forniturі ta' servizzi ta' hosting. Peress li t-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess tista' taffettwa d-dritt tal-utenti li jkunu pprovdew il-materjal ikkonċernat, jenħtieġ li l-forniturі jinformaw lil dawn l-utenti bir-raġunijiet għat-tneħħija, sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' rimedju, soġġetti għal eċċezzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi evitat tfixkil fl-attivitajiet għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni, għall-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal.	(30) Sabiex jiġi żgurat li l-materjal ***ta' abbuż*** sesswali tat-tfal ***online*** jitneħħa malajr kemm jista' jkun wara li jiġi identifikat, l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment jenħtieġ li jkollhom is-setgħa li jitolbu lill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jew lill-awtoritajiet amministrattivi indipendenti sabiex joħorġu ordni ta' tneħħija indirizzata lill-forniturі ta' servizzi ta' hosting. Peress li t-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess tista' taffettwa d-dritt tal-utenti li jkunu pprovdew il-materjal ikkonċernat, jenħtieġ li l-forniturі jinformaw lil dawn l-utenti bir-raġunijiet għat-tneħħija, sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' rimedju, soġġetti għal eċċezzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi evitat tfixkil fl-attivitajiet għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni, għall-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal. ***L-ordnijiet ta' tneħħija jenħtieġ li jiġu indirizzati, bħala regola ġenerali, lill-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni li jaġixxu bħala riċevituri tas-servizz f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/2065. Bħala eċċezzjoni, meta l-kontenut jinħażen jew jiġi proċessat bħala parti minn infrastruttura pprovduta minn fornitur ieħor ta' servizz rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, l-ordni ta' tneħħija tista' tiġi indirizzata direttament lilha meta r-riċevitur tas-servizz ma jkunx jista' jiġi identifikat minkejja sforzi raġonevoli min-naħa tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni, jew***

meta l-indirizzar tar-riċevitur tas-servizz jista' jkun ta' detriment għal investigazzjoni li tkun għaddejja.

Or. en

Emenda 21

Proposta għal regolament
Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(31) Jenħtieġ li r-regoli ta' dan ir-Regolament ma jinftehmux bħala li jaffettwaw ir-rekwiżiti rigward l-ordnijiet ta' tneħħija stabbiliti fir-Regolament (UE) ***…/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE]***.	(31) Jenħtieġ li r-regoli ta' dan ir-Regolament ma jinftehmux bħala li jaffettwaw ir-rekwiżiti rigward l-ordnijiet ta' tneħħija stabbiliti fir-Regolament (UE) ***2022/2065***.

Or. en

Emenda 22

Proposta għal regolament
Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) Fl-interess tal-konsistenza, tal-effiċjenza u tal-effettività u sabiex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni, jenħtieġ li tali ordnijiet ta' mblukkar ikunu bbażati fuq il-lista ta' ***lokalizzaturi*** uniformi tar-riżorsi, li twassal għal oġġetti speċifiċi ta' abbuż sesswali tat-tfal verifikat, ikkompilata u pprovduta ċentralment miċ-Ċentru tal-UE fuq il-bażi ta' sottomissjonijiet verifikati b'diliġenza mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri. Sabiex jiġi evitat it-teħid ta' miżuri mhux ġustifikati jew sproporzjonati, speċjalment dawk li jaffettwaw mingħajr bżonn id-drittijiet fundamentali inkwistjoni, b'mod	(33) Fl-interess tal-konsistenza, tal-effiċjenza u tal-effettività u sabiex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' ċirkomvenzjoni, jenħtieġ li tali ordnijiet ta' mblukkar ikunu bbażati fuq il-lista ta' ***Identifikaturi*** Uniformi tar-Riżorsi, li twassal għal oġġetti speċifiċi ta' abbuż sesswali tat-tfal verifikat, ikkompilata u pprovduta ċentralment miċ-Ċentru tal-UE fuq il-bażi ta' sottomissjonijiet verifikati b'diliġenza mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri. Sabiex jiġi evitat it-teħid ta' miżuri mhux ġustifikati jew sproporzjonati, speċjalment dawk li jaffettwaw mingħajr bżonn id-drittijiet fundamentali inkwistjoni, b'mod

partikolari, minbarra d-drittijiet tat-tfal, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni tal-utenti u l-libertà ta' intrapriża tal-forniturі, jenħtieġ li jiġu stabbiliti limiti u salvagwardji xierqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-piżijiet imposti fuq il-forniturі tas-servizzi ta' aċċess għall-internet ikkonċernati ma jkunux irraġonevoli, li l-ħtieġa ***għall-ordnijiet*** ta' mblukkar u l-proporzjonalità ta' dawn jiġu vvalutati b'mod diliġenti anki wara l-ħruġ tagħhom u li kemm il-forniturі kif ukoll l-utenti affettwati jkollhom mezzi effettivi ta' rimedju ġudizzjarju kif ukoll mhux ġudizzjarju.	partikolari, minbarra d-drittijiet tat-tfal, il-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni tal-utenti u l-libertà ta' intrapriża tal-forniturі, jenħtieġ li jiġu stabbiliti limiti u salvagwardji xierqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-piżijiet imposti fuq il-forniturі tas-servizzi ta' aċċess għall-internet ikkonċernati ma jkunux irraġonevoli, li l-ħtieġa ***tal-ordnijiet*** ta' mblukkar u l-proporzjonalità ta' dawn jiġu vvalutati b'mod diliġenti anki wara l-ħruġ tagħhom u li kemm il-forniturі kif ukoll l-utenti affettwati jkollhom mezzi effettivi ta' rimedju ġudizzjarju kif ukoll mhux ġudizzjarju.
	Or. en

Emenda 23

Proposta għal regolament
Premessa 33a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(33a) Sabiex tiġi evitata d-disseminazzjoni tal-materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal lill-utenti fl-Unjoni, il-magni tat-tiftix online u kwalunkwe sistema oħra ta' intelliġenza artifiċjali jenħtieġ li jkunu soġġetti għal ordnijiet ta' tneħħija mil-lista. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jenħtieġ li jkollhom is-setgħa li joħorġu ordni ta' tneħħija mil-lista indirizzata lill-fornitur tal-magni tat-tiftix online jew kwalunkwe sistema oħra ta' intelliġenza artifiċjali taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li ddeżinjahom biex jieħdu miżuri raġonevoli bil-għan li jneħħu mil-lista riżorsa jew riżorsi partikolari li jindikaw oġġetti speċifiċi ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal.
	Or. en

Emenda 24

Proposta għal regolament
Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(35) ***Id-disseminazzjoni*** ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***hija*** reat kriminali li jaffettwa d-drittijiet tal-vittmi li jidhru fih. ***Għalhekk,*** jenħtieġ li l-vittmi jkollhom id-dritt li jiksbu, fuq talba, miċ-Ċentru tal-UE iżda permezz tal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, informazzjoni rilevanti jekk materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jidhru fih jiġi rrapportat minn fornituri ta' servizzi ta' hosting jew minn fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku f'konformità ma' dan ir-Regolament.	(35) ***Kull att ta' disseminazzjoni*** ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***huwa*** reat kriminali li jaffettwa d-drittijiet tal-vittmi li jidhru fih. ***Id-disseminazzjoni ripetuta ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal tikkostitwixxi forma ta' rivittimizzazzjoni u tista' tilħaq livell estrem f'każijiet tal-hekk imsejjaħ materjal "innegozjat ħafna".*** Jenħtieġ li l-vittmi jkollhom id-dritt li jiksbu, fuq talba, miċ-Ċentru tal-UE iżda permezz tal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, informazzjoni rilevanti jekk materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jidhru fih jiġi rrapportat minn fornituri ta' servizzi ta' hosting jew minn fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku f'konformità ma' dan ir-Regolament. ***Fit-trattament ta' talbiet bħal dawn minn każijiet ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal innegozjat ħafna, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari miċ-Ċentru tal-UE u mill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni biex tiġi żgurata s-salvagwardja tal-vittmi kkonċernati.***

Or. en

Emenda 25

Proposta għal regolament
Premessa 36

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(36) Minħabba l-impatt fuq id-drittijiet tal-vittmi li jidhru f'tali materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal u l-kapaċità tipika tal-fornituri ta' servizzi ta' hosting li	(36) Minħabba l-impatt fuq id-drittijiet tal-vittmi li jidhru f'tali materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal u l-kapaċità tipika tal-fornituri ta' servizzi ta' hosting li

jillimitaw dak l-impatt billi jgħinu fl-iżgurar li l-materjal ma jibqax disponibbli fuq is-servizzi tagħhom, jenħtieġ li dawk il-fornituri jassistu lill-vittmi li jitolbu t-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess tal-materjal inkwistjoni. Jenħtieġ li dik l-assistenza tibqa' limitata għal dik li tista' raġonevolment tintalab mill-fornitur ikkonċernat fiċ-ċirkostanzi partikolari, filwaqt li jitqiesu fatturi bħall-kontenut u ***l-ambitu*** tat-talba, il-passi meħtieġa sabiex jiġu lokalizzati l-oġġetti tal-materjal magħruf ikkonċernat ta' abbuż sesswali tat-tfal u l-mezzi disponibbli għall-fornitur. L-assistenza tista' tikkonsisti, pereżempju, fl-għajnuna sabiex jiġu lokalizzati l-oġġetti, jitwettqu kontrolli u jitneħħa jew jiġi ddiżattivat l-aċċess għall-oġġetti. Meta jitqies li t-twettiq tal-attivitajiet meħtieġa sabiex tinkiseb tali tneħħija jew diżattivazzjoni tal-aċċess jista' jikkawża weġgħat jew saħansitra jkun trawmatiku kif ukoll kumpless, jenħtieġ li l-vittmi jkollhom ukoll id-dritt li jiġu megħjunin miċ-Ċentru tal-UE f'dan ir-rigward, permezz tal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni.

jillimitaw dak l-impatt billi jgħinu fl-iżgurar li l-materjal ma jibqax disponibbli fuq is-servizzi tagħhom, jenħtieġ li dawk il-fornituri jassistu lill-vittmi li jitolbu t-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess tal-materjal inkwistjoni. ***Il-ġenituri jew il-kustodji jenħtieġ li jkollhom pożizzjoni legali ugwali biex jeżerċitaw id-drittijiet tal-vittma meta l-vittma ma tkunx tista' tagħmel dan minħabba l-età jew limitazzjonijiet oħra.*** Jenħtieġ li dik l-assistenza tibqa' limitata għal dik li tista' raġonevolment tintalab mill-fornitur ikkonċernat fiċ-ċirkostanzi partikolari, filwaqt li jitqiesu fatturi bħall-kontenut u ***l-kamp ta' applikazzjoni*** tat-talba, il-passi meħtieġa sabiex jiġu lokalizzati l-oġġetti tal-materjal magħruf ikkonċernat ta' abbuż sesswali tat-tfal u l-mezzi disponibbli għall-fornitur. L-assistenza tista' tikkonsisti, pereżempju, fl-għajnuna sabiex jiġu lokalizzati l-oġġetti, jitwettqu kontrolli u jitneħħa jew jiġi ddiżattivat l-aċċess għall-oġġetti. Meta jitqies li t-twettiq tal-attivitajiet meħtieġa sabiex tinkiseb tali tneħħija jew diżattivazzjoni tal-aċċess jista' jikkawża weġgħat jew saħansitra jkun trawmatiku kif ukoll kumpless, jenħtieġ li l-vittmi jkollhom ukoll id-dritt li jiġu megħjunin miċ-Ċentru tal-UE f'dan ir-rigward, permezz tal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni.

Or. en

Emenda 26

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) Għall-fini li jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt tal-vittmi għall-informazzjoni u ta' assistenza u ta' appoġġ għat-tneħħija jew għad-diżattivazzjoni tal-aċċess, jenħtieġ li l-vittmi jitħallew	(38) Għall-fini li jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt tal-vittmi għall-informazzjoni u ta' assistenza u ta' appoġġ għat-tneħħija jew għad-diżattivazzjoni tal-aċċess, jenħtieġ li l-vittmi jitħallew

jindikaw l-oġġett jew l-oġġetti rilevanti ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal li fir-rigward tagħhom ikunu qegħdin ifittxu li jiksbu informazzjoni jew it-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess jew bil-provvista tal-immaġni jew tal-immaġnijiet jew tal-vidjo jew tal-vidjos infushom, jew permezz tal-għoti ta' ***lokalizzaturi*** uniformi tar-riżorsi li jwasslu għall-oġġett jew għall-oġġetti speċifiċi ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, jew permezz ta' kwalunkwe rappreżentazzjoni oħra li tippermetti l-identifikazzjoni inekwivokabbli tal-oġġett jew tal-oġġetti inkwistjoni.	jindikaw l-oġġett jew l-oġġetti rilevanti ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal li fir-rigward tagħhom ikunu qegħdin ifittxu li jiksbu informazzjoni jew it-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess jew bil-provvista tal-immaġni jew tal-immaġnijiet jew tal-vidjo jew tal-vidjos infushom, jew permezz tal-għoti ta' ***Identifikaturi*** Uniformi tar-Riżorsi li jwasslu għall-oġġett jew għall-oġġetti speċifiċi ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, jew permezz ta' kwalunkwe rappreżentazzjoni oħra li tippermetti l-identifikazzjoni inekwivokabbli tal-oġġett jew tal-oġġetti inkwistjoni.

Or. en

Emenda 27

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) Sabiex jiġu ffaċilitati komunikazzjonijiet bla xkiel u effiċjenti b'mezzi elettroniċi, inkluż, fejn rilevanti, billi tiġi rrikonoxxuta r-riċevuta ta' tali komunikazzjonijiet, relatati ma' kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni jkunu meħtieġa jiddeżinjaw punt ta' kuntatt uniku u jippubblikaw l-informazzjoni rilevanti relatata ma' dak il-punt ta' kuntatt, inklużi l-lingwi li għandhom jintużaw f'tali komunikazzjonijiet. B'kuntrast mar-rappreżentant legali tal-fornitur, jenħtieġ li l-punt ta' kuntatt iservi skopijiet operazzjonali u jenħtieġ li ma jkunx meħtieġ ikollu post fiżiku. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet xierqa fir-rigward tal-lingwi ta' komunikazzjoni li għandhom jiġu speċifikati, sabiex jiġi żgurat li l-komunikazzjoni mingħajr xkiel ma tkunx	(40) Sabiex jiġu ffaċilitati komunikazzjonijiet bla xkiel u effiċjenti b'mezzi elettroniċi, inkluż, fejn rilevanti, billi tiġi rrikonoxxuta r-riċevuta ta' tali komunikazzjonijiet, relatati ma' kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni jkunu meħtieġa jiddeżinjaw punt ta' kuntatt uniku u jippubblikaw l-informazzjoni rilevanti relatata ma' dak il-punt ta' kuntatt, inklużi l-lingwi li għandhom jintużaw f'tali komunikazzjonijiet. B'kuntrast mar-rappreżentant legali tal-fornitur, jenħtieġ li l-punt ta' kuntatt iservi skopijiet operazzjonali u jenħtieġ li ma jkunx meħtieġ ikollu post fiżiku. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet xierqa fir-rigward tal-lingwi ta' komunikazzjoni li għandhom jiġu speċifikati, sabiex jiġi żgurat li l-komunikazzjoni mingħajr xkiel ma tkunx

ikkumplikata b'mod irraġonevoli. Għall-fornituri soġġetti għall-obbligu li jistabbilixxu funzjoni ta' konformità u jinnominaw uffiċjali tal-konformità f'konformità mar-Regolament (UE) ***…/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE]***, wieħed minn dawn l-uffiċjali ta' konformità jista' jinħatar bħala l-punt ta' kuntatt skont dan ir-Regolament, sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni koerenti tal-obbligi li jirriżultaw miż-żewġ oqfsa.	ikkumplikata b'mod irraġonevoli. Għall-fornituri soġġetti għall-obbligu li jistabbilixxu funzjoni ta' konformità u jinnominaw uffiċjali tal-konformità f'konformità mar-Regolament (UE) ***2022/2065***, wieħed minn dawn l-uffiċjali ta' konformità jista' jinħatar bħala l-punt ta' kuntatt skont dan ir-Regolament, sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni koerenti tal-obbligi li jirriżultaw miż-żewġ oqfsa.
	Or. en

Emenda 28

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) Fejn rilevanti u konvenjenti, soġġett għall-għażla tal-fornitur ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni u l-ħtieġa li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti legali applikabbli f'dan ir-rigward, jenħtieġ li jkun possibbli għal dawk il-fornituri li jiddeżinjaw punt uniku ta' kuntatt u rappreżentant legali uniku għall-finijiet tar-Regolament (UE) ***…/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE]*** u dan ir-Regolament.	(42) Fejn rilevanti u konvenjenti, soġġett għall-għażla tal-fornitur ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni u l-ħtieġa li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti legali applikabbli f'dan ir-rigward, jenħtieġ li jkun possibbli għal dawk il-fornituri li jiddeżinjaw punt uniku ta' kuntatt u rappreżentant legali uniku għall-finijiet tar-Regolament (UE) ***2022/2065*** u dan ir-Regolament.
	Or. en

Emenda 29

Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) Minħabba l-ħtieġa li tiġi żgurata l-effettività tal-obbligi imposti, jenħtieġ li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jingħataw setgħat ta' infurzar sabiex jindirizzaw il-ksur ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawn is-setgħat jinkludu s-setgħa li ***jiġi ristrett*** temporanjament l-aċċess tal-utenti tas-servizz ikkonċernat mill-ksur jew, biss meta dan ma jkunx teknikament fattibbli, għall-interfaċċa online tal-fornitur li fuqha jseħħ il-ksur. Fid-dawl tal-livell għoli ta' interferenza mad-drittijiet tal-fornituri ta' servizzi li tali setgħa tinvolvi, jenħtieġ li dawn tal-aħħar jiġu eżerċitati biss meta jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. Jenħtieġ li dawk il-kundizzjonijiet jinkludu l-kundizzjoni li l-ksur jirriżulta fil-faċilitazzjoni regolari u strutturali ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal, li jenħtieġ li jinftiehem bħala li jirreferi għal sitwazzjoni li fiha jkun jidher mill-evidenza kollha disponibbli li tali faċilitazzjoni tkun seħħet fuq skala kbira u fuq perjodu ta' żmien estiż.	(48) Minħabba l-ħtieġa li tiġi żgurata l-effettività tal-obbligi imposti, jenħtieġ li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jingħataw setgħat ta' infurzar sabiex jindirizzaw il-ksur ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawn is-setgħat jinkludu s-setgħa li ***jitolbu lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew lill-awtorità amministrattiva indipendenti tal-Istat Membru li ddeżinjahom biex jirrestringu*** temporanjament l-aċċess tal-utenti tas-servizz ikkonċernat mill-ksur jew, biss meta dan ma jkunx teknikament fattibbli, għall-interfaċċa online tal-fornitur li fuqha jseħħ il-ksur. Fid-dawl tal-livell għoli ta' interferenza mad-drittijiet ***tal-utenti u*** tal-fornituri ta' servizzi li tali setgħa tinvolvi, jenħtieġ li dawn tal-aħħar jiġu eżerċitati biss meta jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. Jenħtieġ li dawk il-kundizzjonijiet jinkludu l-kundizzjoni li l-ksur jirriżulta fil-faċilitazzjoni regolari u strutturali ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal, li jenħtieġ li jinftiehem bħala li jirreferi għal sitwazzjoni li fiha jkun jidher mill-evidenza kollha disponibbli li tali faċilitazzjoni tkun seħħet fuq skala kbira u fuq perjodu ta' żmien estiż.

Or. en

Emenda 30

Proposta għal regolament
Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(49) Sabiex jiġi vverifikat li r-regoli ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni u dwar l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' detezzjoni, ta' ***ordnijiet*** ta' tneħħija jew ta' ordnijiet ta' ***mblukkar*** li tkun ħarġet, huma effettivament osservati fil-prattika, jenħtieġ	(49) Sabiex jiġi vverifikat li r-regoli ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk dwar il-miżuri ta' mitigazzjoni u dwar l-eżekuzzjoni ta' ordnijiet ta' detezzjoni ***volontarji***, ta' ***detezzjoni,*** ta' tneħħija***, ta' mblukkar*** jew ta' ordnijiet ta' ***tneħħija mil-lista*** li tkun ħarġet, huma effettivament

li kull Awtorità ta' Koordinazzjoni tkun tista' twettaq tfittxijiet, billi tuża l-indikaturi rilevanti pprovduti miċ-Ċentru tal-UE, sabiex tidentifika ***t-tixrid*** ta' materjal magħruf jew ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal permezz ta' materjal disponibbli għall-pubbliku fis-servizzi ta' hosting tal-fornituri kkonċernati.	osservati fil-prattika, jenħtieġ li kull Awtorità ta' Koordinazzjoni tkun tista' twettaq tfittxijiet, billi tuża l-indikaturi rilevanti pprovduti miċ-Ċentru tal-UE, sabiex tidentifika ***d-disseminazzjoni*** ta' materjal magħruf jew ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal permezz ta' materjal disponibbli għall-pubbliku fis-servizzi ta' hosting tal-fornituri kkonċernati.
	Or. en

Emenda 31

Proposta għal regolament
Premessa 53

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(53) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li għall-ksur tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament ikun hemm penali li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, filwaqt li jitqiesu elementi bħan-natura, il-gravità, ir-rikorrenza u d-durata tal-ksur, fid-dawl tal-interess pubbliku segwit, il-kamp ta' applikazzjoni u t-tip ta' attivitajiet imwettqin, kif ukoll il-kapaċità ekonomika tal-fornitur ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni kkonċernati.	(53) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li għall-ksur tal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament ikun hemm penali li ***jistgħu jkunu ta' natura amministrattiva jew penali, kif ukoll, fejn xieraq, linji ta' gwida dwar il-metodi tal-kalkoli tal-multi li*** jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, filwaqt li jitqiesu elementi bħan-natura, il-gravità, ir-rikorrenza u d-durata tal-ksur, fid-dawl tal-interess pubbliku segwit, il-kamp ta' applikazzjoni u t-tip ta' attivitajiet imwettqin, kif ukoll il-kapaċità ekonomika tal-fornitur ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni kkonċernati. ***Jenħtieġ li jiġu imposti penali b'mod partikolari dawk severi fuq il-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni fil-każ li dawk il-fornituri tas-servizzi jonqsu sistematikament jew b'mod persistenti milli jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li dawk il-penali ma jħeġġux ir-rapportar żejjed jew it-tneħħija ta' materjal li ma jikkostitwixxix materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.***
	Or. en

Emenda 32

Proposta għal regolament
Premessa 64

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(64) Minħabba s-sensittività tad-data kkonċernata u ***bl-għan*** li jiġu evitati kwalunkwe żball u użu ħażin possibbli, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti regoli stretti dwar l-aċċess għal dawk il-bażijiet tad-data ta' indikaturi u għal bażijiet tad-data ta' rapporti, dwar id-data li tinsab fihom u dwar is-sigurtà tagħhom. B'mod partikolari, jenħtieġ li d-data kkonċernata ma tinħażinx għal aktar żmien milli huwa strettament neċessarju. Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, l-aċċess għall-bażi tad-data tal-indikaturi jenħtieġ li jingħata biss lill-partijiet u għall-finijiet speċifikati f'dan ir-Regolament, soġġett għall-kontrolli miċ-Ċentru tal-UE, u jkun limitat fiż-żmien u ***fl-ambitu*** għal dak li jkun strettament neċessarju għal dawk l-għanijiet.	(64) Minħabba s-sensittività tad-data kkonċernata u ***bil-għan*** li jiġu evitati kwalunkwe żball u użu ħażin possibbli, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti regoli stretti dwar l-aċċess għal dawk il-bażijiet tad-data ta' indikaturi u għal bażijiet tad-data ta' rapporti, dwar id-data li tinsab fihom u dwar is-sigurtà tagħhom. B'mod partikolari, jenħtieġ li d-data kkonċernata ma tinħażinx għal aktar żmien milli huwa strettament neċessarju. Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, l-aċċess għall-bażi tad-data tal-indikaturi jenħtieġ li jingħata biss ***fuq talba*** lill-partijiet u għall-finijiet speċifikati f'dan ir-Regolament, soġġett għall-kontrolli miċ-Ċentru tal-UE, u jkun limitat fiż-żmien u ***fil-kamp ta' applikazzjoni*** għal dak li jkun strettament neċessarju għal dawk l-għanijiet.

Or. en

Emenda 33

Proposta għal regolament
Premessa 65

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(65) Sabiex jiġi evitat rapportar żbaljat ta' abbuż sesswali tat-tfal online skont dan ir-Regolament u sabiex l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu jiffokaw fuq il-kompiti investigattivi ewlenin tagħhom, jenħtieġ li r-rapporti jgħaddu miċ-Ċentru tal-UE***. Iċ-Ċentru tal-UE*** jenħtieġ li ***jivvaluta dawk ir-rapporti sabiex jidentifika dawk*** li ***huma*** manifestament	(65) Sabiex jiġi evitat rapportar żbaljat ta' abbuż sesswali tat-tfal online skont dan ir-Regolament u sabiex l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi jkunu jistgħu jiffokaw fuq il-kompiti investigattivi ewlenin tagħhom, jenħtieġ li r-rapporti jgħaddu miċ-Ċentru tal-UE ***u dawk ir-rapporti*** jenħtieġ li ***jiġu vvalutati f'waqtu biex jiġi żgurat*** li ***tittieħed deċiżjoni dwar ir-rilevanza***

infondati***, jiġifieri***, fejn ikun immedjatament evidenti, mingħajr ebda analiżi legali jew fattwali sostantiva, li l-attivitajiet irrapportati ma jikkostitwixxux abbuż sesswali tat-tfal online. ***Meta r-rapport ikun manifestament infondati***, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jipprovdi feedback lill-fornitur tar-rapportar tas-servizzi ta' hosting jew tal-fornitur ta' servizzi tal-komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku sabiex jippermetti titjib fit-teknoloġiji u fil-proċessi użati u għal passi xierqa oħrajn, bħall-introduzzjoni mill-ġdid ta' materjal imneħħi b'mod żbaljat. ***Peress*** li kull rapport jista' ***jkun*** mezz importanti sabiex jiġu investigati u pproċessati r-reati ta' abbuż sesswali tat-tfal ikkonċernati u sabiex tiġi salvata l-vittma tal-abbuż***, jenħtieġ li r-rapporti jiġu pproċessati malajr kemm jista' jkun***.

kriminali tal-materjal irrapportat kmieni kemm jista' jkun u biex tiġi limitata kemm jista' jkun iż-żamma ta' data irrilevanti. Ir-rapporti se jitqiesu manifestament infondati, fejn ikun immedjatament evidenti, mingħajr ebda analiżi legali jew fattwali sostantiva, li l-attivitajiet irrapportati ma jikkostitwixxux abbuż sesswali tat-tfal online. ***F'dawk il-każijiet***, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jipprovdi feedback lill-fornitur tar-rapportar tas-servizzi ta' hosting jew tal-fornitur ta' servizzi tal-komunikazzjoni interpersonali disponibbli għall-pubbliku sabiex jippermetti titjib fit-teknoloġiji u fil-proċessi użati u għal passi xierqa oħrajn, bħall-introduzzjoni mill-ġdid ta' materjal imneħħi b'mod żbaljat. ***Meta ċ-Ċentru tal-UE jqis li rapport ma jkunx manifestament infondat, jenħtieġ li jibgħat ir-rapport lill-awtorità jew lill-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi tal-Istat Membru li x'aktarx ikollu ġuriżdizzjoni biex jinvestiga jew jipproċessa l-abbuż sesswali tat-tfal potenzjali li r-rapport ikun relatat miegħu jew lill-Europol f'dawk il-każijiet fejn dik l-awtorità kompetenti tal-infurzar tal-liġi jew dawk l-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi ma jkunux jistgħu jiġu ddeterminati b'biżżejjed ċertezza. Anki f'każijiet fejn l-awtorità nazzjonali kompetenti tal-infurzar tal-liġi tkun ġiet identifikata, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jibgħat ir-rapporti kollha li ma jkunux manifestament infondati lill-Europol, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, li jiddeterminaw il-fini jew il-finijiet li għalihom għandu jiġi pproċessat mill-Europol kif ukoll il-kundizzjonijiet għal tali pproċessar. Sakemm dak li jikkostitwixxi rapport azzjonabbli jista' jvarja minn Stat Membru għal ieħor, minħabba leġiżlazzjonijiet nazzjonali differenti,*** kull rapport jista' ***jservi bħala*** mezz importanti sabiex jiġu investigati u pproċessati r-reati ta' abbuż sesswali tat-tfal ikkonċernati u sabiex tiġi salvata l-

vittma tal-abbuż.

Or. en

Emenda 34

Proposta għal regolament
Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(68) Il-proċessar u l-ħżin ta' ċerta data personali huma neċessarji għat-twettiq tal-kompiti taċ-Ċentru tal-UE skont dan ir-Regolament. Sabiex jiġi żgurat li tali data personali tkun protetta b'mod adegwat, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jipproċessa u jaħżen data personali biss jekk ikunu strettament neċessarji għall-finijiet dettaljati f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jagħmel dan b'mod sigur u ***tillimita*** l-ħżin għal dak li jkun strettament neċessarju għat-twettiq tal-kompiti rilevanti.	(68) Il-proċessar u l-ħżin ta' ċerta data personali huma neċessarji għat-twettiq tal-kompiti taċ-Ċentru tal-UE skont dan ir-Regolament. Sabiex jiġi żgurat li tali data personali tkun protetta b'mod adegwat, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jipproċessa u jaħżen data personali biss jekk ikunu strettament neċessarji għall-finijiet dettaljati f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li jagħmel dan b'mod sigur u ***sorveljat u jillimita*** l-ħżin għal dak li jkun strettament neċessarju għat-twettiq tal-kompiti rilevanti ***u għal perjodu massimu ta' żamma ta' 24 xahar***.

Or. en

Emenda 35

Proposta għal regolament
Premessa 70

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(70) L-appoġġ fit-tul tal-Unjoni kemm għall-INHOPE kif ukoll għall-hotlines membri tagħha jirrikonoxxi li l-hotlines jinsabu fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online. Jenħtieġ li ***ċ-Ċentru tal-UE jagħmel l-aqwa użu min-network tal-hotlines*** u ***jħeġġiġhom jaħdmu flimkien*** b'mod effettiv mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, mal-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà	(70) L-appoġġ fit-tul tal-Unjoni kemm għall-INHOPE kif ukoll għall-hotlines membri tagħha jirrikonoxxi li l-hotlines jinsabu fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online. ***Iċ-Ċentru tal-UE*** jenħtieġ li ***jingrana n-network ta' hotlines, jikkonkludi, fejn meħtieġ, memoranda ta' qbil magħhom,*** u ***jħeġġeġ li dawn jikkooperaw u jikkoordinaw*** b'mod effettiv mal-Awtoritajiet ta'

tal-informazzjoni u mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri. L-għarfien espert u l-esperjenza tal-hotlines huma sors imprezzabbli ta' informazzjoni dwar l-identifikazzjoni bikrija ta' theddid u ta' soluzzjonijiet komuni, kif ukoll dwar id-differenzi reġjonali u nazzjonali madwar l-Unjoni.	Koordinazzjoni, mal-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni u mal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri. L-għarfien espert u l-esperjenza tal-hotlines huma sors imprezzabbli ta' informazzjoni dwar l-identifikazzjoni bikrija ta' theddid u ta' soluzzjonijiet komuni, kif ukoll dwar id-differenzi reġjonali u nazzjonali madwar l-Unjoni.
	Or. en

Emenda 36

Proposta għal regolament
Premessa 71

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(71) Filwaqt li jqis il-mandat tal-Europol u l-esperjenza tagħha fl-identifikazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'sitwazzjoni mhux ċara u l-bażi tad-data tagħha tal-intelligence kriminali li tista' tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' konnessjonijiet ma' investigazzjonijiet fi Stati Membri oħrajn, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jikkoopera mill-qrib magħha, speċjalment sabiex tiġi żgurata l-identifikazzjoni ***rapida*** tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-infurzar tal-liġi f'każijiet li fihom din ma tkunx ċara jew fejn jistgħu jkunu affettwati aktar minn Stat Membru wieħed.	(71) Filwaqt li jqis il-mandat tal-Europol u l-esperjenza tagħha fl-identifikazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'sitwazzjoni mhux ċara u l-bażi tad-data tagħha tal-intelligence kriminali li tista' tikkontribwixxi għall-identifikazzjoni ta' konnessjonijiet ma' investigazzjonijiet fi Stati Membri oħrajn, jenħtieġ li ċ-Ċentru tal-UE jikkoopera mill-qrib magħha, speċjalment sabiex tiġi żgurata l-identifikazzjoni ***f'qasir żmien*** tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-infurzar tal-liġi f'każijiet li fihom din ma tkunx ċara jew fejn jistgħu jkunu affettwati aktar minn Stat Membru wieħed. ***Iċ-Ċentru tal-UE, filwaqt li huwa entità indipendenti, jenħtieġ li jimmassimizza l-effiċjenza billi jikkondividi, fejn possibbli, funzjonijiet ta' appoġġ mal-Europol u mas-servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni (IT).***
	Or. en

Emenda 37

Proposta għal regolament
Premessa 72

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(72) ***Fid-dawl tal-ħtieġa*** li ***ċ-Ċentru tal-UE jikkoopera b'mod intensiv mal-Europol, jenħtieġ li l-kwartieri ġenerali taċ-Ċentru tal-UE jkunu jinsabu qrib dawk tal-Europol, li jinsabu f'The Hague, in-Netherlands. Kemm in-natura sensittiva ħafna tar-rapporti kondiviżi mal-Europol miċ-Ċentru tal-UE kif ukoll ir-rekwiżiti tekniċi, bħal dwar konnessjonijiet siguri tad-data, jibbenefikaw minn post kondiviż bejn iċ-Ċentru tal-UE u l-Europol. Ikun jippermetti wkoll li ċ-Ċentru*** tal-UE***, filwaqt*** li ***jkun entità indipendenti, jibbaża fuq is-servizzi ta' appoġġ tal-Europol, b'mod partikolari dawk rigward il-ġestjoni tar-riżorsi umani, it-teknoloġija tal-informazzjoni (IT)***, ***inklużi ċ-ċibersigurtà, il-bini u l-komunikazzjonijiet. Il-kondiviżjoni ta' dawn is-servizzi ta' appoġġ hija aktar kosteffiċjenti*** u ***tiżgura servizz aktar professjonali mid-duplikazzjoni tagħhom billi jinħolqu mill-ġdid***.	(72) ***Jenħtieġ*** li ***l-arranġamenti dwar is-sede taċ-Ċentru tal-UE jiġu stabbiliti fi ftehim dwar il-kwartieri ġenerali bejn iċ-Ċentru tal-UE u l-Istat Membru ospitanti. Il-ftehim dwar il-kwartieri ġenerali jenħtieġ li jistipula l-kundizzjonijiet tal-istabbiliment tas-sede u l-vantaġġi mogħtija mill-Istat Membru liċ-Ċentru tal-UE u lill-persunal tiegħu. F'konformità mal-punt 9 tal-Approċċ Komuni tad-19 ta' Lulju 2012 dwar il-post tas-sede tal-aġenziji deċentralizzati, iċ-Ċentru*** tal-UE ***jenħtieġ*** li ***jikkonkludi ftehim dwar il-kwartieri ġenerali mal-Istat Membru ospitanti f'waqtu qabel ma jibda l-fażi operazzjonali tiegħu. Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja***, ***l-għażla tal-post tas-sede jenħtieġ li ssir f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja*** u ***jenħtieġ li tirrispetta l-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 38

Proposta għal regolament
Premessa 74a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(74a) Wieħed mill-pilastri ta' dan ir-Regolament huwa l-assistenza u l-appoġġ tal-vittmi tal-abbuż sesswali tat-tfal. Sabiex il-ħtiġijiet individwali tal-vittmi jinftiehmu u jiġu indirizzati aħjar, huwa essenzjali li jinħoloq forum fejn l-

organizzazzjonijiet tal-vittmi jinstemgħu u ċ-Ċentru tal-UE jkun jista' jitgħallem mill-esperjenza, l-għarfien espert u l-għarfien tagħhom. Il-Forum Konsultattiv tal-Vittmi se jkollu rwol ewlieni fl-għoti ta' pariri liċ-Ċentru tal-UE fl-approċċ tiegħu għall-kwistjonijiet kollha relatati mal-vittmi.

Or. en

Emenda 39

Proposta għal regolament
Premessa 84

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(84) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġew ikkonsultati f'konformità mal-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48] u taw l-opinjoni tagħhom ***nhar […]***.	(84) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġew ikkonsultati f'konformità mal-Artikolu 42(2) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48] u taw l-opinjoni ***kongunta*** tagħhom ***fit-28 ta' Lulju 2022***.
[48] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).	[48] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Or. en

Emenda 40

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) obbligi fuq il-fornituri tal-magni tat-tiftix online u kwalunkwe sistema oħra ta' intelliġenza artifiċjali biex ineħħu mil-lista jew jiddiżattivaw oġġetti speċifiċi ta' abbuż sesswali tat-tfal, jew it-tnejn li huma;

Or. en

Emenda 41

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) id-Direttiva 2000/31/KE u r-Regolament (UE) ***…/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE]***;	(b) id-Direttiva 2000/31/KE u r-Regolament (UE) ***2022/2065***;

Or. en

Emenda 42

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) Ir-Regolament (UE) .../... dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali).

Or. en

Emenda 43

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) "servizz ta' hosting" tfisser servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni kif definit fl-Artikolu ***2***, il-punt ***(f)***, it-tielet inċiż, tar-Regolament (UE) ***…/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE]***;	(a) "servizz ta' hosting" tfisser servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni kif definit fl-Artikolu ***3***, il-punt ***(g)***, it-tielet inċiż, tar-Regolament (UE) ***2022/2065***;

Or. en

Emenda 44

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) "applikazzjoni tas-software" tfisser prodott jew servizz diġitali kif definit fl-Artikolu 2, il-punt ***13***, tar-Regolament (UE) ***…/…[dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq Diġitali)]***;	(c) "applikazzjoni tas-software" tfisser prodott jew servizz diġitali kif definit fl-Artikolu 2, il-punt ***15***, tar-Regolament (UE) ***2022/1925***;

Or. en

Emenda 45

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) "ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software" tfisser servizz kif definit fl-Artikolu 2, il-punt ***12***, tar-Regolament (UE) ***…/…*** [dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-Swieq	(d) "ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software" tfisser servizz kif definit fl-Artikolu 2, il-punt ***14***, tar-Regolament (UE) ***2022/1925*** [dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali (l-Att dwar is-

Diġitali)];	Swieq Diġitali)];

Or. en

Emenda 46

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) "magna tat-tiftix online" tfisser servizz intermedjarju kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2022/2065;

Or. en

Emenda 47

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) "servizz intermedjarju" tfisser servizz kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (g), tar-Regolament (UE) 2022/2065;

Or. en

Emenda 48

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ec (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ec) "sistema ta' intelliġenza artifiċjali" (sistema tal-IA) tfisser software kif definit fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) .../... dwar l-Intelliġenza Artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza

Artifiċjali);

Or. en

Emenda 49

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f – punt iva (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iva) magna tat-tiftix online;

Or. en

Emenda 50

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt f – punt ivb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ivb) sistema ta' intelliġenza artifiċjali.

Or. en

Emenda 51

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) "l-offerta ta' servizzi fl-Unjoni" tfisser li l-offerta ta' servizzi fl-Unjoni kif definita fl-Artikolu ***2***, il-punt (d), tar-Regolament (UE) ***…/…[dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE]***;	(g) "l-offerta ta' servizzi fl-Unjoni" tfisser li l-offerta ta' servizzi fl-Unjoni kif definita fl-Artikolu ***3***, il-punt (d), tar-Regolament (UE) ***2022/2065***;

Or. en

Emenda 52

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) "utenti tfal" tfisser persuni fiżiċi li jużaw servizz rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni u li jkunu persuni fiżiċi taħt is-17-il sena;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

"Utenti tfal" huma "tfal" kif definiti fil-punt (i) u "utent" kif definit fil-punt (h) u għalhekk dan ikun żejjed.

Emenda 53

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(m) "materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal" tfisser materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ***potenzjali*** identifikat bl-użu tal-indikaturi li jinsabu fil-bażi tad-data tal-indikaturi msemmijin fl-Artikolu 44(1), il-punt (a);	(m) "materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal" tfisser materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal identifikat bl-użu tal-indikaturi li jinsabu fil-bażi tad-data tal-indikaturi msemmijin fl-Artikolu 44(1), il-punt (a);

Or. en

Emenda 54

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt qa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(qa) "vittma" tfisser:

	Persuna li tirrisjedi fl-Unjoni Ewropea li għandha anqas minn 18-il sena u li sofriet reati ta' abbuż sesswali tat-tfal. Għall-fini tal-eżerċitar tad-drittijiet tal-vittma rikonoxxuti f'dan ir-Regolament, il-ġenituri u l-kustodji għandhom jitqiesu bħala vittmi.

Or. en

Emenda 55

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt r

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(r) "sistema abbażi ta' rakkomandazzjoni" tfisser is-sistema kif definita fl-Artikolu ***2***, il-punt ***(o)***, tar-Regolament (UE) ***…/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE]***;	(r) "sistema abbażi ta' rakkomandazzjoni" tfisser is-sistema kif definita fl-Artikolu ***3***, il-punt ***(s)***, tar-Regolament (UE) ***2022/2065***;

Or. en

Emenda 56

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt t

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(t) "moderazzjoni tal-kontenut" tfisser l-attivitajiet kif definiti fl-Artikolu ***2***, il-punt ***(p)***, tar-Regolament (UE) ***…/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE]***;	(t) "moderazzjoni tal-kontenut" tfisser l-attivitajiet kif definiti fl-Artikolu ***3***, il-punt ***(t)***, tar-Regolament (UE) ***2022/2065***;

Or. en

Emenda 57

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) "termini u kundizzjonijiet" tfisser termini u kundizzjonijiet kif definiti fl-Artikolu ***2***, il-punt ***(q)***, tar-Regolament (UE) ***…/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE]***;	(v) "termini u kundizzjonijiet" tfisser termini u kundizzjonijiet kif definiti fl-Artikolu ***3***, il-punt ***(u)***, tar-Regolament (UE) ***2022/2065***;

Or. en

Emenda 58

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt wa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(wa) "metadata" tfisser data pproċessata għall-finijiet tat-trażmissjoni, id-distribuzzjoni jew l-iskambju ta' data dwar il-kontenut; inkluża data użata biex jiġu ttraċċati u identifikati s-sors u d-destinazzjoni ta' komunikazzjoni, id-data dwar il-post u d-data, il-ħin, id-durata u t-tip ta' komunikazzjoni;

Or. en

Emenda 59

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt wb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(wb) "hotline" tfisser organizzazzjoni rikonoxxuta uffiċjalment mill-Istat Membru tal-istabbiliment tagħha li

tipprovdi mekkaniżmu, għajr il-kanali ta' rapportar ipprovduti mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, biex tirċievi lmenti anonimi mill-vittmi u mill-pubbliku dwar allegat abbuż sesswali tat-tfal online.

Or. en

Emenda 60

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom jidentifikaw, janalizzaw u jivvalutaw, għal kull tali servizz li joffru, ir-riskju tal-użu tas-servizz għall-finijiet ta' abbuż sesswali tat-tfal online.	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom jidentifikaw, janalizzaw u jivvalutaw, għal kull tali servizz li joffru, ir-riskju tal-użu tas-servizz għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online. ***Għal dak l-għan, il-fornituri soġġetti għal obbligu li jwettqu valutazzjoni tar-riskju skont ir-Regolament (UE) 2022/2065 jistgħu jibbażaw fuq dik il-valutazzjoni tar-riskju u jikkomplementawha b'valutazzjoni aktar speċifika tar-riskji tal-użu tas-servizzi tagħhom għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online.***

Or. en

Emenda 61

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— funzjonalitajiet li jippermettu l-verifika tal-età;	— funzjonalitajiet li jippermettu ***l-assigurazzjoni tal-età u l-punteġġ tal-età, mingħajr preġudizzju għal mekkaniżmi oħra li jippermettu*** l-verifika tal-età***, b'kunsiderazzjoni partikolari għall-impatti ta' tali miżuri fuq id-drittijiet***

fundamentali;

Or. en

Emenda 62

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— funzjonalitajiet li jippermettu lill-utenti jissenjalaw abbuż sesswali tat-tfal online lill-fornitur permezz ta' għodod li jkunu faċilment aċċessibbli u adattati għall-età;	— funzjonalitajiet li jippermettu lill-utenti jissenjalaw ***jew jinnotifikaw*** abbuż sesswali tat-tfal online lill-fornitur permezz ta' għodod li jkunu faċilment aċċessibbli u adattati għall-età***, inklużi kanali ta' rapportar anonimi diġà disponibbli kif definiti mid-Direttiva (UE) 2019/1937***;

Or. en

Emenda 63

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	— ***funzjonalitajiet li jippermettu kontrolli adattati għall-età mill-ġenituri;***

Or. en

Emenda 64

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – inċiż 4b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	— ***funzjonalitajiet li jippermettu l-awtorapportar.***

Or. en

Emenda 65

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-kapaċità, filwaqt li jitqies l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, li jiġu ttrattati b'mod sinifikanti rapporti u notifiki dwar l-abbuż sesswali tat-tfal f'waqtu;

Or. en

Emenda 66

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-mod li bih l-utenti jużaw is-servizz u l-impatt tiegħu fuq dak ir-riskju;	(c) il-mod li bih l-utenti jużaw is-servizz u l-impatt ***negattiv*** tiegħu fuq dak ir-riskju;

Or. en

Emenda 67

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-mod li bih il-fornitur ikun iddeżinja u jopera s-servizz, inklużi l-mudell tan-negozju, il-governanza u s-sistemi u l-proċessi rilevanti, u l-impatt tagħhom fuq dak ir-riskju;	(d) il-mod li bih il-fornitur ikun iddeżinja u jopera s-servizz, inklużi l-mudell tan-negozju, il-governanza***, it-tip ta' utenti fil-mira,*** u s-sistemi u l-proċessi rilevanti, u l-impatt ***negattiv*** tagħhom fuq dak ir-riskju;

Or. en

Emenda 68

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-punt sa fejn jintuża jew x'aktarx jintuża s-servizz mit-tfal;	(i) il-punt sa fejn jintuża jew x'aktarx jintuża s-servizz mit-tfal ***u sa liema punt is-servizz ikun qed jimmira lejn l-utenti tfal***;

Or. en

Emenda 69

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt iii – inċiż 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	— ***il-possibbiltà ta' kuntatt mhux mitlub għall-utenti u, b'mod partikolari, li l-utenti adulti jinvolvu ruħhom u jagħmlu kuntatt ma' utenti tfal li ma jafuhomx;***

Or. en

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt iii – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— il-possibbiltà li l-utenti jistabbilixxu kuntatt ma' utenti oħrajn direttament, b'mod partikolari permezz ta' komunikazzjonijiet privati;	— il-possibbiltà li l-utenti jistabbilixxu kuntatt ma' utenti oħrajn direttament, b'mod partikolari ***f'servizzi li huma direttament immirati lejn l-utenti tfal jew*** permezz ta' komunikazzjonijiet privati;

Or. en

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt e – punt iii – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
— il-possibbiltà li l-utenti jkunu jistgħu jikkondividu ***immaġnijiet jew vidjos*** ma' utenti oħrajn, b'mod partikolari permezz ta' komunikazzjonijiet privati.	— il-possibbiltà li l-utenti jkunu jistgħu jikkondividu ***kontenut*** ma' utenti oħrajn, b'mod partikolari permezz ta' komunikazzjonijiet privati.

Or. en

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) kwalunkwe funzjonalitajiet oħrajn.

Or. en

Emenda 73

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Il-fornitur, fejn applikabbli, għandu jivvaluta, f'taqsima separata tal-valutazzjoni tar-riskju tiegħu, l-użu volontarju ta' teknoloġiji speċifiċi għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra sa fejn ikun strettament neċessarju biex jidentifika, jirrapporta u jneħħi materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online mis-servizzi tiegħu.

Or. en

Emenda 74

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornitur jista' jitlob liċ-Ċentru tal-UE jwettaq ***analiżi ta'*** kampjuni ta' data ***rappreżentattivi u anonimizzati sabiex jidentifika abbuż sesswali tat-tfal online potenzjali,*** sabiex jappoġġa l-valutazzjoni tar-riskju.	Il-fornitur jista' jitlob liċ-Ċentru tal-UE jwettaq ***test fuq*** kampjuni ta' data ***magħmulin disponibbli għaċ-Ċentru tal-UE*** sabiex jappoġġa l-valutazzjoni tar-riskju. ***La t-talba msemmija fl-ewwel subparagrafu u lanqas kwalunkwe analiżi sussegwenti li ċ-Ċentru tal-UE jista' jwettaq fih ma għandhom jeżentaw lill-fornitur milli jwettaq l-obbligu tiegħu li jwettaq il-valutazzjoni tar-riskju f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu jew li jikkonforma ma' kwalunkwe obbligu ieħor stabbilit f'dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 75

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kostijiet imġarrbin miċ-Ċentru tal-UE għat-twettiq ta' tali analiżi għandhom jiġġarrbu mill-fornitur rikjedenti. Madankollu, iċ-Ċentru tal-UE ***għandu*** jħallas dawk il-kostijiet meta l-fornitur ikun intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju, dment li t-talba tkun raġonevolment neċessarja sabiex tappoġġa l-valutazzjoni tar-riskju.	Il-kostijiet imġarrbin miċ-Ċentru tal-UE għat-twettiq ta' tali analiżi għandhom jiġġarrbu mill-fornitur rikjedenti. Madankollu, iċ-Ċentru tal-UE ***jista'*** jħallas dawk il-kostijiet meta l-fornitur ikun intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju, dment li t-talba tkun raġonevolment neċessarja sabiex tappoġġa l-valutazzjoni tar-riskju.

Or. en

Emenda 76

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) għal servizz li jkun soġġett għal ordni ta' detezzjoni maħruġa f'konformità mal-Artikolu 7, il-fornitur għandu jagħġorna l-valutazzjoni tar-riskju mhux aktar tard minn ***xahrejn*** qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' applikazzjoni tal-ordni ta' detezzjoni;	(a) għal servizz li jkun soġġett għal ordni ta' detezzjoni maħruġa f'konformità mal-Artikolu 7, il-fornitur għandu jagħġorna l-valutazzjoni tar-riskju mhux aktar tard minn ***erba' xhur*** qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' applikazzjoni tal-ordni ta' detezzjoni;

Or. en

Emenda 77

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom ***jieħdu*** miżuri ta' mitigazzjoni raġonevoli, imfasslin għar-riskju identifikat skont l-Artikolu 3, ***sabiex jimminimizzaw*** dak ir-riskju. It-tali miżuri għandhom jinkludu xi wħud minn dawn li ġejjin jew dawn kollha:	1. Il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom ***idaħħlu fis-seħħ*** miżuri ta' mitigazzjoni raġonevoli, ***proporzjonati, immirati u effettivi,*** imfasslin ***għas-servizzi tagħhom u*** għar-riskju identifikat skont l-Artikolu 3, ***bil-għan li jiġi mmitigat*** dak ir-riskju. It-tali miżuri għandhom jinkludu xi wħud minn dawn li ġejjin jew dawn kollha:

Or. en

Emenda 78

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-adattament, permezz ta' miżuri tekniċi u operazzjonali xierqa u permezz tar-reklutaġġ tal-persunal, permezz tas-sistemi ta' moderazzjoni tal-kontenut jew abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-fornitur, permezz tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu, tal-operat jew tal-funzjonalitajiet tas-servizz, jew tal-kontenut jew tal-infurzar tat-termini u tal-kundizzjonijiet tiegħu;	(a) l-adattament, permezz ta' miżuri tekniċi u operazzjonali xierqa u permezz tar-reklutaġġ tal-persunal, permezz tas-sistemi ta' moderazzjoni tal-kontenut jew abbażi ta' rakkomandazzjoni tal-fornitur, permezz tal-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu, tal-operat jew tal-funzjonalitajiet tas-servizz, jew tal-kontenut jew tal-infurzar tat-termini u tal-kundizzjonijiet tiegħu***, inklużi l-ħeffa, il-kwalità u l-effettività tal-ipproċessar ta' avviżi u rapporti relatati mal-abbuż sesswali tat-tfal online u, fejn xieraq, it-tneħħija malajr tal-kontenut notifikat***;

Or. en

Emenda 79

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) l-adattament tad-disinn, il-karatteristiċi u l-funzjonijiet tas-servizzi tagħhom sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' privatezza, sikurezza u sigurtà sa mit-tfassil u sigurtà prestabbilita, b'mod partikolari, għat-tfal;

Or. en

Emenda 80

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) il-possibbiltà ta' għodod ta' kontroll adattati għall-età mill-ġenituri;

Or. en

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tnedija jew l-aġġustament tal-kooperazzjoni, f'konformità mad-dritt tal-kompetizzjoni, ma' fornituri oħrajn ta' servizzi ta' hosting jew ma' fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali, ma' awtoritajiet pubbliċi, ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jew, fejn applikabbli, ma' entitajiet mogħtijin l-istatus ta' senjalaturi fdati f'konformità mal-Artikolu ***19*** tar-Regolament (UE) ***…/… [dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE]*** .	(c) it-tnedija jew l-aġġustament tal-kooperazzjoni, f'konformità mad-dritt tal-kompetizzjoni, ma' fornituri oħrajn ta' servizzi ta' hosting jew ma' fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali, ma' awtoritajiet pubbliċi, ma' ***hotlines, ma'*** organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jew, fejn applikabbli, ma' entitajiet mogħtijin l-istatus ta' senjalaturi fdati f'konformità mal-Artikolu ***22*** tar-Regolament (UE) ***2022/2065***.

Or. en

Emenda 82

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) it-tishiħ tal-miżuri ta' sensibilizzazzjoni u l-adattament tal-interfaċċa online tagħhom għal aktar informazzjoni tal-utent, inkluża informazzjoni xierqa għat-tfal immirata għar-riskju identifikat;

Or. en

Emenda 83

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) il-possibbiltà li l-utenti jissenjalaw jew jinnotifikaw abbuż sesswali tat-tfal online lill-fornitur permezz ta' għodod li jkunu faċilment aċċessibbli u adattati għall-età, inklużi kanali ta' rapportar anonimi diġà disponibbli kif definiti mid-Direttiva (UE) 2019/1937;

Or. en

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cc) il-possibbiltà ta' kapaċitajiet sikuri ta' awtorapportar;

Or. en

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt cd (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cd) inkluża informazzjoni viżibbli b'mod ċar u identifikabbli dwar il-klassifikazzjoni tal-età;

Or. en

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ce (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ce) l-iżvilupp ta' sistemi ta' sensibilizzazzjoni biex l-utenti jiġu avżati bi kwalunkwe ksur potenzjali ta' dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 87

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt cf (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cf) l-użu ta' kwalunkwe miżura oħra f'konformità mal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku attwali jew futur li jkun adattat biex jimmitiga r-riskju identifikat.

Or. en

Emenda 88

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) effettivi fil-mitigazzjoni tar-riskju identifikat;	(a) effettivi fil-mitigazzjoni tar-riskju identifikat***, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tas-servizz ipprovdut u l-mod li bih dak is-servizz jintuża***;

Or. en

Emenda 89

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) immirati u proporzjonati fir-rigward ta' dak ir-riskju, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, ***is-serjetà tar-riskju kif ukoll*** il-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi tal-fornitur u n-numru ta' utenti;	(b) immirati u proporzjonati fir-rigward ta' dak ir-riskju, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, il-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi tal-fornitur u n-numru ta' utenti;

Or. en

Ġustifikazzjoni

"Serjetà" huwa terminu legali astratt u vag. Ir-riskju diġà ġie vvalutat u identifikat (valutazzjoni tar-riskju) mill-fornituri.

Emenda 90

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li identifikaw, skont il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3, riskju ta' użu tas-servizzi tagħhom għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal, għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji ta' ***verifika tal-età u ta' valutazzjoni*** tal-età sabiex jidentifikaw b'mod affidabbli l-utenti tfal fuq is-servizzi tagħhom, li permezz tagħhom ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni.	3. Il-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali li identifikaw, skont il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata f'konformità mal-Artikolu 3, riskju ta' użu tas-servizzi tagħhom għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal, għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji ta' ***assigurazzjoni*** tal-età sabiex jidentifikaw b'mod affidabbli l-utenti tfal fuq is-servizzi tagħhom, li permezz tagħhom ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri ta' mitigazzjoni.

Or. en

Emenda 91

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tar-riskju separata ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 3(2a), il-fornituri jistgħu jitolbu lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment biex tipproċedi f'konformità mal-Artikolu 5a abbażi tal-ħtieġa li jkomplu, bħala parti mill-miżuri ta' mitigazzjoni tagħhom, jużaw teknoloġiji speċifiċi għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra sa fejn ikun strettament neċessarju u proporzjonat biex jiġi mmitigat ir-riskju ta' użu ħażin tas-servizzi tagħhom għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online.

Or. en

Emenda 92

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni meħuda skont l-Artikolu 4.	(b) kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni ***kemm*** meħuda ***kif ukoll mitluba*** skont l-Artikolu 4.

Or. en

Emenda 93

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ikun neċessarju għal dik il-valutazzjoni, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tista' ***titlob aktar informazzjoni mingħand il-fornitur, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit***	Fejn ikun neċessarju għal dik il-valutazzjoni, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tista'***:***

minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni. Dak il-perjodu ta' żmien ma għandux ikun itwal minn ġimagħtejn.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jitressaq l-Artikolu 7.2 tal-proposta hawnhekk sabiex tissaħħaħ il-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-fornitur u l-awtorità ta' koordinazzjoni qabel kwalunkwe deċiżjoni skont l-Artikolu 7.

Emenda 94

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) twettaq il-konsultazzjonijiet mal-fornitur li tista' tqis meħtieġa biex tiddetermina jekk ir-rekwiżiti tal-Artikoli 3 u 4 ġewx issodisfati;

Or. en

Emenda 95

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) titlob aktar informazzjoni u kjarifika mill-fornitur f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni li ma għandux ikun itwal minn ġimagħtejn;

Or. en

Emenda 96

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c) titlob liċ-Ċentru tal-UE, lill-awtoritajiet kompetenti tal-protezzjoni tad-data, lil awtorità pubblika oħra jew lil esperti jew lil entitajiet rilevanti sabiex jipprovdu l-informazzjoni addizzjonali neċessarja.

Or. en

Emenda 97

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Meta r-rekwiżiti tal-Artikoli 3 u 4 jiġu ssodisfati, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha toħroġ opinjoni pożittiva li għandha titqies qabel kwalunkwe deċiżjoni skont l-Artikolu 7.

Or. en

Emenda 98

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-forniturigħandhom, meta jittrażmettu r-rapport ***lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment*** f'konformità mal-paragrafu ***1***, jittrażmettu r-rapport ***ukoll*** liċ-Ċentru tal-UE.	5. Il-forniturigħandhom, meta jittrażmettu r-rapport ***f'konformità mal-paragrafu 1 jew aktar informazzjoni*** f'konformità mal-paragrafu ***3 lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment***, jittrażmettu r-rapport ***jew aktar informazzjoni wkoll*** liċ-Ċentru tal-UE.

Emenda 99

Proposta għal regolament
Artikolu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 5a
	Ordni ta' detezzjoni volontarja
	1. Wara t-talba tal-fornitur skont l-Artikolu 4(4a), l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' dak l-Istat Membru sabiex toħroġ ordni li tawtorizza lill-fornitur iżomm jew jimplimenta miżuri ta' mitigazzjoni li jikkonsistu fl-użu ta' teknoloġiji speċifiċi għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra sa fejn ikun strettament neċessarju biex jiġi identifikat, irrapportat u jitneħħa l-abbuż sesswali tat-tfal online mis-servizzi tagħhom.
	2. Qabel ma tissottometti t-talba, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha titlob u tqis l-opinjoni tal-awtorità kompetenti għall-protezzjoni tad-data.
	3. Filwaqt li tqis din l-opinjoni u l-valutazzjoni ppreżentata mill-fornitur skont l-Artikolu 3 (2a), l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandu jkollha s-setgħa li tipproponi lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' dak l-Istat Membru t-termini ta' awtorizzazzjoni għall-fornitur biex jieħu l-miżuri speċifikati fl-Artikolu 10 ħalli jidentifika l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq servizz speċifiku.
	4. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni

	għandha tiddeċiedi jekk għandhiex tipproċedi f'konformità mal-paragrafu 3 mhux aktar tard minn tliet xhur mit-talba tal-fornitur.

Or. en

Emenda 100

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jagħmlu sforzi raġonevoli sabiex jivvalutaw, fejn possibbli flimkien mal-fornituri tal-applikazzjonijiet tas-software, jekk kull servizz offrut permezz tal-applikazzjonijiet tas-software li huma jintermedjaw jippreżentax riskju li jintuża għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal;	***imħassar***

Or. en

Emenda 101

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jipprevjenu lill-utenti tfal milli jaċċessaw l-applikazzjonijiet tas-software li fir-rigward tagħhom ikunu identifikaw riskju sinifikanti ta' użu tas-servizz ikkonċernat għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal;	(b) jieħdu miżuri raġonevoli sabiex jipprevjenu lill-utenti tfal milli jaċċessaw l-applikazzjonijiet tas-software li fir-rigward tagħhom ikunu identifikaw riskju sinifikanti ta' użu tas-servizz ikkonċernat għall-fini tas-solleċitazzjoni tat-tfal ***jew meta***;

Or. en

Emenda 102

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b – punt i (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	i) l-iżviluppatur tal-applikazzjoni tas-software informa lill-ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-użu tiegħu ma jippermettux lill-utenti tfal,

Or. en

Emenda 103

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b – punt ii (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ii) l-applikazzjoni tas-software għandha fis-seħħ mudell xieraq ta' klassifikazzjoni tal-età, jew

Or. en

Emenda 104

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt b – punt iii (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	iii) l-iżviluppatur tal-applikazzjoni tas-software talab lill-ħanut ta' applikazzjonijiet tas-software biex ma jippermettix lill-utenti tfal iniżżlu l-applikazzjonijiet tas-software tiegħu.

Or. en

Emenda 105

Proposta għal regolament
Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jieħdu l-miżuri neċessarji ta' ***verifika tal-età u ta' valutazzjoni*** tal-età sabiex jidentifikaw b'mod affidabbli l-utenti tfal dwar is-servizzi tagħhom, u b'hekk ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri msemmijin fil-punt (b).	(c) jieħdu l-miżuri neċessarji ta' ***assigurazzjoni*** tal-età sabiex jidentifikaw b'mod affidabbli l-utenti tfal dwar is-servizzi tagħhom, u b'hekk ikunu jistgħu jieħdu l-miżuri msemmijin fil-punt (b).

Or. en

Emenda 106

Proposta għal regolament
Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 6a
	Servizzi kriptati u pproċessar tal-metadata
	1. L-ebda ħaġa f'dan ir-Regolament ma għandha tiġi interpretata bħala li tipprojbixxi jew iddgħajjef il-kriptaġġ minn tarf sa tarf.
	2. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni tar-riskju ppreżentata u, fejn applikabbli, aktar informazzjoni, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' dak l-Istat Membru biex tawtorizza fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali biex jipproċessa l-metadata sa fejn ikun strettament neċessarju u proporzjonat biex jiġi mmitigat ir-riskju ta' użu ħażin tas-servizzi tagħhom għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online.

Meta jiġi vvalutat jekk għandux jintalab l-ipproċessar tal-metadata, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tqis kwalunkwe interferenza mad-drittijiet għall-privatezza u l-protezzjoni tad-data tal-utenti tas-servizz li jinvolvi tali pproċessar u tiddetermina jekk, f'dak il-każ, l-ipproċessar tal-metadata jkunx effettiv fil-mitigazzjoni tar-riskju tal-użu tas-servizz għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal, u li jkun strettament neċessarju u proporzjonat.

3. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, il-fornituri għandhom jinformaw lill-utenti b'tali pproċessar fit-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, inkluża informazzjoni dwar il-possibbiltà li jressqu lmenti lill-awtoritajiet kompetenti tal-ipproċessar tad-data dwar l-ipproċessar rilevanti u dwar il-mezzi għal rimedju ġudizzjarju.

Or. en

Emenda 107

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' dak l-Istat Membru sabiex toħroġ ordni ta' detezzjoni li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu l-miżuri speċifikati fl-Artikolu 10 sabiex jiġi identifikat l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq servizz speċifiku.	1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa***, meta r-rekwiżiti tal-Artikoli 3, 4, 5 jew 5a ma jkunux ġew issodisfati,*** li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' dak l-Istat Membru sabiex toħroġ ordni ta' detezzjoni li tirrikjedi li fornitur ta' servizzi ta' hosting jew fornitur ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu l-miżuri speċifikati fl-Artikolu 10 sabiex jiġi identifikat l-abbuż sesswali tat-tfal online fuq servizz speċifiku.

Or. en

Emenda 108

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha***, qabel ma*** titlob il-ħruġ ***ta' ordni*** ta' detezzjoni***, twettaq l-investigazzjonijiet u l-valutazzjonijiet neċessarji sabiex tiddetermina jekk ġewx issodisfati*** l-kundizzjonijiet ***tal-paragrafu 4.***	L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha titlob il-ħruġ ***tal-ordni*** ta' detezzjoni ***u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-awtorità amministrattiva indipendenti għandha toħroġ l-ordni ta' detezzjoni meta tqis li jkunu ssodisfati*** l-kundizzjonijiet ***li ġejjin:***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għal finijiet ta' ċarezza, jitressaq l-Artikolu 7.4 hawnhekk u jiżdied punt (b) ġdid.

Emenda 109

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) ikun hemm evidenza ta' riskju sinifikanti li s-servizz jintuża għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online, skont it-tifsira tal-paragrafi 5, 6 u 7, kif applikabbli;

Or. en

Emenda 110

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) il-miżuri ta' mitigazzjoni stabbiliti mill-fornitur ma jitqisux effettivi u proporzjonati għar-riskju tal-użu ħażin tas-servizz offrut jew il-fornitur tas-servizzi jonqos milli jwettaq il-valutazzjoni tar-riskju, il-mitigazzjoni tar-riskju jew l-obbligi ta' rapportar tar-riskju stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 111

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Ir-raġunijiet għall-ħruġ tal-ordni ta' detezzjoni għandhom jisbqu l-konsegwenzi negattivi għad-drittijiet u għall-interessi leġittimi tal-partijiet kollha affettwati, meta titqies b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi żgurat bilanċ ġust bejn id-drittijiet fundamentali ta' dawk il-partijiet.

Or. en

Emenda 112

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal dak l-għan, tista', fejn xieraq, titlob lill-fornitur jissottometti l-informazzjoni neċessarja, minbarra r-rapport u l-informazzjoni ulterjuri msemmijin fl-Artikolu 5(1) u (3), rispettivament, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni,	***imħassar***

jew titlob liċ-Ċentru tal-UE, lil awtorità pubblika oħra jew lil esperti jew entitajiet rilevanti sabiex jipprovdu l-informazzjoni addizzjonali neċessarja.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Idea inkluża fl-Artikolu 5.3.

Emenda 113

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment tkun tal-fehma preliminari li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet tal-paragrafu ***4***, hija għandha:	Meta l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment tkun tal-fehma preliminari li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet tal-paragrafu ***2***, hija għandha:

Or. en

Emenda 114

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, wara li jitqiesu l-kummenti tal-fornitur u l-opinjoni taċ-Ċentru tal-UE, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tibqa' tal-fehma li l-kundizzjonijiet tal-paragrafu ***4*** ikunu ġew issodisfati***, hija għandha tissottometti mill-ġdid l-abbozz tat-talba, aġġustat fejn xieraq, lill-fornitur. F'dak il-każ***, il-fornitur għandu jagħmel dan kollu li ġej, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni:	Meta, wara li jitqiesu l-kummenti tal-fornitur u l-opinjoni taċ-Ċentru tal-UE, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tibqa' tal-fehma li l-kundizzjonijiet tal-paragrafu ***2*** ikunu ġew issodisfati, il-fornitur għandu jagħmel dan kollu li ġej, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni***, li ma jistax jaqbeż l-erba' ġimgħat***:

Or. en

Emenda 115

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta l-abbozz tal-pjan ta' implimentazzjoni jikkonċerna ordni ta' detezzjoni ppjanata li tikkonċerna ***s-sollečitazzjoni*** tat-tfal għajr it-tiġdid ta' ordni ta' detezzjoni maħruġa qabel mingħajr ebda bidla sostantiva, iwettaq valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel kif imsemmi fl-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679, rispettivament, fir-rigward tal-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' implimentazzjoni;	(b) meta l-abbozz tal-pjan ta' implimentazzjoni jikkonċerna ordni ta' detezzjoni ppjanata li tikkonċerna ***materjal ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal jew is-sollečitazzjoni*** tat-tfal għajr it-tiġdid ta' ordni ta' detezzjoni maħruġa qabel mingħajr ebda bidla sostantiva, iwettaq valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data u proċedura ta' konsultazzjoni minn qabel kif imsemmi fl-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679, rispettivament, fir-rigward tal-miżuri stabbiliti fil-pjan ta' implimentazzjoni;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Opinjoni Konġunta tal-EDPB u tal-EDPS 04/2022 (punt 104)

Emenda 116

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, b'kunsiderazzjoni ***tail-pjan*** ta' implimentazzjoni tal-fornitur u tal-opinjoni tal-awtorità ***tal-protezzjoni*** tad-data, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tibqa' tal-fehma li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet tal-paragrafu ***4***, hija għandha tissottometti t-talba għall-ħruġ tad-detezzjoni, aġġustata fejn xieraq, lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew lill-awtorità amministrattiva indipendenti. Għandha tehmeż il-pjan ta' implimentazzjoni tal-fornitur u l-	Meta, b'kunsiderazzjoni ***tal-pjan*** ta' implimentazzjoni tal-fornitur u tal-opinjoni tal-awtorità ***għall-protezzjoni*** tad-data, dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tibqa' tal-fehma li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet tal-paragrafu ***2***, hija għandha tissottometti t-talba għall-ħruġ tad-detezzjoni, aġġustata fejn xieraq, lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew lill-awtorità amministrattiva indipendenti. Għandha tehmeż il-pjan ta' implimentazzjoni tal-fornitur u l-

opinjonijiet taċ-Ċentru tal-UE u tal-awtorità ***tal-protezzjoni*** tad-data ma' dik it-talba.	opinjonijiet taċ-Ċentru tal-UE u tal-awtorità ***għall-protezzjoni*** tad-data ma' dik it-talba.

Or. en

Emenda 117

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha titlob il-ħruġ tal-ordni ta' detezzjoni, u l-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-awtorità amministrattiva indipendenti għandha toħroġ l-ordni ta' detezzjoni meta tqis li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	***imħassar***
(a) ikun hemm evidenza ta' riskju sinifikanti li s-servizz jintuża għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online, skont it-tifsira tal-paragrafi 5, 6 u 7, kif applikabbli;	
(b) ir-raġunijiet għall-ħruġ tal-ordni ta' detezzjoni jisbqu l-konsegwenzi negattivi għad-drittijiet u għall-interessi leġittimi tal-partijiet kollha affettwati, meta titqies b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġi żgurat bilanċ ġust bejn id-drittijiet fundamentali ta' dawk il-partijiet.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tressaq għall-Artikolu 7.2.

Emenda 118

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta jiġi vvalutat jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet ***tal-ewwel subparagrafu***, għandhom jitqiesu l-fatti u ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ inkwistjoni, b'mod partikolari:	Meta jiġi vvalutat jekk ġewx issodisfati l-kundizzjonijiet ***tal-paragrafu 2***, għandhom jitqiesu l-fatti u ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha tal-każ inkwistjoni, b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 119

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata u kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni meħuda mill-fornitur skont l-Artikoli 3 u 4***, inkluża kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni introdotta, rieżaminata, sospiża jew estiża skont l-Artikolu 5(4) fejn applikabbli***;	(a) il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa jew aġġornata u kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni meħuda mill-fornitur skont l-Artikoli 3 u 4;

Or. en

Emenda 120

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali miksuba skont ***il-paragrafu 2 jew kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra disponibbli għalih, b'mod partikolari rigward l-użu, id-disinn u l-operat tas-servizz, fir-rigward tal-kapaċitajiet u tad-daqs finanzjarji u teknoloġiċi tal-fornitur*** u ***fir-rigward tal-konsegwenzi potenzjali tal-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tiġi eżegwita l-ordni ta' detezzjoni għall-***	(b) kwalunkwe informazzjoni addizzjonali miksuba skont ***l-Artikolu 5(3)*** u ***(4) fejn applikabbli***;

partijiet l-oħrajn kollha affettwati;

Or. en

Emenda 121

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-opinjonijiet taċ-Ċentru tal-UE u tal-awtorità ***tal-protezzjoni*** tad-data ppreżentati f'konformità mal-paragrafu ***3***.	(d) l-opinjonijiet taċ-Ċentru tal-UE u tal-awtorità ***għall-protezzjoni*** tad-data ppreżentati f'konformità mal-paragrafu ***3*** ***u, fejn applikabbli, l-opinjoni tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni maħruġa f'konformità mal-Artikolu 5(4a)***.

Or. en

Emenda 122

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fir-rigward tat-tieni subparagrafu, il-punt (d), meta dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tiddevja sostanzjalment mill-opinjoni taċ-Ċentru tal-UE, hija għandha tinforma liċ-Ċentru tal-UE u lill-Kummissjoni b'dan, filwaqt li tispeċifika l-punti li fihom tkun iddevjat u r-raġunijiet ewlenin għad-devjazzjoni.	Meta dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tiddevja sostanzjalment mill-opinjoni taċ-Ċentru tal-UE ***jew tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data***, hija għandha tinforma liċ-Ċentru tal-UE ***jew lill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data*** u lill-Kummissjoni b'dan, filwaqt li tispeċifika l-punti li fihom tkun iddevjat u r-raġunijiet ewlenin għad-devjazzjoni.

Or. en

Emenda 123

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fir-rigward ta' ordnijiet ta' detezzjoni li jikkonċernaw id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal, ir-riskju sinifikanti msemmi fil-paragrafu ***4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a),*** għandu jitqies li jeżisti meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	5. Fir-rigward ta' ordnijiet ta' detezzjoni li jikkonċernaw id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal, ir-riskju sinifikanti msemmi fil-paragrafu ***2*** għandu jitqies li jeżisti meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 124

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***ikun probabbli,*** minkejja ***kwalunkwe miżura*** ta' mitigazzjoni li l-fornitur ***seta'*** ħa ***jew li se jieħu***, ***li s-servizz*** jintuża***,*** sa ċertu punt sinifikanti għad-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal;	(a) minkejja ***l-miżuri*** ta' mitigazzjoni li l-fornitur ***ikun*** ħa, ***is-servizz*** jintuża sa ċertu punt sinifikanti għad-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal;

Or. en

Emenda 125

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Fir-rigward ta' ordnijiet ta' detezzjoni li jikkonċernaw id-disseminazzjoni ta' materjal ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal, ir-riskju sinifikanti msemmi fil-paragrafu ***4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a),*** għandu jitqies li jeżisti meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	6. Fir-rigward ta' ordnijiet ta' detezzjoni li jikkonċernaw id-disseminazzjoni ta' materjal ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal, ir-riskju sinifikanti msemmi fil-paragrafu ***2*** għandu jitqies li jeżisti meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 126

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 7 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fir-rigward ta' ordnijiet ta' detezzjoni dwar is-solleċitazzjoni tat-tfal, ir-riskju sinifikanti msemmi fil-paragrafu ***4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a),*** għandu jitqies li jeżisti meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:	Fir-rigward ta' ordnijiet ta' detezzjoni dwar is-solleċitazzjoni tat-tfal, ir-riskju sinifikanti msemmi fil-paragrafu ***2*** għandu jitqies li jeżisti meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 127

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 7 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ordnijiet ta' detezzjoni dwar is-solleċitazzjoni tat-tfal għandhom japplikaw biss għal komunikazzjoni interpersonali ***meta wieħed mill-utenti jkun utent tifel/tifla***.	L-ordnijiet ta' detezzjoni dwar is-solleċitazzjoni tat-tfal għandhom japplikaw biss għal komunikazzjoni interpersonali ***bejn utenti tfal u adult***.

Or. en

Emenda 128

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment meta titlob il-ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjoni, u l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva	L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment meta titlob il-ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjoni, u l-awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva

indipendenti kompetenti meta toħroġ l-ordni ta' detezzjoni, għandhom jimmiraw u jispeċifikaw b'tali mod li l-konsegwenzi negattivi msemmijin fil-paragrafu ***4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (b),*** jibqgħu limitati għal dak li jkun strettament neċessarju sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv ir-riskju sinifikanti msemmi fil-punt (a) tiegħu.	indipendenti kompetenti meta toħroġ l-ordni ta' detezzjoni, għandhom***, f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament 2022/2065,*** jimmiraw u jispeċifikaw b'tali mod li l-konsegwenzi negattivi msemmijin fil-paragrafu ***2*** jibqgħu limitati għal dak li jkun strettament neċessarju***, ġustifikabbli u proporzjonat*** sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv ir-riskju sinifikanti msemmi fil-punt (a) tiegħu***, u jillimitaw l-ordni ta' detezzjoni għal parti jew komponent identifikabbli ta' servizz, bħal kanal speċifiku ta' komunikazzjoni jew grupp speċifiku ta' utenti identifikat b'mod partikolari li għalih ikun ġie identifikat ir-riskju sinifikanti***.

Or. en

Emenda 129

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 8 – subparagrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta dak ir-riskju jkun limitat għal parti jew komponent identifikabbli ta' servizz, il-miżuri meħtieġa jiġu applikati biss fir-rigward ta' dik il-parti jew dak il-komponent;	(a) meta dak ir-riskju jkun limitat għal parti jew komponent identifikabbli ta' servizz, il-miżuri meħtieġa jiġu applikati biss ***għal parti jew komponent identifikabbli ta' servizz, bħal kanal speċifiku ta' komunikazzjoni jew grupp speċifiku ta' utenti identifikat b'mod partikolari li għalih ikun ġie identifikat ir-riskju sinifikanti,*** fir-rigward ta' dik il-parti jew dak il-komponent;

Or. en

Emenda 130

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-ordni ta’ detezzjoni ssir finali, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-awtorità amministrattiva indipendenti li tkun ħarġet l-ordni ta’ detezzjoni għandha, mingħajr dewmien żejjed, ***tibgħat kopja tagħha*** lill-Awtorità ta’ Koordinazzjoni tal-istabbiliment. Imbagħad, l-Awtorità ta’ Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha, mingħajr dewmien żejjed, ***tibgħat kopja tagħha*** lill-Awtoritajiet ta’ Koordinazzjoni l-oħrajn kollha permezz tas-sistema stabbilita f’konformità mal-Artikolu 39(2).	Meta l-ordni ta’ detezzjoni ssir finali, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-awtorità amministrattiva indipendenti li tkun ħarġet l-ordni ta’ detezzjoni għandha, mingħajr dewmien żejjed, ***tinforma*** lill-Awtorità ta’ Koordinazzjoni tal-istabbiliment ***tagħha***. Imbagħad, l-Awtorità ta’ Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha, mingħajr dewmien żejjed, ***tinforma*** lill-Awtoritajiet ta’ Koordinazzjoni l-oħrajn kollha permezz tas-sistema stabbilita f’konformità mal-Artikolu 39(2).

Or. en

Emenda 131

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting u l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali li jkunu rċivew ordni ta’ detezzjoni għandhom jeżegwixxu dan billi jinstallaw u joperaw teknoloġiji sabiex jidentifikaw id-disseminazzjoni ta’ materjal magħruf jew ġdid ta’ abbuż sesswali tat-tfal jew is-solleċitazzjoni tat-tfal, kif applikabbli, bl-użu tal-indikaturi korrispondenti pprovduti miċ-Ċentru tal-UE f’konformità mal-Artikolu 46.	1. Il-fornituri ta’ servizzi ta’ hosting u l-fornituri ta’ servizzi ta’ komunikazzjoni interpersonali li jkunu rċivew ordni ta’ detezzjoni għandhom jeżegwixxu dan billi jinstallaw u joperaw teknoloġiji ***disponibbli*** sabiex jidentifikaw id-disseminazzjoni ta’ materjal magħruf jew ġdid ta’ abbuż sesswali tat-tfal jew is-solleċitazzjoni tat-tfal, kif applikabbli, bl-użu tal-indikaturi korrispondenti pprovduti miċ-Ċentru tal-UE f’konformità mal-Artikolu 46.

Or. en

Emenda 132

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) f'konformità mal-ogħla livell ta' żvilupp ***tekniku fl-industrija*** u l-anqas intrużivi f'termini tal-impatt fuq id-drittijiet tal-utenti għall-ħajja privata u tal-familja, inkluża l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni, u għall-protezzjoni tad-data personali;	(c) f'konformità mal-ogħla livell ta' żvilupp ***teknoloġiku*** u ***ma' dawk*** l-anqas intrużivi f'termini tal-impatt fuq id-drittijiet tal-utenti għall-ħajja privata u tal-familja, inkluża l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni, u għall-protezzjoni tad-data personali;

Or. en

Emenda 133

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) ma jistax idgħajjef il-kriptaġġ minn tarf sa tarf.

Or. en

Emenda 134

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jinforma lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni, mhux aktar tard minn xahar qabel id-data tal-bidu speċifikata fl-ordni ta' detezzjoni, dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri previsti stabbiliti fil-pjan ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 7(3);	***imħassar***

Or. en

Emenda 135

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 4 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) jiżgura l-privatezza mid-disinn u b'mod awtomatiku u, fejn applikabbli, mingħajr ma jfixklu l-integrità tal-kriptaġġ.

Or. en

Emenda 136

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u ċ-Ċentru tal-UE u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 7 sa 10, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u l-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet.	Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u ċ-Ċentru tal-UE u wara li tkun wettqet konsultazzjoni pubblika ***u kkonsultat lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data***, tista' toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 7 sa 10, filwaqt li jitqiesu b'mod xieraq b'mod partikolari l-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti u l-modi li fihom jiġu offruti u jintużaw is-servizzi koperti minn dawk id-dispożizzjonijiet.

Or. en

Emenda 137

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-fornitur jissottometti rapport skont il-paragrafu 1, huwa għandu jinforma lill-utent ikkonċernat***, billi jipprovdi***	Meta l-fornitur jissottometti rapport skont il-paragrafu 1, huwa għandu jinforma lill-utent ikkonċernat ***mingħajr dewmien***

informazzjoni dwar il-kontenut ewlieni tar-rapport, ***dwar il-mod*** li ***bih il-fornitur ikun sar konxju tal-abbuż sesswali tat-tfal potenzjali kkonċernat, dwar is-segwitu mogħti lir-rapport sa fejn tali informazzjoni*** tkun ***disponibbli għall-fornitur u dwar il-possibbiltajiet ta' rimedju tal-utent***, ***inkluż dwar id-dritt li jippreżenta lmenti lill-Awtorità*** ta' ***Koordinazzjoni f'konformità mal-Artikolu 34***.	***żejjed***, ***wara*** li ***l-Europol jew l-awtorità nazzjonali tal-infurzar tal-liġi ta' Stat Membru li tkun irċiviet ir-rapport skont l-Artikolu 48*** tkun ***ikkonfermat li l-informazzjoni lill-utenti ma tfixkilx l-attivitajiet għall-prevenzjoni***, ***għad-detezzjoni, għall-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni ta' reati*** ta' ***abbuż sesswali tat-tfal***.

Or. en

Emenda 138

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornitur għandu jinforma lill-utent ikkonċernat mingħajr dewmien żejjed, jew wara li jkun irċieva komunikazzjoni miċ-Ċentru tal-UE li tindika li jqis li r-rapport huwa manifestament infondati kif imsemmi fl-Artikolu 48(2), jew wara l-iskadenza ta' perjodu ta' żmien ta' tliet xhur mid-data tar-rapport mingħajr ma jkun irċieva komunikazzjoni miċ-Ċentru tal-UE li tindika li l-informazzjoni ma għandhiex tiġi pprovduta kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 48(6), skont liema jseħħ l-ewwel.	***imħassar***

Or. en

Emenda 139

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta fi żmien il-perjodu ta' tliet xhur	***imħassar***

imsemmi fit-tieni subparagrafu l-fornitur jirċievi komunikazzjoni bħal din miċ-Ċentru tal-UE li tindika li l-informazzjoni ma għandhiex tiġi pprovduta, huwa għandu jinforma lill-utent ikkonċernat, mingħajr dewmien żejjed, wara l-iskadenza tal-perjodu ta' żmien stabbilit f'dik il-komunikazzjoni.

Or. en

Emenda 140

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornitur għandu jistabbilixxi u jopera mekkaniżmu aċċessibbli, adattat għall-età u faċli għall-utent li jippermetti lill-utenti ***jindikaw*** lill-fornitur potenzjali ta' abbuż sesswali tat-tfal online fuq is-servizz.	3. Il-fornitur għandu jistabbilixxi u jopera mekkaniżmu aċċessibbli, adattat għall-età u faċli għall-utent li jippermetti lill-utenti ***jissenjalaw jew jinnotifikaw*** lill-fornitur potenzjali ta' abbuż sesswali tat-tfal online fuq is-servizz***, inklużi għodod ta' awtorapportar. Dawk il-mekkaniżmi għandhom jippermettu rapportar anonimu diġà disponibbli permezz ta' kanali ta' rapportar anonimi kif definiti mid-Direttiva (UE) 2019/1937.***

Or. en

Emenda 141

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) id-data kollha dwar il-kontenut***, inklużi l-immaġnijiet, il-vidjos u t-test***;	(c) id-data kollha dwar il-kontenut;

Or. en

Emenda 142

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) ***informazzjoni dwar il-post ġeografiku relatat*** mal-abbuż sesswali tat-tfal online potenzjali***, bħall-indirizz tal-Protokoll tal-Internet***;	(f) ***metadata relatata*** mal-abbuż sesswali tat-tfal online potenzjali;

Or. en

Emenda 143

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-ordnijiet ta' tneħħija għandhom jiġu indirizzati lill-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni li jaġixxu bħala riċevituri tas-servizz f'konformità mar-Regolament (UE) 2022/2065. Bħala eċċezzjoni, meta l-kontenut jinħażen jew jiġi pproċessat bħala parti minn infrastruttura pprovduta minn fornitur ieħor ta' servizz rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni, l-ordni ta' tneħħija tista' tiġi indirizzata direttament lilu meta:* ***–(a) ir-riċevitur tas-servizz ma jistax jiġi identifikat minkejja sforzi raġonevoli min-naħa tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni; jew ***–(b) il-fatt li jiġi indirizzat il-kontrollur tas-servizz jista' jkun ta' detriment għal investigazzjoni li tkun għaddejja.***

Or. en

Emenda 144

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-fornitur għandu jeżegwixxi l-ordni ta' tneħħija mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien 24 siegħa minn meta jirċievi din l-ordni.	2. Il-fornitur għandu jeżegwixxi l-ordni ta' tneħħija mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien 24 siegħa minn meta jirċievi din l-ordni***, sakemm l-ordni ta' tneħħija ma tindikax perjodu iqsar***.

Or. en

Emenda 145

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 3 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***lokalizzatur*** uniformi tar-riżorsi preċiż u, fejn neċessarja, informazzjoni addizzjonali għall-identifikazzjoni tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal;	(e) ***Identifikatur*** Uniformi tar-Riżorsi preċiż u, fejn neċessarja, informazzjoni addizzjonali għall-identifikazzjoni tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal;

Or. en

Emenda 146

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta l-ordni ta' tneħħija ssir finali, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-awtorità amministrattiva indipendenti li tkun ħarġet l-ordni ta' tneħħija għandha, mingħajr dewmien żejjed, ***tibgħat kopja tagħha*** lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment. Imbagħad, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha, mingħajr dewmien żejjed, ***tibgħat kopja***	Meta l-ordni ta' tneħħija ssir finali, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-awtorità amministrattiva indipendenti li tkun ħarġet l-ordni ta' tneħħija għandha, mingħajr dewmien żejjed, ***tinforma*** lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment ***tagħha***. Imbagħad, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha, mingħajr dewmien

tagħha lill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni l-oħrajn kollha permezz tas-sistema stabbilita f'konformità mal-Artikolu 39(2).	żejjed, ***tinforma liċ-Ċentru tal-UE u*** lill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni l-oħrajn kollha permezz tas-sistema stabbilita f'konformità mal-Artikolu 39(2).

Or. en

Emenda 147

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha jew lil awtorità amministrattiva indipendenti ta' dak l-Istat Membru sabiex toħroġ ordni ta' mblukkar li tirrikjedi lil fornitur ta' servizzi ta' aċċess għall-internet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu miżuri raġonevoli sabiex jipprevjeni lill-utenti milli jaċċessaw materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal indikat ***mil-lokalizzaturi uniformi kollha*** tar-riżorsi fil-lista ta' ***lokalizzaturi*** uniformi tar-riżorsi inklużi fil-bażi tad-data tal-indikaturi, f'konformità mal-Artikolu 44(2), il-punt (b) u pprovduta miċ-Ċentru tal-UE.	1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha jew lil awtorità amministrattiva indipendenti ta' dak l-Istat Membru sabiex toħroġ ordni ta' mblukkar li tirrikjedi lil fornitur ta' servizzi ta' aċċess għall-internet taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru jieħu miżuri raġonevoli sabiex jipprevjeni lill-utenti milli jaċċessaw materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal indikat ***minn kwalunkwe Identifikatur Uniformi*** tar-Riżorsi fil-lista ta' ***Identifikaturi*** Uniformi tar-Riżorsi inklużi fil-bażi tad-data tal-indikaturi, f'konformità mal-Artikolu 44(2), il-punt (b) u pprovduta miċ-Ċentru tal-UE.

Or. en

Emenda 148

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tivverifika li, fir-rigward ***tal-lokalizzaturi*** uniformi tar-riżorsi kollha jew ta' kampjun rappreżentattiv tagħhom	(a) tivverifika li, fir-rigward ***tal-Identifikaturi*** Uniformi tar-Riżorsi kollha jew ta' kampjun rappreżentattiv tagħhom

fil-lista msemmija fil-paragrafu 1, jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 36(1), il-punt (b), inkluż billi twettaq kontrolli sabiex tivverifika, f'kooperazzjoni maċ-Ċentru tal-UE, li l-lista tkun kompluta, akkurata u aġġornata;	fil-lista msemmija fil-paragrafu 1, jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 36(1), il-punt (b), inkluż billi twettaq kontrolli sabiex tivverifika, f'kooperazzjoni maċ-Ċentru tal-UE, li l-lista tkun kompluta, akkurata u aġġornata;

Or. en

Emenda 149

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tirrekjedi li l-fornitur jissottometti, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, l-informazzjoni neċessarja, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess jew tat-tentattiv ta' aċċess mill-utenti tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal indikat ***mil-lokalizzaturi*** uniformi tar-riżorsi, fir-rigward tal-politika tal-fornitur sabiex jindirizza r-riskju ta' disseminazzjoni tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u fir-rigward tal-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi u tad-daqs tal-fornitur;	(b) tirrekjedi li l-fornitur jissottometti, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, l-informazzjoni neċessarja, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċess jew tat-tentattiv ta' aċċess mill-utenti tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal indikat ***mill-Identifikatur*** Uniformi tar-Riżorsi, fir-rigward tal-politika tal-fornitur sabiex jindirizza r-riskju ta' disseminazzjoni tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u fir-rigward tal-kapaċitajiet finanzjarji u teknoloġiċi u tad-daqs tal-fornitur;

Or. en

Emenda 150

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) titlob liċ-Ċentru tal-UE jipprovdi l-informazzjoni neċessarja, b'mod partikolari l-ispjegazzjonijiet u l-assigurazzjonijiet rigward l-akkuratezza ***tal-lokalizzaturi*** uniformi tar-riżorsi fl-indikazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali	(c) titlob liċ-Ċentru tal-UE jipprovdi l-informazzjoni neċessarja, b'mod partikolari l-ispjegazzjonijiet u l-assigurazzjonijiet rigward l-akkuratezza ***tal-Identifikatur*** Uniformi tar-Riżorsi fl-indikazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali

tat-tfal, fir-rigward tal-kwantità u tan-natura ta' dak il-materjal u fir-rigward tal-verifiki miċ-Ċentru tal-UE u tal-awditi msemmijin fl-Artikolu 36(2) u fl-Artikolu 46(7), rispettivament;	tat-tfal, fir-rigward tal-kwantità u tan-natura ta' dak il-materjal u fir-rigward tal-verifiki miċ-Ċentru tal-UE u tal-awditi msemmijin fl-Artikolu 36(2) u fl-Artikolu 46(7), rispettivament;

Or. en

Emenda 151

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ikun hemm evidenza li s-servizz ikun intuża matul l-aħħar 12-il xahar, sa ċertu punt sinifikanti, għall-aċċess jew għat-tentattiv ta' aċċess għall-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal indikat ***mil-lokalizzaturi*** uniformi tar-riżorsi;	(a) ikun hemm evidenza li s-servizz ikun intuża matul l-aħħar 12-il xahar, sa ċertu punt sinifikanti, għall-aċċess jew għat-tentattiv ta' aċċess għall-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal indikat ***mill-Identifikaturi*** Uniformi tar-Riżorsi;

Or. en

Emenda 152

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ***il-lokalizzaturi*** uniformi tar-riżorsi jkunu jindikaw, b'mod affidabbli biżżejjed, materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal;	(c) ***l-Identifikaturi*** Uniformi tar-Riżorsi jkunu jindikaw, b'mod affidabbli biżżejjed, materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal;

Or. en

Emenda 153

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ir-referenza għal-lista ta' ***lokalizzaturi*** uniformi tar-riżorsi, ippruvduta miċ-Ċentru tal-UE, u s-salvagwardji li għandhom jiġu previsti, inklużi l-limiti u s-salvagwardji speċifikati skont l-Artikolu 16(5) u, fejn applikabbli, l-obbligi ta' rapportar stabbiliti skont l-Artikolu 18(6);	(a) ir-referenza għal-lista ta' ***Identifikaturi*** Uniformi tar-Riżorsi, ippruvduta miċ-Ċentru tal-UE, u s-salvagwardji li għandhom jiġu previsti, inklużi l-limiti u s-salvagwardji speċifikati skont l-Artikolu 16(5) u, fejn applikabbli, l-obbligi ta' rapportar stabbiliti skont l-Artikolu 18(6);

Or. en

Emenda 154

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-forniturі ta' servizzi ta' aċċess għall-internet li jkunu rċivew ordni ta' mblukkar, kif ukoll l-utenti li pprovdew jew li ma tħallewx jaċċessaw oġġett speċifiku indikat ***mil-lokalizzaturi*** uniformi tar-riżorsi fl-eżekuzzjoni ta' tali ordnijiet, għandu jkollhom dritt għal rimedju effettiv. Dak id-dritt għandu jinkludi d-dritt li jikkontestaw l-ordni ta' mblukkar quddiem il-qrati tal-Istat Membru tal-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-awtorità amministrattiva indipendenti li tkun ħarġet l-ordni ta' mblukkar.	1. Il-forniturі ta' servizzi ta' aċċess għall-internet li jkunu rċivew ordni ta' mblukkar, kif ukoll l-utenti li pprovdew jew li ma tħallewx jaċċessaw oġġett speċifiku indikat ***mill-Identifikaturi*** Uniformi tar-Riżorsi fl-eżekuzzjoni ta' tali ordnijiet, għandu jkollhom dritt għal rimedju effettiv. Dak id-dritt għandu jinkludi d-dritt li jikkontestaw l-ordni ta' mblukkar quddiem il-qrati tal-Istat Membru tal-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew l-awtorità amministrattiva indipendenti li tkun ħarġet l-ordni ta' mblukkar.

Or. en

Emenda 155

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta fornitur jipprevjeni lill-utenti milli jaċċessaw ***il-lokalizzaturi*** uniformi tar-riżorsi skont ordni ta' mblukkar maħruġa f'konformità mal-Artikolu 17, għandu jieħu miżuri raġonevoli sabiex jinforma lill-utenti dwar dan li ġej:	4. Meta fornitur jipprevjeni lill-utenti milli jaċċessaw ***l-Identifikaturi*** Uniformi tar-Riżorsi skont ordni ta' mblukkar maħruġa f'konformità mal-Artikolu 17, għandu jieħu miżuri raġonevoli sabiex jinforma lill-utenti dwar dan li ġej:

Or. en

Emenda 156

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornitur u l-utenti msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu intitolati li jitolbu lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni li tkun talbet il-ħruġ tal-ordni ta' mblukkar sabiex tivvaluta jekk l-utenti jkunux impediti b'mod żbaljat milli jaċċessaw oġġett speċifiku ta' materjal indikat minn ***lokalizzaturi ta' riżorsi*** uniformi skont l-ordni ta' mblukkar. Il-fornitur għandu jkun intitolat ukoll li jitlob modifika jew revoka tal-ordni ta' mblukkar, meta jqis li tkun neċessarja minħabba bidliet sostanzjali fir-raġunijiet għall-ħruġ tal-ordnijiet ta' mblukkar li jkunu seħħew wara l-ħruġ tagħha, b'mod partikolari bidliet sostanzjali li jipprevjenu lill-fornitur milli jieħu l-miżuri raġonevoli meħtieġa sabiex jeżegwixxi l-ordni ta' mblukkar,	Il-fornitur u l-utenti msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikunu intitolati li jitolbu lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni li tkun talbet il-ħruġ tal-ordni ta' mblukkar sabiex tivvaluta jekk l-utenti jkunux impediti b'mod żbaljat milli jaċċessaw oġġett speċifiku ta' materjal indikat minn ***Identifikaturi*** Uniformi ***tar-Riżorsi*** skont l-ordni ta' mblukkar. Il-fornitur għandu jkun intitolat ukoll li jitlob modifika jew revoka tal-ordni ta' mblukkar, meta jqis li tkun neċessarja minħabba bidliet sostanzjali fir-raġunijiet għall-ħruġ tal-ordnijiet ta' mblukkar li jkunu seħħew wara l-ħruġ tagħha, b'mod partikolari bidliet sostanzjali li jipprevjenu lill-fornitur milli jieħu l-miżuri raġonevoli meħtieġa sabiex jeżegwixxi l-ordni ta' mblukkar,

Or. en

Emenda 157

Proposta għal regolament
Artikolu 18a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 18a
	Ordnijiet ta' tneħħija mil-lista
	1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandu jkollha s-setgħa li toħroġ ordni ta' tneħħija mil-lista indirizzata lill-fornitur tal-magni tat-tiftix online jew kwalunkwe sistema oħra ta' intelliġenza artifiċjali taħt il-ġuriżdizzjoni ta' dak l-Istat Membru, biex tieħu miżuri raġonevoli bil-għan li tneħħi mil-lista riżorsa jew riżorsi partikolari li jindikaw oġġetti speċifiċi ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3.
	2. Qabel ma toħroġ ordni skont il-paragrafu 1, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha tinforma lill-fornitur bl-intenzjoni tagħha li tispeċifika l-elementi ewlenin tal-kontenut tal-ordni ta' tneħħija mil-lista u r-raġunijiet għat-tneħħija mil-lista ta' riżorsa jew riżorsi partikolari. Għandha tagħti lill-fornitur l-opportunità sabiex jikkummenta dwar dik l-informazzjoni, f'perjodu ta' żmien raġonevoli stabbilit minn dik l-Awtorità.
	3. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment għandha toħroġ ordni ta' tneħħija mil-lista, fejn tqis li t-tneħħija mil-lista tkun meħtieġa għall-prevenzjoni tad-disseminazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal lill-utenti fl-Unjoni, filwaqt li tqis il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet tal-vittmi u l-eżistenza u l-implimentazzjoni mill-fornitur ta' politika biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' tali disseminazzjoni.
	Or. en

Emenda 158

Proposta għal regolament
Artikolu 18b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 18b
	Regoli addizzjonali dwar l-ordnijiet ta' tneħħija mil-lista
	1. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha toħroġ ordnijiet ta' tneħħija mil-lista kif imsemmi fl-Artikolu 18a billi tuża l-mudell stabbilit fl-Anness X. L-ordnijiet ta' tneħħija mil-lista għandhom jinkludu:
	(a) l-isem tal-fornitur u, fejn applikabbli, tar-rappreżentant legali tiegħu;
	(b) fejn ikun magħruf, is-servizz speċifiku li fir-rigward tiegħu tinħareġ l-ordni ta' tneħħija mil-lista;
	(c) id-dettalji kollha meħtieġa biex jiġu identifikati b'mod xieraq ir-riżorsa jew ir-riżorsi affettwati;
	(d) id-data tal-bidu tat-tneħħija mil-lista;
	(e) dikjarazzjoni dettaljata biżżejjed tar-raġunijiet li tispjega l-ordni ta' tneħħija mil-lista;
	(f) referenza għal dan ir-Regolament bħala l-bażi legali għat-tneħħija mil-lista;
	(g) id-data, il-kronogramma u l-firma elettronika tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni li toħroġ l-ordni ta' tneħħija mil-lista;
	(h) informazzjoni li tinftiehem faċilment dwar ir-rimedju disponibbli, inkluża informazzjoni dwar ir-rimedju lil qorti u dwar il-perjodi ta' żmien applikabbli għal tali rimedju.
	2. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni li toħroġ l-ordni ta' tneħħija mil-lista għandha tindirizzaha lill-istabbiliment ewlieni tal-fornitur jew, fejn applikabbli,

lir-rappreżentant legali tiegħu dežinjat f'konformità mal-Artikolu 24.

3. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tittrażmetti l-ordni ta' tneħħija mil-lista lill-punt ta' kuntatt tal-fornitur imsemmi fl-Artikolu 23(1), lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment u liċ-Ċentru tal-UE, permezz tas-sistema stabbilita f'konformità mal-Artikolu 39(2).

4. L-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tabbozza l-ordni ta' tneħħija mil-lista bil-lingwi ddikjarati mill-fornitur skont l-Artikolu 23(3).

5. Jekk il-fornitur ma jkunx jista' jeżegwixxi l-ordni ta' tneħħija mil-lista minħabba li jkun fiha żbalji evidenti jew ma jkunx fiha biżżejjed informazzjoni għall-eżekuzzjoni tagħha, il-fornitur għandu, mingħajr dewmien żejjed, jitlob il-kjarifika neċessarja mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni li toħroġ l-ordni, billi juża l-mudell stabbilit fl-Anness X.

6. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 86 sabiex temenda l-Anness X fejn neċessarju sabiex ittejjeb il-mudelli fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi rilevanti jew l-esperjenzi prattiċi miksubin.

Or. en

Emenda 159

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni ma għandhomx ikunu responsabbli għal reati ta' abbuż sesswali tat-tfal biss minħabba li jwettqu, b'rieda tajba, l-attivitajiet neċessarji sabiex	Il-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni**,** ma għandhomx ikunu responsabbli għal reati ta' abbuż sesswali tat-tfal biss minħabba li jwettqu, b'rieda tajba, l-attivitajiet neċessarji sabiex

jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-attivitajiet immirati lejn id-detezzjoni, l-identifikazzjoni, it-tneħħija, l-imblukkar jew ir-rapportar ta' abbuż sesswali tat-tfal online, jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għalih, f'konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.	jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-attivitajiet immirati lejn id-detezzjoni, l-identifikazzjoni, it-tneħħija, l-imblukkar***, it-tneħħija mil-lista mir-riżultati tat-tiftix,*** jew ir-rapportar ta' abbuż sesswali tat-tfal online, jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għalih, f'konformità ma' dawk ir-rekwiżiti.

Or. en

Emenda 160

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn jirrisjedu, informazzjoni dwar kwalunkwe każ li fih id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ***dwar l-abbuż*** sesswali tat-tfal li jidhru fiha tiġi rrapportata liċ-Ċentru tal-UE skont l-Artikolu 12. Persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu tali informazzjoni b'mod aċċessibbli għalihom.	***Il-vittmi*** li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn jirrisjedu, informazzjoni dwar kwalunkwe każ li fih id-disseminazzjoni ta' materjal magħruf ***ta' abbuż*** sesswali tat-tfal li jidhru fiha tiġi rrapportata liċ-Ċentru tal-UE skont l-Artikolu 12. Persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu tali informazzjoni b'mod aċċessibbli għalihom.

Or. en

Emenda 161

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tibgħat it-talba liċ-Ċentru tal-UE permezz tas-sistema stabbilita f'konformità mal-Artikolu 39(2) u għandha tikkomunika r-riżultati riċevuti miċ-Ċentru tal-UE ***lill-persuna*** li tagħmel it-talba.	Dik l-Awtorità ta' Koordinazzjoni għandha tibgħat it-talba liċ-Ċentru tal-UE permezz tas-sistema stabbilita f'konformità mal-Artikolu 39(2) u għandha tikkomunika r-riżultati riċevuti miċ-Ċentru tal-UE ***lill-vittma*** li tagħmel it-talba.

Or. en

Emenda 162

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-fornituri ta' servizzi ***ta' hosting*** għandhom jipprovdu assistenza raġonevoli, fuq talba, lil persuni li jirrisjedu fl-Unjoni li jkunu jixtiequ li l-fornitur ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għal oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkunu jidhru fih.	1. Il-fornituri ta' servizzi ***rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni*** għandhom jipprovdu assistenza raġonevoli, fuq talba, lil persuni li jirrisjedu fl-Unjoni li jkunu jixtiequ li l-fornitur ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għal oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jkunu jidhru fih.

Or. en

Emenda 163

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-persuni li jirrisjedu fl-Unjoni għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn tirrisjedi l-persuna, appoġġ miċ-Ċentru tal-UE meta dawn ikunu jixtiequ li fornitur ***ta' servizzi ta' hosting*** ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għal oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jidhru fih. Il-persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu kwalunkwe informazzjoni relatata ma' tali appoġġ b'mod aċċessibbli għalihom.	***Għal dak l-għan, il-vittmi*** għandu jkollhom id-dritt li jirċievu, fuq talba tagħhom, mill-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn tirrisjedi l-persuna, appoġġ miċ-Ċentru tal-UE meta dawn ikunu jixtiequ li fornitur ineħħi jew jiddiżattiva l-aċċess għal oġġett speċifiku wieħed jew aktar ta' materjal magħruf ta' abbuż sesswali tat-tfal li jidhru fih. Il-persuni b'diżabilità għandu jkollhom id-dritt li jitolbu u jirċievu kwalunkwe informazzjoni relatata ma' tali appoġġ b'mod aċċessibbli għalihom.

Or. en

Emenda 164

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. It-talbiet imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jindikaw l-oġġett jew l-oġġetti rilevanti ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.	***imħassar***

Or. en

Emenda 165

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-forniturі ta' servizzi ***ta' hosting*** u l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom jippreservaw id-data dwar il-kontenut u data oħra proċessata b'rabta mal-miżuri meħudin għall-konformità ma' dan ir-Regolament u d-data personali ġġenerata permezz ta' tali pproċessar, għal wieħed jew aktar mill-iskopijiet li ġejjin biss, kif applikabbli:	Il-forniturі ta' servizzi ***rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni*** u l-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali għandhom jippreservaw id-data dwar il-kontenut u data oħra proċessata b'rabta mal-miżuri meħudin għall-konformità ma' dan ir-Regolament u d-data personali ġġenerata permezz ta' tali pproċessar, għal wieħed jew aktar mill-iskopijiet li ġejjin biss, kif applikabbli:

Or. en

Emenda 166

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni għandhom jistabbilixxu punt uniku ta' kuntatt li jippermetti komunikazzjoni diretta,	1. Il-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni għandhom jistabbilixxu punt uniku ta' kuntatt li jippermetti komunikazzjoni diretta,

b'mezzi elettroniċi, mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-Istati Membri, mal-Kummissjoni u maċ-Ċentru tal-UE, għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

b'mezzi elettroniċi, mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, ma' awtoritajiet kompetenti oħrajn tal-Istati Membri, mal-Kummissjoni u maċ-Ċentru tal-UE, għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. ***Il-punt uniku ta' kuntatt għandu jippermetti komunikazzjoni diretta mal-utenti tas-servizz għal kwistjonijiet relatati ma' dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 167

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) ikunu ħielsa minn kwalunkwe influwenza esterna, kemm diretta kif ukoll indiretta;	(c) ikunu ħielsa minn kwalunkwe influwenza esterna ***mhux dovuta***, kemm diretta kif ukoll indiretta;

Or. en

Emenda 168

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) is-setgħa li jwettqu spezzjonijiet fuq il-post ta' kwalunkwe bini li jintuża minn dawk il-fornituri jew mill-persuni l-oħrajn imsemmijin fil-punt (a) għal finijiet relatati mal-kummerċ, man-negozju, mas-sengħa jew mal-professjoni tagħhom, jew li jitolbu lil awtoritajiet pubbliċi oħrajn sabiex jagħmlu dan, ***bl-għan*** li jeżaminaw, jaqbdu, jieħdu jew jiksbu kopji ta' informazzjoni relatata ma' suspettat ksur ta' dan ir-Regolament, irrispettivament mill-medium ta' memorja;	(b) is-setgħa li ***jitolbu lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' dak l-Istat Membru li*** jwettqu spezzjonijiet fuq il-post ta' kwalunkwe bini li jintuża minn dawk il-fornituri jew mill-persuni l-oħrajn imsemmijin fil-punt (a) għal finijiet relatati mal-kummerċ, man-negozju, mas-sengħa jew mal-professjoni tagħhom, jew li jitolbu lil awtoritajiet pubbliċi oħrajn sabiex jagħmlu dan, ***bil-għan*** li jeżaminaw, jaqbdu, jieħdu jew jiksbu kopji ta'

	informazzjoni relatata ma' suspettat ksur ta' dan ir-Regolament ***fi kwalunkwe forma***, irrispettivament mill-medium ta' memorja;

Or. en

Emenda 169

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu jagħtu setgħat investigattivi addizzjonali lill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 170

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) is-setgħa li jimponu multi***, jew li jitolbu lil awtorità ġudizzjarja fl-Istat Membru tagħhom sabiex tagħmel dan,*** f'konformità mal-Artikolu 35 għal ksur ta' dan ir-Regolament, inkluż in-nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe waħda mill-ordnijiet maħruġin skont l-Artikolu 27 u skont il-punt (b) ta' dan il-paragrafu;	(c) is-setgħa li jimponu multi f'konformità mal-Artikolu 35 għal ksur ta' dan ir-Regolament, inkluż in-nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe waħda mill-ordnijiet maħruġin skont l-Artikolu 27 u skont il-punt (b) ta' dan il-paragrafu;

Or. en

Emenda 171

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) is-setgħa li jimponu ħlas perjodiku ta' penali f'konformità mal-Artikolu 35 sabiex jiżguraw li ksur ta' dan ir-Regolament jiġi tterminat f'konformità ma' ordni maħruġa skont il-punt (b) ta' dan il-paragrafu ***jew għal nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe waħda mill-ordnijiet maħruġin skont l-Artikolu 27 u skont il-punt (b) ta' dan il-paragrafu***;	(d) is-setgħa li jimponu ħlas perjodiku ta' penali f'konformità mal-Artikolu 35 sabiex jiżguraw li ksur ta' dan ir-Regolament jiġi tterminat f'konformità ma' ordni maħruġa skont il-punt (b) ta' dan il-paragrafu;

Or. en

Emenda 172

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) is-setgħa li ***jadottaw*** miżuri interim ***sabiex jevitaw*** ir-riskju ta' ħsara serja.	(e) is-setgħa li ***jiġu adottati*** miżuri interim ***xierqa, raġonevoli u proporzjonati biex ikun evitat*** ir-riskju ta' ħsara serja.

Or. en

Emenda 173

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri jistgħu jagħtu setgħat ta' infurzar addizzjonali lill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 174

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Setgħat ta' infurzar addizzjonali	***Miżuri*** ta' infurzar addizzjonali

Or. en

Emenda 175

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fejn ikunu meħtieġa għat-twettiq tal-kompiti tagħhom,*** l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandu jkollhom ***is-setgħat*** ta' infurzar addizzjonali ***msemmijin fil-paragrafu 2***, fir-rigward tal-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li ddeżinjahom, dment li:	1. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandu jkollhom ***is-setgħa li jitolbu miżuri*** ta' infurzar addizzjonali, fir-rigward tal-forniturі ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru li ddeżinjahom, dment li:

Or. en

Emenda 176

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) is-setgħat l-oħrajn kollha skont l-Artikoli 27 u 28 sabiex jitwaqqaf ksur ta' dan ir-Regolament ikunu ġew eżawriti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 177

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandu jkollhom ***is-setgħat ta' infurzar addizzjonali sabiex jieħdu*** l-miżuri li ġejjin:	2. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandu jkollhom ***is-setgħa li jitolbu lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' dak l-Istat Membru*** l-miżuri ***ta' infurzar addizzjonali*** li ġejjin:

Or. en

Emenda 178

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***jitolbu lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew lill-awtorità amministrattiva indipendenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinja lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni sabiex tordna r-restrizzjoni*** temporanja tal-aċċess tal-utenti tas-servizz ikkonċernat mill-ksur jew, iżda biss meta dan ma jkunx teknikament fattibbli, għall-interfaċċa online tal-fornitur li fuqha jseħħ il-ksur, meta l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tqis li:	(b) ***jordnaw ir-restrizzjoni*** temporanja tal-aċċess tal-utenti tas-servizz ikkonċernat mill-ksur jew, iżda biss meta dan ma jkunx teknikament fattibbli, għall-interfaċċa online tal-fornitur li fuqha jseħħ il-ksur, meta l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tqis li:

Or. en

Emenda 179

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dispożizzjonijiet komuni dwar ***is-setgħat*** investigattivi u ta' infurzar	Dispożizzjonijiet komuni dwar ***il-miżuri*** investigattivi u ta' infurzar

Or. en

Emenda 180

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta fornitur ***ikun*** naqas milli jaħtar rappreżentant legali f'konformità mal-Artikolu 24, l-Istati Membri kollha għandu jkollhom ġuriżdizzjoni. Meta Stat Membru jiddeċiedi li jeżerċita ġuriżdizzjoni skont dan is-subparagrafu, huwa għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn kollha u jiżgura li jiġi rrispettat il-prinċipju ta' ne bis in idem.	Meta fornitur ***li ma jkollux l-istabbiliment ewlieni tiegħu fl-Unjoni jkun*** naqas milli jaħtar rappreżentant legali f'konformità mal-Artikolu 24, l-Istati Membri kollha għandu jkollhom ġuriżdizzjoni. Meta Stat Membru jiddeċiedi li jeżerċita ġuriżdizzjoni skont dan is-subparagrafu, huwa għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn kollha u jiżgura li jiġi rrispettat il-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

Or. en

Emenda 181

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-utenti għandu jkollhom id-dritt li jippreżentaw ilment li jallega ksur ta' dan ir-Regolament li jaffettwahom kontra fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni mal-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat Membru fejn jirrisjedi jew ikun stabbilit l-utent.	1. L-utenti ***u kwalunkwe korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni b'mandat biex jeżerċitaw id-drittijiet mogħtija minn dan ir-Regolament f'isimhom,*** għandu jkollhom id-dritt li jippreżentaw ilment li jallega ksur ta' dan ir-Regolament li jaffettwahom kontra fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni mal-Awtorità ta' Koordinazzjoni dežinjata mill-Istat

Membru fejn jirrisjedi jew ikun stabbilit l-utent.

Or. en

Emenda 182

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ammont massimu ta' pagament perjodiku ta' penali ma għandux jaqbeż il-5 % tal-fatturat medju globali ta' kuljum tal-fornitur jew tal-persuna l-oħra msemmija fl-Artikolu 27 fis-sena finanzjarja tas-servizzi intermedjarji kkonċernat fis-sena finanzjarja preċedenti għal kull jum, ikkalkolat mid-data speċifikata fid-deċiżjoni kkonċernata.	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ammont massimu ta' pagament perjodiku ta' penali ma għandux jaqbeż il-5 % tal-fatturat medju globali ta' kuljum tal-fornitur jew tal-persuna l-oħra msemmija fl-Artikolu 27***(1)(a)*** fis-sena finanzjarja tas-servizzi intermedjarji kkonċernat fis-sena finanzjarja preċedenti għal kull jum, ikkalkolat mid-data speċifikata fid-deċiżjoni kkonċernata.

Or. en

Emenda 183

Proposta għal regolament
Artikolu 35 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-penali imposti għall-ksur ta' dan ir-Regolament ma jheġġux ir-rapportar żejjed jew it-tneħħija ta' materjal li ma jikkostitwixxix materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal.

Or. en

Emenda 184

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***il-lokalizzaturi*** uniformi ***eżatti tar-riżorsi*** li jindikaw oġġetti speċifiċi ta' materjal li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jew li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jew awtoritajiet amministrattivi indipendenti oħrajn ta' Stat Membru jkunu identifikaw, wara valutazzjoni diliġenti, bħala li jikkostitwixxu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, ospitat minn fornituri ta' servizzi ta' hosting li ma joffrux servizzi fl-Unjoni, li ma jistax jitneħħa minħabba r-rifjut ta' dawk il-fornituri li jneħħu jew jiddiżattivaw l-aċċess għalih u minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz li jkollu ġuriżdizzjoni, sabiex iċ-Ċentru tal-UE jiġbor il-lista ta' ***lokalizzaturi*** uniformi tar-riżorsi f'konformità mal-Artikolu 44(3).	(b) ***l-Identifikaturi*** Uniformi ***tar-Riżorsi eżatti*** li jindikaw oġġetti speċifiċi ta' materjal li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jew li l-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti jew awtoritajiet amministrattivi indipendenti oħrajn ta' Stat Membru jkunu identifikaw, wara valutazzjoni diliġenti, bħala li jikkostitwixxu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, ospitat minn fornituri ta' servizzi ta' hosting li ma joffrux servizzi fl-Unjoni, li ma jistax jitneħħa minħabba r-rifjut ta' dawk il-fornituri li jneħħu jew jiddiżattivaw l-aċċess għalih u minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż terz li jkollu ġuriżdizzjoni, sabiex iċ-Ċentru tal-UE jiġbor il-lista ta' ***Identifikaturi*** Uniformi tar-Riżorsi f'konformità mal-Artikolu 44(3).

Or. en

Emenda 185

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni li jkunu ddeżinjaw jirċievu, mingħajr dewmien żejjed, il-materjal identifikat bħala materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, it-traskrizzjonijiet tal-konverżazzjonijiet identifikati bħala s-solleċitazzjoni tat-tfal, u ***l-lokalizzaturi*** uniformi tar-riżorsi, identifikati minn awtorità ġudizzjarja kompetenti jew minn	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni li jkunu ddeżinjaw jirċievu, mingħajr dewmien żejjed, il-materjal identifikat bħala materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, it-traskrizzjonijiet tal-konverżazzjonijiet identifikati bħala s-solleċitazzjoni tat-tfal, u ***l-Identifikaturi*** Uniformi tar-Riżorsi, identifikati minn awtorità ġudizzjarja kompetenti jew minn

awtorità amministrattiva indipendenti oħra għajr l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, għas-sottomissjoni liċ-Ċentru tal-UE f'konformità mal-ewwel subparagrafu.	awtorità amministrattiva indipendenti oħra għajr l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, għas-sottomissjoni liċ-Ċentru tal-UE f'konformità mal-ewwel subparagrafu.
	Or. en

Emenda 186

Proposta għal regolament
Artikolu 36 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom jirċievu rapport ***tat-tixrid*** ta' materjal ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal jew tas-solleċitazzjoni tat-tfal mibgħuta lilhom miċ-Ċentru tal-UE f'konformità mal-Artikolu 48(3), titwettaq valutazzjoni diliġenti f'konformità mal-paragrafu 1 ***u, jekk il-materjal jew il-konverżazzjoni jiġu identifikati bħala li jikkostitwixxu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal jew bħala s-solleċitazzjoni tat-tfal, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tissottometti l-materjal liċ-Ċentru tal-UE, f'konformità ma' dak il-paragrafu, fi żmien xahar mid-data tal-wasla tar-rapport jew, meta l-valutazzjoni tkun partikolarment kumplessa, xahrejn minn dik id-data***.	3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tagħhom jirċievu rapport ***tad-disseminazzjoni*** ta' materjal ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal jew tas-solleċitazzjoni tat-tfal mibgħuta lilhom miċ-Ċentru tal-UE f'konformità mal-Artikolu 48(3), titwettaq valutazzjoni diliġenti f'konformità mal-paragrafu 1.
Or. en	

Emenda 187

Proposta għal regolament
Artikolu 38 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni jistgħu jieħdu sehem f'investigazzjonijiet konġunti, li jistgħu jiġu kkoordinati bl-appoġġ taċ-Ċentru tal-UE, dwar kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, rigward fornituri ta' servizzi	L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni ***għandhom jikkondividu standards tal-aħjar prattika u gwida dwar id-detezzjoni u t-tneħħija ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u*** jistgħu jieħdu sehem f'investigazzjonijiet konġunti, li jistgħu

rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni li joffru s-servizzi tagħhom f'diversi Stati Membri.	jiġu kkoordinati bl-appoġġ taċ-Ċentru tal-UE, dwar kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, rigward fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni li joffru s-servizzi tagħhom f'diversi Stati Membri.

Or. en

Emenda 188

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom jikkooperaw ma' xulxin, ma' kwalunkwe awtorità kompetenti oħra tal-Istat Membru li ddeżinja l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, mal-Kummissjoni, maċ-Ċentru tal-UE u ma' aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni, inkluża ***l-Europol***, sabiex jiffaċilitaw it-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament u jiżguraw l-applikazzjoni u l-infurzar effettivi, effiċjenti u konsistenti tiegħu.	1. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni għandhom jikkooperaw ma' xulxin, ma' kwalunkwe awtorità kompetenti oħra tal-Istat Membru li ddeżinja l-Awtorità ta' Koordinazzjoni, mal-Kummissjoni, maċ-Ċentru tal-UE***, mal-Europol*** u ma' aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni, inkluża ***l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċibersigurtà (ENISA)***, sabiex jiffaċilitaw it-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament u jiżguraw l-applikazzjoni u l-infurzar effettivi, effiċjenti u konsistenti tiegħu.

Or. en

Emenda 189

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jistabbilixxi u jżomm sistema waħda jew aktar affidabbli u sigura ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni li tappoġġa l-komunikazzjoni bejn l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, il-Kummissjoni, iċ-Ċentru	2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jistabbilixxi u jżomm sistema waħda jew aktar affidabbli u sigura ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni li tappoġġa l-komunikazzjoni bejn l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, il-Kummissjoni, iċ-Ċentru

tal-UE, aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni u fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni.

tal-UE, ***il-Europol, u*** aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni***, inkluża l-ENISA*** u fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni.

Or. en

Emenda 190

Proposta għal regolament
Artikolu 39 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, il-Kummissjoni, iċ-Ċentru tal-UE, aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni u l-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni għandhom jużaw is-sistemi ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni msemmijin fil-paragrafu 2 għall-komunikazzjonijiet rilevanti kollha skont dan ir-Regolament.	3. L-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, il-Kummissjoni, iċ-Ċentru tal-UE, ***il-Europol,*** aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni***, inkluża l-ENISA*** u l-fornituri ta' servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni għandhom jużaw is-sistemi ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni msemmijin fil-paragrafu 2 għall-komunikazzjonijiet rilevanti kollha skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 191

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettiv ta' dan ir-Regolament billi jappoġġa u jiffaċilita l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar id-detezzjoni, ir-rapportar, it-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għal, ***u*** l-imblukkar tal-abbuż sesswali tat-tfal online ***u*** jiġbor u jikkondividi informazzjoni u għarfien espert u jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn partijiet pubbliċi u privati rilevanti	2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jikkontribwixxi għall-ilħuq tal-objettiv ta' dan ir-Regolament billi jappoġġa u jiffaċilita l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tiegħu dwar ***il-prevenzjoni,*** id-detezzjoni, ir-rapportar, it-tneħħija jew id-diżattivazzjoni tal-aċċess għal, l-imblukkar tal-abbuż sesswali tat-tfal online ***jew it-tneħħija mil-lista ta' riżorsa partikolari li tindika oġġetti speċifiċi ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal. Iċ-***

b'rabta mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u mal-ġlieda kontra dan, b'mod partikolari online.	***Ċentru tal-UE għandu*** jiġbor u jikkondividi informazzjoni u għarfien espert u jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn partijiet pubbliċi u privati rilevanti b'rabta mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u mal-ġlieda kontra dan, b'mod partikolari online. ***Għandha jippromwovi u jiżgura l-appoġġ u l-assistenza xierqa lill-vittmi.***
	Or. en

Emenda 192

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Is-sede taċ-Ċentru tal-UE għandha tkun ***The Hague, in-Netherlands***.	Is-sede taċ-Ċentru tal-UE għandha tkun**...**
	L-għażla tal-post tas-sede taċ-Ċentru tal-UE għandha ssir f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, abbażi tal-kriterji li ġejjin:
	(a) ma għandhiex taffettwa l-eżekuzzjoni miċ-Ċentru tal-UE tal-kompiti tiegħu jew l-organizzazzjoni tal-istruttura ta' governanza tiegħu;
	(b) għandha tiżgura li ċ-Ċentru jkun jista' jirrekluta l-persunal bi kwalifiki għoljin u speċjalizzat li jeħtieġ biex iwettaq il-kompiti u jeżerċita s-setgħat mogħtija minn dan ir-Regolament;
	(c) għandha tiżgura li dan ikun jista' jiġi stabbilit fuq il-post mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament;
	(d) għandha tiżgura aċċessibilità xierqa tal-post, l-eżistenza ta' faċilitajiet edukattivi adegwati għat-tfal tal-membri tal-persunal, aċċess xieraq għas-suq tax-xogħol, sigurtà soċjali u kura medika kemm għat-tfal kif ukoll għall-konjuġi;
	(e) għandha tiżgura distribuzzjoni ġeografika bbilanċjata tal-istituzzjonijiet,

tal-korpi u tal-aġenziji tal-UE fl-Unjoni kollha;

(f) għandha tippermetti li jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet, mal-korpi u mal-aġenziji tal-UE;

(g) għandha tiżgura s-sostenibbiltà kif ukoll il-konnettività u s-sigurtà diġitali fir-rigward tal-infrastrutturi fiżiċi u tal-IT u l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

Or. en

Emenda 193

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jipprovdi informazzjoni u appoġġ lill-vittmi f'konformità mal-Artikoli 20 u 21;	(d) jipprovdi informazzjoni***, assistenza*** u appoġġ lill-vittmi f'konformità mal-Artikoli 20 u 21;

Or. en

Emenda 194

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1 – punt 6 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jappoġġa l-iżvilupp u d-disseminazzjoni ta' għodod edukattivi xierqa għall-età sabiex jissaħħaħ il-litteriżmu diġitali u titqajjem kuxjenza fost l-utenti;

Or. en

Emenda 195

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) indikaturi sabiex tiġi identifikata d-disseminazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal identifikat preċedentement u identifikat bħala li jikkostitwixxi materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal f'konformità mal-Artikolu 36(1);	(a) indikaturi sabiex ***jipprevjenu u*** tiġi identifikata d-disseminazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal identifikat preċedentement u identifikat bħala li jikkostitwixxi materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal f'konformità mal-Artikolu 36(1);

Or. en

Emenda 196

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) indikaturi sabiex tiġi identifikata d-disseminazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal li ma ġiex identifikat preċedentement u identifikat bħala li jikkostitwixxi materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal f'konformità mal-Artikolu 36(1);	(b) indikaturi sabiex ***jipprevjenu u*** tiġi identifikata d-disseminazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal li ma ġiex identifikat preċedentement u identifikat bħala li jikkostitwixxi materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal f'konformità mal-Artikolu 36(1);

Or. en

Emenda 197

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) indikaturi sabiex tiġi identifikata s-solleċitazzjoni tat-tfal.	(c) indikaturi sabiex ***jipprevjenu u*** tiġi identifikata s-solleċitazzjoni tat-tfal.

Or. en

Emenda 198

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fir-rigward tal-paragrafu 1, il-punt (a), l-indikaturi rilevanti għandhom jinkludu lista ta' ***lokalizzaturi*** uniformi tar-riżorsi miġbura miċ-Ċentru tal-UE f'konformità mal-paragrafu 3;	(b) fir-rigward tal-paragrafu 1, il-punt (a), l-indikaturi rilevanti għandhom jinkludu lista ta' ***Identifikaturi*** Uniformi tar-Riżorsi miġbura miċ-Ċentru tal-UE f'konformità mal-paragrafu 3;

Or. en

Emenda 199

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iċ-Ċentru tal-UE għandu jiġbor il-lista ta' ***lokalizzaturi*** uniformi tar-riżorsi msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), biss fuq il-bażi ***tal-lokalizzaturi*** uniformi tar-riżorsi sottomessi lilu skont l-Artikolu 36(1), il-punt (b).	Iċ-Ċentru tal-UE għandu jiġbor il-lista ta' ***Identifikaturi*** Uniformi tar-Riżorsi msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), biss fuq il-bażi ***tal-Identifikaturi*** Uniformi tar-Riżorsi sottomessi lilu skont l-Artikolu 36(1), il-punt (b).

Or. en

Emenda 200

Proposta għal regolament
Artikolu 44 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jżomm rekords tas-sottomissjonijiet u tal-proċess applikat biex jiġu ġġenerati l-indikaturi u tiġi kkompilata l-lista msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafi. Għandu jżomm dawk ir-rekords sakemm l-indikaturi,	4. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jżomm rekords tas-sottomissjonijiet u tal-proċess applikat biex jiġu ġġenerati l-indikaturi u tiġi kkompilata l-lista msemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafi. Għandu jżomm dawk ir-rekords sakemm l-indikaturi,

inkluži ***l-lokalizzaturi*** uniformi tar-riżorsi, li jikkorrispondu magħhom, ikunu jinsabu fil-bażijiet tad-data tal-indikaturi msemmijin fil-paragrafu 1.	inkluži ***l-Identifikaturi*** Uniformi tar-Riżorsi, li jikkorrispondu magħhom, ikunu jinsabu fil-bażijiet tad-data tal-indikaturi msemmijin fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 201

Proposta għal regolament
Artikolu 45 – paragrafu 5 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) indikaturi rilevanti u tags anċillari assoċjati mal-materjal rapportat ta' abbuż sesswali tat-tfal potenzjali.	(g) indikaturi rilevanti***, metadata,*** u tags anċillari assoċjati mal-materjal rapportat ta' abbuż sesswali tat-tfal potenzjali.

Or. en

Emenda 202

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jagħti lill-forniturі ta' servizzi ***ta' hosting, lill-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali u lill-forniturі ta' servizzi ta'*** aċċess għall-internet aċċess għall-bażijiet tad-data tal-indikaturi msemmijin fl-Artikolu 44, meta u sa fejn ikun neċessarju sabiex jeżegwixxu l-ordnijiet ta' detezzjoni jew ta' ***mblukkar*** li jkunu rċivew f'konformità mal-Artikolu 7 jew ***16***. Għandu jieħu miżuri sabiex jiżgura li tali aċċess jibqa' limitat għal dak li jkun strettament neċessarju għall-perjodu ta' applikazzjoni tal-ordnijiet ta' detezzjoni jew ta' ***mblukkar ikkonċernati*** u li tali aċċess bl-ebda mod ma jipperikola l-operat xieraq ta' dawk il-bażijiet tad-data u l-	2. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jagħti lill-forniturі ta' servizzi ***rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni*** aċċess għall-internet aċċess għall-bażijiet tad-data tal-indikaturi msemmijin fl-Artikolu 44, meta u sa fejn ikun neċessarju sabiex jeżegwixxu l-ordnijiet ta' detezzjoni ***volontarja, detezzjoni, imblukkar*** jew ***ordnijiet*** ta' ***tneħħija mil-lista*** li jkunu rċivew f'konformità mal-Artikolu ***5a,*** 7***, 16*** jew ***18a***. ***Iċ-Ċentru tal-UE*** għandu jieħu miżuri sabiex jiżgura li tali aċċess jibqa' limitat għal dak li jkun strettament neċessarju għall-perjodu ta' applikazzjoni tal-ordnijiet ta' detezzjoni ***volontarja, detezzjoni, imblukkar*** jew ***ordnijiet*** ta' ***tneħħija mil-lista kkonċernati*** u li tali aċċess bl-ebda

akkuratezza u s-sigurtà tad-data li tinsab fihom.	mod ma jipperikola l-operat xieraq ta' dawk il-bażijiet tad-data u l-akkuratezza u s-sigurtà tad-data li tinsab fihom.

Or. en

Emenda 203

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jagħti lill-Europol u lill-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri aċċess għall-bażijiet tad-data tal-indikaturi msemmijin fl-Artikolu 44 meta u sa fejn ikun neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tagħhom ta' investigazzjoni ta' reati ***suspettati*** ta' abbuż sesswali tat-tfal.	4. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jagħti lill-Europol u lill-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri aċċess għall-bażijiet tad-data tal-indikaturi msemmijin fl-Artikolu 44 meta u sa fejn ikun neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tagħhom ta' investigazzjoni ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal.

Or. en

Emenda 204

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jagħti lill-Europol aċċess għall-bażijiet tad-data tar-rapporti msemmijin fl-Artikolu 45, meta u sa fejn ikun neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tiegħu li jassisti investigazzjonijiet ta' reati ***suspettati*** ta' abbuż sesswali tat-tfal.	5. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jagħti lill-Europol aċċess għall-bażijiet tad-data tar-rapporti msemmijin fl-Artikolu 45, meta u sa fejn ikun neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tiegħu li jassisti investigazzjonijiet ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal.

Or. en

Emenda 205

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iċ-Ċentru tal-UE għandu jipprovdi l-aċċess imsemmi fil-paragrafi 2, 3, 4 u 5 biss meta jirċievi talba, filwaqt li jispeċifika l-iskop tat-talba, il-modalitajiet tal-aċċess mitlub, u l-grad ta' aċċess meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan. It-talbiet għall-aċċess imsemmijin fil-paragrafu 2 għandhom jinkludu wkoll referenza ***għall-ordni*** ta' detezzjoni jew ***għall-ordni ta' mblukkar***, kif applikabbli.	Iċ-Ċentru tal-UE għandu jipprovdi l-aċċess imsemmi fil-paragrafi 2, 3, 4 u 5 biss meta jirċievi talba, filwaqt li jispeċifika l-iskop tat-talba, il-modalitajiet tal-aċċess mitlub, u l-grad ta' aċċess meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan. It-talbiet għall-aċċess imsemmijin fil-paragrafu 2 għandhom jinkludu wkoll referenza ***għall-ordnijiet*** ta' detezzjoni ***volontarja, detezzjoni, imblukkar*** jew ***għall-ordnijiet ta' tneħħija mil-lista***, kif applikabbli.

Or. en

Emenda 206

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Iċ-Ċentru tal-UE għandu jivvaluta b'diliġenza dawk it-talbiet u jagħti aċċess biss meta jqis li l-aċċess mitlub ikun neċessarju u proporzjonat għall-iskop speċifikat.	Iċ-Ċentru tal-UE għandu jivvaluta b'diliġenza dawk it-talbiet u jagħti aċċess biss meta jqis li l-aċċess mitlub ikun neċessarju u proporzjonat għall-iskop speċifikat***, u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni***.

Or. en

Emenda 207

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jivverifika	7. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jivverifika

regolarment li d-data li tinsab fil-bażijiet tad-data msemmijin fl-Artikoli 44 u 45 hija, f'kull aspett, kompluta, akkurata u aġġornata u tkompli tkun neċessarja għall-finijiet ta' rapportar, ta' detezzjoni u ta' mblukkar f'konformità ma' dan ir-Regolament, kif ukoll għall-iffaċilitar u għall-monitoraġġ ta' teknoloġiji u ta' proċessi ta' detezzjoni akkurati. B'mod partikolari, fir-rigward ***tal-lokalizzaturi*** uniformi tar-riżorsi li jinsabu fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 44(1), il-punt (a), iċ-Ċentru tal-UE għandu, fejn neċessarju f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, jivverifika regolarment li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 36(1), il-punt (b), ikomplu jiġu ssodisfati. Dawk il-verifiki għandhom jinkludu awditi, fejn xieraq. Meta jkun neċessarju fid-dawl ta' dawk il-verifiki, għandu jikkomplementa, jaġġusta jew iħassar id-data minnufih.	regolarment li d-data li tinsab fil-bażijiet tad-data msemmijin fl-Artikoli 44 u 45 hija, f'kull aspett, kompluta, akkurata u aġġornata u tkompli tkun neċessarja għall-finijiet ta' rapportar, ta' detezzjoni u ta' mblukkar f'konformità ma' dan ir-Regolament, kif ukoll għall-iffaċilitar u għall-monitoraġġ ta' teknoloġiji u ta' proċessi ta' detezzjoni akkurati. B'mod partikolari, fir-rigward ***tal-Identifikaturi*** Uniformi tar-Riżorsi li jinsabu fil-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 44(1), il-punt (a), iċ-Ċentru tal-UE għandu, fejn neċessarju f'kooperazzjoni mal-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, jivverifika regolarment li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 36(1), il-punt (b), ikomplu jiġu ssodisfati. Dawk il-verifiki għandhom jinkludu awditi, fejn xieraq. Meta jkun neċessarju fid-dawl ta' dawk il-verifiki, għandu jikkomplementa, jaġġusta jew iħassar id-data minnufih.

Or. en

Emenda 208

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jiżgura li d-data li tinsab fil-bażijiet tad-data msemmijin fl-Artikoli 44 u 45 tinħażen b'mod sikur u li l-ħżin ikun soġġett għal salvagwardji tekniċi u organizzazzjonali xierqa. Dawk is-salvagwardji għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, li d-data tkun tista' tiġi aċċessata u pproċessata biss minn persuni debitament awtorizzati għall-fini li għalih il-persuna tkun awtorizzata u li jinkiseb livell għoli ta' sigurtà. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jirrieżamina regolarment dawk is-salvagwardji u jaġġustahom fejn ikun neċessarju.	8. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jiżgura li d-data li tinsab fil-bażijiet tad-data msemmijin fl-Artikoli 44 u 45 tinħażen b'mod sikur u li l-ħżin ikun soġġett għal salvagwardji tekniċi u organizzazzjonali xierqa ***li jiżguraw superviżjoni effettiva, speċjalment f'sistemi awtomatizzati ta' pproċessar***. Dawk is-salvagwardji għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, li d-data tkun tista' tiġi aċċessata u pproċessata biss minn persuni debitament awtorizzati għall-fini li għalih il-persuna tkun awtorizzata u li jinkiseb livell għoli ta' sigurtà. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jirrieżamina regolarment dawk is-

	salvagwardji u jaġġustahom fejn ikun neċessarju. ***Għandu jżomm rekord tal-attivitajiet ta' pproċessar kif stabbilit fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2016/679 li, fuq talba, għandu jkun disponibbli għall-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data taċ-Ċentru tal-UE u għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.***

Or. en

Emenda 209

Proposta għal regolament
Artikolu 47 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-proċessar tas-sottomissjonijiet mill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, il-ġenerazzjoni tal-indikaturi, il-kompilazzjoni tal-lista ta' ***lokalizzaturi*** uniformi tar-riżorsi u ż-żamma tar-rekords, imsemmijin fl-Artikolu 44(3);	(b) il-proċessar tas-sottomissjonijiet mill-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni, il-ġenerazzjoni tal-indikaturi, il-kompilazzjoni tal-lista ta' ***Identifikaturi*** Uniformi tar-Riżorsi u ż-żamma tar-rekords, imsemmijin fl-Artikolu 44(3);

Or. en

Emenda 210

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jivvaluta u jipproċessa malajr ir-rapporti ppreżentati mill-fornituri ta' servizzi ta' hosting u mill-fornituri ta' servizzi tal-komunikazzjoni interpersonali f'konformità mal-Artikolu 12 sabiex jiddetermina jekk ir-rapporti humiex manifestament infondati jew ***għandhomx jintbagħtu***.	1. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jivvaluta u jipproċessa malajr ***u b'mod preċiż*** ir-rapporti ppreżentati mill-fornituri ta' servizzi ta' hosting u mill-fornituri ta' servizzi tal-komunikazzjoni interpersonali f'konformità mal-Artikolu 12 sabiex jiddetermina jekk ir-rapporti humiex manifestament infondati jew ***le. Għal dak l-għan, il-fornituri ta' servizzi ta' hosting u l-fornituri ta' servizzi ta'***

komunikazzjoni interpersonali għandhom jagħmlu l-isforzi raġonevoli kollha biex jiżguraw il-kwalità tal-informazzjoni ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 13, sabiex jiffaċilitaw valutazzjoni u proċess rapidi u preċiżi.

Or. en

Emenda 211

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-perjodi ta' żmien imsemmijin ***fl-ewwel subparagrafu***, il-punti (a) u (b), għandhom ikunu dawk speċifikati fit-talba tal-awtorità kompetenti tal-infurzar tal-liġi liċ-Ċentru tal-UE, dment li jibqgħu limitati għal dak li jkun neċessarju sabiex tiġi evitata interferenza mal-attivitajiet ***rilevanti*** u ma jaqbżux it-18-il xahar.	7. Il-perjodi ta' żmien imsemmijin ***fil-paragrafu 6***, il-punti (a) u (b), għandhom ikunu dawk speċifikati fit-talba tal-awtorità kompetenti tal-infurzar tal-liġi liċ-Ċentru tal-UE, dment li jibqgħu limitati għal dak li jkun neċessarju sabiex tiġi evitata interferenza mal-attivitajiet ***għall-prevenzjoni, id-detezzjoni, l-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal*** u ma jaqbżux it-18-il xahar.

Or. en

Emenda 212

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jkollu s-setgħa li jwettaq tfittxijiet fuq servizzi ta' hosting għad-disseminazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal aċċessibbli għall-pubbliku, billi juża l-indikaturi rilevanti mill-bażi tad-data tal-indikaturi msemmija fl-Artikolu 44(1), il-punti (a) u (b), fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:	1. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jkollu s-setgħa li jwettaq tfittxijiet ***immirati*** fuq servizzi ta' hosting għad-disseminazzjoni ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal aċċessibbli għall-pubbliku, billi juża l-indikaturi rilevanti mill-bażi tad-data tal-indikaturi msemmija fl-Artikolu 44(1), il-punti (a) u (b), fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 213

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta jintalab hekk minn awtorità kompetenti tal-infurzar tal-liġi ta' Stat Membru sabiex jiġi evitat li jkun hemm interferenza fl-attivitajiet għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni, għall-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal, iċ-Ċentru tal-UE ma għandux ***jissottometti avviż***, għaż-żmien kollu neċessarju sabiex tiġi evitata tali interferenza iżda mhux għal aktar minn 18-il xahar.	3. Meta jintalab hekk minn awtorità kompetenti tal-infurzar tal-liġi ta' Stat Membru sabiex jiġi evitat li jkun hemm interferenza fl-attivitajiet għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni, għall-investigazzjoni u għall-prosekuzzjoni ta' reati ta' abbuż sesswali tat-tfal, iċ-Ċentru tal-UE ma għandux ***jipproċedi skont il-paragrafu 2***, għaż-żmien kollu neċessarju sabiex tiġi evitata tali interferenza iżda mhux għal aktar minn 18-il xahar.

Or. en

Emenda 214

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Qabel ma jinkludi teknoloġiji speċifiċi f'dawk il-listi, iċ-Ċentru tal-UE għandu jitlob l-opinjoni tal-Kumitat tat-Teknoloġija tiegħu u tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Il-Kumitat tat-Teknoloġija u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jagħtu l-opinjonijiet rispettivi tagħhom fi żmien tmien ġimgħat. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż b'sitt ġimgħat oħrajn, meta jkun neċessarju, filwaqt li jittieħed kont tal-kumplessità tas-suġġett. Il-Kumitat tat-Teknoloġija u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jinformaw liċ-Ċentru tal-UE bi kwalunkwe estensjoni	Qabel ma jinkludi teknoloġiji speċifiċi f'dawk il-listi, iċ-Ċentru tal-UE għandu jitlob l-opinjoni tal-Kumitat tat-Teknoloġija tiegħu u***, fuq talba lill-Kummissjoni, l-opinjoni*** tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Il-Kumitat tat-Teknoloġija u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jagħtu l-opinjonijiet rispettivi tagħhom fi żmien tmien ġimgħat. Dak il-perjodu jista' jiġi estiż b'sitt ġimgħat oħrajn, meta jkun neċessarju, filwaqt li jittieħed kont tal-kumplessità tas-suġġett. Il-Kumitat tat-Teknoloġija u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandhom jinformaw

bħal din fi żmien xahar minn meta jirċievu t-talba għal konsultazzjoni, flimkien mar-raġunijiet għad-dewmien.	liċ-Ċentru tal-UE bi kwalunkwe estensjoni bħal din fi żmien xahar minn meta jirċievu t-talba għal konsultazzjoni, flimkien mar-raġunijiet għad-dewmien. ***Meta ċ-Ċentru tal-UE jiddevja sostanzjalment minn dawk l-opinjonijiet, huwa għandu jinforma lill-Kumitat tat-Teknoloġija jew lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u lill-Kummissjoni b'dan, filwaqt li jispeċifika l-punti fejn ikun iddevja u r-raġunijiet ewlenin għal dik id-devjazzjoni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Opinjoni Konġunta tal-EDPB u tal-EDPS 04/2022 (punti 107 u 108)

Emenda 215

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) informazzjoni li tirriżulta minn riċerka jew minn attivitajiet oħrajn imwettqin mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, minn istituzzjonijiet, minn korpi, minn uffiċċji u minn aġenziji oħrajn tal-Unjoni, mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi, minn organizzazzjonijiet internazzjonali, minn ċentri ta' riċerka u minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.	(c) informazzjoni li tirriżulta minn riċerka jew minn attivitajiet oħrajn imwettqin mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, minn istituzzjonijiet, minn korpi, minn uffiċċji u minn aġenziji oħrajn tal-Unjoni, mill-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi, minn organizzazzjonijiet internazzjonali, minn ċentri ta' riċerka***, hotlines,*** u minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Or. en

Emenda 216

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni u jippromwovi djalogu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ***u mal-fornituri ta' servizzi ta' hosting jew ta' komunikazzjoni interpersonali*** sabiex titqajjem kuxjenza pubblika dwar l-abbuż sesswali tat-tfal online u miżuri għall-prevenzjoni tat-tali abbuż u għall-ġlieda kontrih.	5. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jiżviluppa strateġija ta' komunikazzjoni u jippromwovi djalogu ***u kooperazzjoni*** mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***, l-awtoritajiet pubbliċi, u mas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni,*** sabiex titqajjem kuxjenza pubblika dwar l-abbuż sesswali tat-tfal online u miżuri għall-prevenzjoni tat-tali abbuż u għall-ġlieda kontrih.

Or. en

Emenda 217

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jaħżen id-data personali msemmija fil-paragrafu 2 biss meta u sakemm tkun strettament neċessarja għall-finijiet applikabbli elenkati fil-paragrafu 2.	3. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jaħżen id-data personali msemmija fil-paragrafu 2 biss meta u sakemm tkun strettament neċessarja għall-finijiet applikabbli elenkati fil-paragrafu 2. ***Il-perjodu massimu ta' żamma għall-ħżin ta' dik id-data ma għandux jaqbeż l-24 xahar. Wara dak il-perjodu, iċ-Ċentru tal-UE għandu jirrevedi n-neċessità ta' ħżin kontinwu ta' dik id-data u jipprovdi ġustifikazzjoni għal żamma estiża massima oħra ta' 24 xahar.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Opinjoni Konġunta tal-EDPB u tal-EDPS 04/2022 (punt 115)

Emenda 218

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Għandu jiżgura li d-data personali tinħażen b'mod sikur u li l-ħżin ikun soġġett għal salvagwardji tekniċi u organizzazzjonali xierqa. Dawk is-salvagwardji għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, li d-data personali tkun tista' tiġi aċċessata u pproċessata biss għall-fini li għalih tinħażen, li jinkiseb livell għoli ta' sigurtà u li d-data personali titħassar meta ma tibqax strettament neċessarja għall-finijiet applikabbli. Għandu jirrieżamina b'mod regolari dawk is-salvagwardji u jaġġustahom meta dan ikun neċessarju.	4. Għandu jiżgura li d-data personali tinħażen b'mod sikur u li l-ħżin ikun soġġett għal salvagwardji tekniċi u organizzazzjonali xierqa ***li jiżguraw superviżjoni effettiva, speċjalment f'sistemi awtomatizzati ta' pproċessar***. Dawk is-salvagwardji għandhom jiżguraw, b'mod partikolari, li d-data personali tkun tista' tiġi aċċessata u pproċessata biss għall-fini li għalih tinħażen, li jinkiseb livell għoli ta' sigurtà u li d-data personali titħassar meta ma tibqax strettament neċessarja għall-finijiet applikabbli. Għandu jirrieżamina b'mod regolari dawk is-salvagwardji u jaġġustahom meta dan ikun neċessarju. ***Għandu jżomm rekord tal-attivitajiet ta' pproċessar kif stabbilit fl-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2016/679 li, fuq talba, jitqiegħed għad-disponibilità tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data taċ-Ċentru tal-UE u għall-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Opinjoni Konġunta tal-EDPB u tal-EDPS 04/2022 (punt 116)

Emenda 219

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Europol u ċ-Ċentru tal-UE ***għandhom jipprovdu lil xulxin bl-akbar*** aċċess possibbli għall-informazzjoni u għas-sistemi ta' informazzjoni rilevanti, ***meta dawn ikunu neċessarji għat-twettiq tal-kompiti rispettivi tagħhom*** u ***f'konformità mal-atti tad-dritt tal-Unjoni li jirregolaw***	***L-Europol għandha tipprovdi liċ-Ċentru*** tal-UE ***b'aċċess*** għall-informazzjoni u għas-sistemi ta' informazzjoni rilevanti, meta***jitqies strettament neċessarju*** għat-twettiq tal-kompiti ***taċ-Ċentru tal-UE. Kwalunkwe*** aċċess ***għal data personali pproċessata fis-sistemi*** ta' informazzjoni

tali aċċess.	***tal-Europol għandu jingħata biss fuq bażi ta' każ b'każ, mal-preżentazzjoni ta' talba espliċita, li tiddokumenta l-għan speċifiku, u l-ġustifikazzjoni. Jenħtieġ li l-Europol tkun meħtieġa tivvaluta dawk it-talbiet b'mod diliġenti u tittrażmetti biss data personali liċ-Ċentru tal-UE meta jkun strettament neċessarju u b'mod proporzjonali għall-iskop meħtieġ.*** ***Iċ-Ċentru tal-UE għandu jipprovdi lill-Europol b'aċċess għall-informazzjoni u s-sistemi ta' informazzjoni rilevanti meta jitqies strettament neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tal-Europol. Dak l-aċċess u t-trażmissjoni sussegwenti ta' data personali miksuba mis-sistemi ta' informazzjoni taċ-Ċentru tal-UE jenħtieġ li jsiru biss fuq bażi ta' każ b'każ, wara talba vvalutata kif xieraq, permezz ta' għodda ta' komunikazzjoni ta' skambju sigur disponibbli.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Opinjoni Konġunta tal-EDPB u tal-EDPS 04/2022 (punti 127-133)

Emenda 220

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tad-Direttur Eżekuttiv, iċ-Ċentru tal-UE għandu jimmassimizza l-effiċjenza billi jaqsam ***funzjonijiet amministrattivi mal-Europol***, ***inklużi*** funzjonijiet ***relatati mal-ġestjoni tal-persunal, mat-teknoloġija*** tal-informazzjoni (IT) ***u mal-implimentazzjoni tal-baġit***.	Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tad-Direttur Eżekuttiv, iċ-Ċentru tal-UE għandu jimmassimizza l-effiċjenza billi jaqsam***, meta possibbli***, funzjonijiet ***ta' appoġġ mal-Europol u servizzi tat-teknoloġija*** tal-informazzjoni (IT).

Or. en

Emenda 221

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta jkun neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament, iċ-Ċentru tal-UE jista' jikkoopera ma' organizzazzjonijiet u ma' networks b'informazzjoni u b'għarfien espert dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online u mal-ġlieda kontra dan, inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet semipubbliċi.	1. Meta jkun neċessarju għat-twettiq tal-kompiti tiegħu skont dan ir-Regolament, iċ-Ċentru tal-UE jista' jikkoopera ma' organizzazzjonijiet u ma' networks b'informazzjoni u b'għarfien espert dwar kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal online u mal-ġlieda kontra dan, inklużi organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ***li jaġixxu fl-interess tal-pubbliku*** u organizzazzjonijiet semipubbliċi.

Or. en

Emenda 222

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija u l-membri supplenti tagħhom għandhom jinħatru fid-dawl tal-għarfien tagħhom fil-qasam tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, filwaqt li jitqiesu ***l-ħiliet maniġerjali, amministrattivi*** u ***baġitarji rilevanti***. L-Istati Membri għandhom jaħtru rappreżentant tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni tagħhom, fi żmien erba' xhur minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]***. Il-partijiet kollha rappreżentati fil-Bord tat-Tmexxija għandhom jagħmlu sforzi sabiex jillimitaw id-dawran tar-rappreżentanti tagħhom, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-ħidma tiegħu***. Il-partijiet kollha għandu jkollhom l-għan li jiksbu rappreżentanza	4. Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija u l-membri supplenti tagħhom għandhom jinħatru fid-dawl tal-għarfien tagħhom fil-qasam tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, filwaqt li jitqiesu ***l-għarfien espert*** u ***r-rekords professjonali***. L-Istati Membri għandhom jaħtru rappreżentant tal-Awtorità ta' Koordinazzjoni tagħhom, fi żmien erba' xhur minn [data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-partijiet kollha għandu jkollhom l-għan li jiksbu rappreżentanza bilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa fil-Bord tat-Tmexxija.

bilanċjata bejn l-irġiel u n-nisa fil-Bord tat-Tmexxija.

Or. en

Emenda 223

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-mandat għall-membri u għall-membri supplenti tagħhom għandu jkun ta' erba' snin. Dak it-terminu jista' jiġġedded.	5. Il-mandat għall-membri u għall-membri supplenti tagħhom għandu jkun ta' erba' snin. Dak it-terminu jista' jiġġedded ***darba biss għal terminu ieħor ta' erba' snin***.

Or. en

Emenda 224

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Funzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija	***Kompiti*** tal-Bord tat-Tmexxija

Or. en

Emenda 225

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jadotta l-abbozz tad-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni u jibagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex dawn jagħtu l-opinjonijiet tagħhom;

Or. en

Emenda 226

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt ab (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) jadotta, sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, id-Dokument Uniku ta' Programmazzjoni, u jittrażmettih għall-informazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara, kif ukoll kwalunkwe verżjoni aġġornata oħra tad-dokument;

Or. en

Emenda 227

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt ac (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ac) jadotta l-baġit annwali taċ-Ċentru tal-UE u jeżerċita kompiti oħrajn fir-rigward tal-baġit taċ-Ċentru tal-UE;

Or. en

Emenda 228

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt ad (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ad) jivvaluta u jadotta rapport annwali konsolidat tal-attività dwar l-attivitajiet taċ-Ċentru tal-UE, inkluża ħarsa ġenerali lejn it-twettiq tal-kompiti tiegħu u

jibagħtu, sal-1 ta' Lulju ta' kull sena, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri u jippubblika r-rapport annwali konsolidat tal-attività;

Or. en

Emenda 229

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt ae (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ae) jadotta strateġija kontra l-frodi, proporzjonata għar-riskji ta' frodi b'kont meħud tal-kostijiet u l-benefiċċji tal-miżuri li għandhom jiġu implimentati, strateġija ta' titjib fl-effiċjenza u sinerġiji ma' aġenziji u korpi oħra deċentralizzati tal-Unjoni, strateġija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u/jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, u strateġija għall-ġestjoni organizzazzjonali u s-sistemi ta' kontroll intern;

Or. en

Emenda 230

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt af (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(af) jeżerċita, fir-rigward tal-persunal taċ-Ċentru tal-UE, is-setgħat mogħtijin mir-Regolamenti tal-Persunal lill-Awtorità tal-Ħatra u mill-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra lill-Awtorità li għandha s-Setgħa li Tikkonkludi Kuntratt ta' Impjieg[1a] ("is-setgħat tal-awtorità tal-ħatra");

[1a] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea u li jistabbilixxi miżuri speċjali temporanjament applikabbli għall-uffiċjali tal-Kummissjoni (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1)

Or. en

Emenda 231

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt ag (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ag) jadotta regoli ta' implimentazzjoni xierqa sabiex ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra jsiru effettivi f'konformità mal-Artikolu 110(2) tar-Regolamenti tal-Persunal;

Or. en

Emenda 232

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt ah (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ah) jaħtar id-Direttur Eżekuttiv u jneħħi lilu jew lilha mill-kariga, f'konformità mal-Artikolu 65;

Or. en

Emenda 233

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt ai (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ai) jaħtar Uffiċjal tal-Kontabilità, li jista' jkun l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni, soġġett għar-Regolamenti tal-Persunal u għall-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra, li għandu jkun/ għandha tkun kompletament indipendenti fit-twettiq ta' dmirijietu jew ta' dmirijietha;

Or. en

Emenda 234

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt aj (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aj) jadotta r-regoli finanzjarji applikabbli għaċ-Ċentru tal-UE;

Or. en

Emenda 235

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt ak (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ak) jieħu d-deċiżjonijiet kollha dwar l-istabbiliment tal-istrutturi interni taċ-Ċentru tal-UE u, fejn ikun neċessarju, il-modifika tagħhom.

Or. en

Emenda 236

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt al (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(al) jaħtar Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data;

Or. en

Emenda 237

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt am (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(am) jadotta linji gwida interni li jispeċifikaw aktar il-proċeduri għall-proċessar tal-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 51;

Or. en

Emenda 238

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jaħtar il-membri tal-Kumitat tat-Teknoloġija, u ta' kwalunkwe grupp konsultattiv ieħor li jista' jistabbilixxi;	(f) jaħtar il-membri tal-Kumitat tat-Teknoloġija, ***il-Forum Konsultattiv tal-Vittmi,*** u ta' kwalunkwe grupp konsultattiv ieħor li jista' jistabbilixxi;

Or. en

Emenda 239

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkollu tal-anqas ***żewġ*** laqgħat ordinarji fis-sena. Barra minn hekk, għandu jiltaqa' fuq l-inizjattiva tal-President tiegħu, fuq talba tal-Kummissjoni, jew fuq talba ta' mill-anqas terz tal-membri tiegħu.	3. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jkollu tal-anqas ***erba'*** laqgħat ordinarji fis-sena. Barra minn hekk, għandu jiltaqa' fuq l-inizjattiva tal-President tiegħu, fuq talba tal-Kummissjoni, jew fuq talba ta' mill-anqas terz tal-membri tiegħu.

Or. en

Emenda 240

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jistieden lil kwalunkwe persuna li l-opinjoni tagħha tista' tkun ta' interess sabiex tattendi l-laqgħat tiegħu bħala osservatur.	4. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jistieden lil kwalunkwe persuna li l-opinjoni tagħha tista' tkun ta' interess sabiex tattendi l-laqgħat tiegħu bħala osservatur ***dwar kwistjonijiet relatati ma' punt speċifiku fuq l-aġenda tal-Bord tat-Tmexxija***.

Or. en

Emenda 241

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Il-Bord tat-Tmexxija jista' jistieden lill-membri tal-Forum Konsultattiv tal-Vittmi bħala osservaturi dwar kwistjonijiet relatati ma' punt speċifiku fuq l-aġenda tal-Bord tat-Tmexxija.

Or. en

Emenda 242

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun magħmul mill-President u mill-Viċi President tal-Bord tat-Tmexxija, minn ***żewġ*** membri oħrajn maħtura mill-Bord tat-Tmexxija minn fost il-membri tiegħu bid-dritt tal-vot u minn żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni għall-Bord tat-Tmexxija. Il-President tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkun ukoll il-President tal-Bord Eżekuttiv.	Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun magħmul mill-President u mill-Viċi President tal-Bord tat-Tmexxija, minn ***tliet*** membri oħrajn maħtura mill-Bord tat-Tmexxija minn fost il-membri tiegħu bid-dritt tal-vot u minn żewġ rappreżentanti tal-Kummissjoni għall-Bord tat-Tmexxija. Il-President tal-Bord tat-Tmexxija għandu jkun ukoll il-President tal-Bord Eżekuttiv.

Or. en

Emenda 243

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-mandat tal-membri tal-Bord Eżekuttiv għandu jkun ta' erba' snin. ***Matul it-12-il xahar ta' qabel it-tmiem tal-mandat ta' erba' snin tal-President u tal-ħames membri tal-Bord Eżekuttiv, il-Bord tat-Tmexxija jew kumitat iżgħar magħżul minn fost il-membri tal-Bord tat-Tmexxija, li jinkludu rappreżentant tal-Kummissjoni, għandu jwettaq valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-Bord Eżekuttiv. Il-valutazzjoni għandha tqis evalwazzjoni tal-prestazzjoni tal-membri tal-Bord Eżekuttiv u l-kompiti u l-isfidi futuri taċ-Ċentru tal-UE. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni, il-Bord tat-Tmexxija jista' jestendi l-mandat tiegħu darba.***	2. Il-mandat tal-membri tal-Bord Eżekuttiv għandu jkun ta' erba' snin.

Or. en

Emenda 244

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkun responsabbli għall-ippjanar ġenerali u għat-twettiq tal-kompiti mogħtijin liċ-Ċentru tal-UE f'konformità mal-Artikolu 43. Il-Bord Eżekuttiv għandu jadotta d-deċiżjonijiet kollha taċ-Ċentru tal-UE bl-eċċezzjoni tad-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Bord tat-Tmexxija f'konformità mal-Artikolu 57.	***imħassar***

Or. en

Emenda 245

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Barra minn hekk, il-Bord Eżekuttiv għandu jkollu l-kompiti li ġejjin:	2. Il-Bord Eżekuttiv għandu jkollu l-kompiti li ġejjin:

Or. en

Emenda 246

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jadotta, sat-30 ta' Novembru ta' kull sena, fuq il-bażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv, l-abbozz ta' Dokument Uniku ta' Programmazzjoni, u għandu	***imħassar***

jittrażmettih għall-informazzjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara, kif ukoll kwalunkwe verżjoni aġġornata oħra tad-dokument;

Or. en

Emenda 247

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jadotta l-abbozz tal-baġit annwali tać-Ċentru tal-UE u jeżerċita funzjonijiet oħrajn fir-rigward tal-baġit tać-Ċentru tal-UE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 248

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jivvaluta u jadotta rapport annwali konsolidat tal-attività dwar l-attivitajiet tać-Ċentru tal-UE, inkluża ħarsa ġenerali lejn it-twettiq tal-kompiti tiegħu u jibagħtu, sal-1 ta' Lulju ta' kull sena, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri u jippubblika r-rapport annwali konsolidat tal-attività;	***imħassar***

Or. en

Emenda 249

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jadotta strateġija kontra l-frodi, proporzjonata għar-riskji ta' frodi u li tqis il-kostijiet u l-benefiċċji tal-miżuri li għandhom jiġu implimentati, strateġija ta' titjib fl-effiċjenza u sinerġiji, strateġija għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u/jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, u strateġija għall-ġestjoni organizzazzjonali u s-sistemi ta' kontroll intern	***imħassar***

Or. en

Emenda 250

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) jeżerċita, fir-rigward tal-persunal taċ-Ċentru tal-UE, is-setgħat mogħtijin mir-Regolamenti tal-Persunal lill-Awtorità tal-Ħatra u mill-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra liċ-Ċentru tal-UE li għandu s-Setgħa li Jikkonkludi Kuntratt ta' Impjieg[51] ("is-setgħat tal-awtorità tal-ħatra");	***imħassar***

[51]Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea u li jistabbilixxi miżuri speċjali temporanjament applikabbli għall-uffiċjali tal-Kummissjoni (ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1)

Or. en

Emenda 251

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) jadotta regoli ta' implimentazzjoni xierqa sabiex ir-Regolamenti tal-Persunal u l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra jsiru effettivi f'konformità mal-Artikolu 110(2) tar-Regolamenti tal-Persunal;	***imħassar***

Or. en

Emenda 252

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 2 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) jaħtar id-Direttur Eżekuttiv u jneħħih mill-kariga, f'konformità mal-Artikolu 65;	***imħassar***

Or. en

Emenda 253

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 2 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) jaħtar Uffiċjal tal-Kontabilità, li jista' jkun l-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni, soġġett għar-Regolamenti tal-Persunal u għall-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra, li għandu jkun kompletament indipendenti	***imħassar***

fit-twettiq ta' dmirijietu;

Or. en

Emenda 254

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 2 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) jadotta r-regoli finanzjarji applikabbli għaċ-Ċentru tal-UE;	***imħassar***

Or. en

Emenda 255

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 2 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(m) jieħu d-deċiżjonijiet kollha dwar l-istabbiliment tal-istrutturi interni taċ-Ċentru tal-UE u, fejn ikun neċessarju, il-modifika tagħhom.	***imħassar***

Or. en

Emenda 256

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 2 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(n) jaħtar Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data;	***imħassar***

Or. en

Emenda 257

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 2 – punt o

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(o) jadotta linji gwida interni li jispeċifikaw aktar il-proċeduri għall-proċessar tal-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 51, wara li jikkonsulta lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data;	***imħassar***

Or. en

Emenda 258

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 2 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(p) jawtorizza l-konklużjoni ta' memoranda ta' qbil imsemmijin fl-Artikolu 53(3) u fl-Artikolu 54(2).	***imħassar***

Or. en

Emenda 259

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 2 – punt pa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(pa) jiddeċiedi dwar kwistjonijiet previsti fir-regoli finanzjarji adottati skont l-Artikolu 68 li ma humiex riżervati għall-Bord tat-Tmexxija minn dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 260

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 2 – punt pb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(pb) jiżgura segwitu xieraq tas-sejbiet u tar-rakkomandazzjonijiet li joħorġu mir-rapporti u l-evalwazzjonijiet tal-awditjar interni jew esterni, kif ukoll mill-investigazzjonijiet tal-OLAF u tal-UPPE;

Or. en

Emenda 261

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 2 – punt pc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(pc) mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet tad-Direttur Eżekuttiv, kif stabbiliti fl-Artikolu 64, jimmonitorja u jissorvelja l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija, bil-ħsieb li jsaħħaħ is-superviżjoni tal-ġestjoni amministrattiva u baġitarja.

Or. en

Emenda 262

Proposta għal regolament
Artikolu 62 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta ċirkostanzi eċċezzjonali jkunu jirrikjedu dan, il-Bord tat-Tmexxija jista', permezz ta' deċiżjoni, jissospendi temporanjament id-delega tas-setgħat tal-awtorità tal-ħatra mogħtijin lid-Direttur Eżekuttiv u dawk is-setgħat li jkunu ġew	***imħassar***

sottodelegati minn dan tal-aħħar, u jeżerċitahom huwa stess jew jiddelegahom lil wieħed mill-membri tiegħu jew lil membru tal-persunal għajr id-Direttur Eżekuttiv.

Or. en

Emenda 263

Proposta għal regolament
Artikolu 63 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni għandu jkollhom id-dritt tal-vot kull meta jiġu diskussi u deċiżi kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Artikolu 62(2), il-punti (a) sa (l) u (p). Għall-finijiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 62(2), il-punti (f) u (g), kull wieħed mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni għandu jkollu vot wieħed. Id-deċiżjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 62(2), il-punti (b) sa (e), (h) sa (l) u (p) jistgħu jittieħdu biss jekk ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni jixħtu vot pożittiv. Għall-finijiet tat-teħid tad-deċiżjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 62(2), il-punt (a), il-kunsens tar-rappreżentanti tal-Kummissjoni għandu jkun meħtieġ biss fuq l-elementi tad-deċiżjoni li ma jkunux relatati mal-programm ta' ħidma annwali u pluriennali taċ-Ċentru tal-UE.	***imħassar***

Or. en

Emenda 264

Proposta għal regolament
Artikolu 64 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni, tal-Bord ta' Ġestjoni u tal-Bord Eżekuttiv, id-Direttur Eżekuttiv għandu jkun indipendenti fit-twettiq tad-dmirijietu/dmirijietha u la jfittex u lanqas jieħu struzzjonijiet minn kwalunkwe gvern jew minn kwalunkwe korp ieħor.

Or. en

Emenda 265

Proposta għal regolament
Artikolu 64 – paragrafu 4 – punt pa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(pa) jawtorizza l-konklużjoni ta' memoranda ta' qbil imsemmijin fl-Artikolu 53(3) u fl-Artikolu 54(2).

Or. en

Emenda 266

Proposta għal regolament
Artikolu 65 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija, minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni, wara proċedura tal-għażla miftuħa u trasparenti.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 267

Proposta għal regolament
Artikolu 65 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Għall-fini tal-konklużjoni tal-kuntratt mad-Direttur Eżekuttiv, iċ-Ċentru tal-UE għandu jkun irrappreżentat mill-President tal-Bord tat-Tmexxija.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 268

Proposta għal regolament
Artikolu 65 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ta' ħames snin. ***Sitt xhur qabel it-tmiem tal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv, il-Kummissjoni għandha tlesti valutazzjoni li tqis evalwazzjoni tal-prestazzjoni tad-Direttur Eżekuttiv u l-kompiti u l-isfidi futuri taċ-Ċentru tal-UE.***	4. Il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ta' ħames snin.

Or. en

Emenda 269

Proposta għal regolament
Artikolu 65 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Bord tat-Tmexxija, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni ***li tqis il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, jista'*** jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv darba, għal mhux aktar minn ħames snin.	5. Il-Bord tat-Tmexxija, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv darba, għal mhux aktar minn ħames snin.

Or. en

Emenda 270

Proposta għal regolament
Artikolu 65 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Direttur Eżekuttiv li l-mandat tiegħu jkun ġie estiż ma ***jistax*** jipparteċipa fi proċedura ta' għażla oħra għall-istess kariga fi tmiem il-perjodu ġenerali.	6. Direttur Eżekuttiv li l-mandat tiegħu jkun ġie estiż ma ***għandux*** jipparteċipa fi proċedura ta' għażla oħra għall-istess kariga fi tmiem il-perjodu ġenerali.

Or. en

Emenda 271

Proposta għal regolament
Artikolu 65 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jitneħħa mill-kariga biss b'deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 272

Proposta għal regolament
Artikolu 65 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jieħu deċiżjonijiet dwar il-ħatra, l-estensjoni tal-mandat jew it-tneħħija mill-kariga tad-Direttur Eżekuttiv fuq il-bażi ta' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

tiegħu bid-dritt tal-vot.

Or. en

Emenda 273

Proposta għal regolament
Artikolu 66a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 66a
	Twaqqif u kompiti tal-Forum Konsultattiv tal-Vittmi
	1. Iċ-Ċentru tal-UE għandu jistabbilixxi Forum Konsultattiv biex jassistih billi jagħtih pariri indipendenti dwar kwistjonijiet relatati mal-vittmi. Il-Forum Konsultattiv se jaġixxi fuq talba tal-Bord tat-Tmexxija jew tad-Direttur Eżekuttiv.
	2. Il-Forum Konsultattiv għandu jikkonsisti f'massimu ta' ħmistax-il membru. Il-membri tal-Forum Konsultattiv għandhom jinħatru minn vittmi ta' abbuż u sfruttament sesswali tat-tfal, kemm online kif ukoll offline, kif ukoll minn rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet li jaġixxu fl-interess pubbliku kontra l-abbuż sesswali tat-tfal u li jippromwovu d-drittijiet tal-vittmi. Għandhom jiġu maħtura mill-Bord tat-Tmexxija wara l-pubblikazzjoni ta' sejħa għal espressjoni ta' interess f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
	3. Il-mandati tal-membri tal-Forum Konsultattiv għandhom ikunu ta' erba' snin. Dawk il-mandati għandhom ikunu jistgħu jiġġeddu darba.
	4. Il-Forum Konsultattiv għandu:
	a) jagħti pariri lill-Bord tat-Tmexxija u lid-Direttur Eżekuttiv dwar kwistjonijiet relatati mal-vittmi;

b) jikkontribwixxi għall-istrateġija tal-komunikazzjoni taċ-Ċentru tal-UE msemmija fl-Artikolu 50(5);

c) jagħti l-opinjoni tiegħu dwar it-teknoloġiji użati biex jiġi identifikat l-abbuż sesswali tat-tfal online rigward ir-rilevanza tagħhom għall-kundizzjonijiet li fihom jitwettaq l-abbuż sesswali tat-tfal;

d) jinżamm djalogu miftuħ mal-Bord tat-Tmexxija u mad-Direttur Eżekuttiv dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-vittmi, b'mod partikolari dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi.

Or. en

Emenda 274

Proposta għal regolament
Artikolu 69 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. In-nefqa taċ-Ċentru tal-UE għandha tinkludi r-rimunerazzjoni tal-persunal, l-ispejjeż amministrattivi u ta' infrastruttura u l-kostijiet operatorji.	4. In-nefqa taċ-Ċentru tal-UE għandha tinkludi r-rimunerazzjoni tal-persunal, l-ispejjeż amministrattivi u ta' infrastruttura u l-kostijiet operatorji***, inklużi l-kostijiet operatorji tal-Kumitat tat-Teknoloġija, il-Forum Konsultattiv tal-Vittmi u ta' kwalunkwe grupp konsultattiv ieħor li jista' jistabbilixxi***.

Or. en

Emenda 275

Proposta għal regolament
Artikolu 77 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-proċessar ta' data personali miċ-Ċentru tal-UE għandu jkun soġġett għar-Regolament (UE) 2018/1725. Fi żmien sitt	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

xhur mid-data tal-ewwel laqgħa tiegħu, il-Bord tat-Tmexxija għandu jistabbilixxi miżuri għall-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament miċ-Ċentru tal-UE, inklużi dawk li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data taċ-Ċentru tal-UE. Dawk il-miżuri għandhom jiġu stabbiliti wara li ssir konsultazzjoni mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

Or. en

Emenda 276

Proposta għal regolament
Artikolu 83 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) in-numru ta' sottomissjonijiet ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u ta' sollecitazzjoni tat-tfal imsemmijin fl-Artikolu 36(1), diżaggregati skont l-Istat Membru li ddeżinja l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni li jissottomettu, u, fil-każ ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, in-numru ta' indikaturi ġġenerati fuq il-bażi tiegħu u n-numru ta' ***lokalizzaturi*** uniformi tar-riżorsi inklużi fil-lista ta' ***lokalizzaturi*** uniformi tar-riżorsi f'konformità mal-Artikolu 44(3);	(b) in-numru ta' sottomissjonijiet ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal u ta' sollecitazzjoni tat-tfal imsemmijin fl-Artikolu 36(1), diżaggregati skont l-Istat Membru li ddeżinja l-Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni li jissottomettu, u, fil-każ ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal, in-numru ta' indikaturi ġġenerati fuq il-bażi tiegħu u n-numru ta' ***Identifikaturi*** Uniformi tar-Riżorsi inklużi fil-lista ta' ***Identifikaturi*** Uniformi tar-Riżorsi f'konformità mal-Artikolu 44(3);

Or. en

NOTA SPJEGATTIVA

Ir-Rapporteur tilqa' l-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni Ewropea li tistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontrih. Hemm bżonn urġenti li jiġi stabbilit qafas regolatorju fit-tul li jkollu l-kapaċità ta' reazzjoni proporzjonata mal-iskala tal-problema: il-forniturі tas-servizzi tal-internet fl-Ewropa huma l-akbar ospitanti ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal fid-dinja.

Ir-rapporteur taqsam il-fatt li hemm bżonn ta' migrazzjoni minn sistema volontarja ta' detezzjoni, rapportar u tneħħija ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal għal sistema obbligatorja. Ir-Regolament Interim attwali (ir-Regolament (UE) 2021/1232) irrappreżenta progress notevoli fl-approċċ leġiżlattiv dwar l-indirizzar tal-abbuż sesswali tat-tfal online iżda ntwera li ma kienx biżżejjed minħabba impenn jew involviment irregolari min-naħa tas-servizzi rilevanti tas-soċjetà tal-informazzjoni.

Bl-istess mod, huwa jappoġġa l-approċċ ibbażat fuq il-valutazzjoni mwettqa minn kull fornitur tar-riskji li s-servizzi tagħhom jintużaw ħażin għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal. Introdotta l-ewwel mill-Att dwar is-Servizzi Diġitali (ir-Regolament (UE) 2022/2065), il-valutazzjoni tar-riskju jenħtieġ li tkun il-bażi għar-rapportar ta' dawk ir-riskji u għall-implimentazzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jiġu mmitigati.

Ir-rapporteur jaqbel ukoll li dawn ir-regoli għandhom jiġu stabbiliti b'mod teknoloġikament newtrali u li jibqa' validu fil-futur. Għalhekk, il-forniturі mhux se jkunu meħtieġa jużaw xi teknoloġija speċifika u, konsegwentement, mhux se jintalbu jagħmlu dak li mhuwiex legalment fattibbli jew teknoloġikament vijabbli skont l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. Dan l-approċċ definittivament se jikkontribwixxi u jħeġġeġ l-innovazzjoni. Huwa kruċjali li l-qafas leġiżlattiv jinżamm aġġornat mal-progress teknoloġiku li se jipprovdi għodod ġodda għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online.

Prinċipju gwida importanti tar-rapport tar-rapporteur, allinjat mal-Proposta, huwa l-konformità mal-projbizzjoni ta' obbligu ta' monitoraġġ ġenerali minqux fil-leġiżlazzjoni Ewropea u fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Ir-rapporteur jilqa' s-sett ta' salvagwardji introdotti fil-proposta u fl-Opinjoni Konġunta 04/2022 tal-EDPB-EDPS bħala kontribut maġġuri li ttieħed inkunsiderazzjoni fl-abbozzar ta' dan ir-rapport.

Ir-rapporteur jikkunsidra li l-kriptaġġ minn tarf sa tarf huwa għodda importanti biex tiġi ggarantita s-sigurtà u l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet tal-utenti, inklużi dawk tat-tfal. Konsegwentement, jenħtieġ li xejn f'dan ir-Regolament ma jiġi interpretat bħala li jipprojbixxi jew idgħajjef il-kriptaġġ minn tarf sa tarf, filwaqt li r-Regolament jibqa' miftuħ, meta applikabbli, għal żviluppi teknoloġiċi eżistenti u futuri.

Sa fejn ikun strettament neċessarju u proporzjonat biex jiġi mmitigat ir-riskju ta' użu ħażin tas-servizzi tagħhom għall-fini ta' abbuż sesswali tat-tfal online, il-forniturі jenħtieġ li jiġu awtorizzati mill-awtorità ġudizzjarja kompetenti jew minn awtorità amministrattiva indipendenti oħra biex jipproċessaw metadata li tista' tidentifika xejriet suspettużi ta' mġiba mingħajr ma jkollhom aċċess għall-kontenut tal-komunikazzjoni kriptata.

Wara li ġew iddikjarati l-prinċipji gwida tar-rapport tar-rapporteur, il-proposti speċifiċi tar-

rapporteur huma elenkati hawn taħt:

Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni, ir-rapporteur iqis li dan għandu jkopri l-magni tat-tiftix online u kwalunkwe sistema oħra ta' intelliġenza artifiċjali, li t-tnejn li huma se jkunu soġġetti għal ordnijiet ta' tneħħija mil-lista.

Rigward l-ordnijiet ta' detezzjoni u l-obbligi ta' detezzjoni konsegwenti, ir-rapporteur huwa tal-fehma li dawn ma jkoprux biss id-disseminazzjoni ta' materjal li jkun ġie identifikat u kkonfermat qabel bħala li jikkostitwixxi materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal ("materjal magħruf"), iżda wkoll ta' materjal li ma jkunx ġie identifikat qabel li x'aktarx jikkostitwixxi materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal imma li għadu ma ġiex ikkonfermat bħala tali (materjal "ġdid"), kif ukoll attivitajiet li jikkostitwixxu s-sollečitazzjoni tat-tfal ("grooming"). Ir-Regolament Interim diġà jkopri t-tliet każijiet ta' materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online. Jekk jiġi limitat il-kamp ta' applikazzjoni tal-materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal kopert mir-Regolament bla dubju dan se jxekkel il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tal-minorenni.

Fl-opinjoni tar-rapporteur l-ordnijiet ta' detezzjoni għandhom ikunu mekkaniżmu tal-aħħar istanza li jista' jinvolvi komponent ta' reputazzjoni negattiva għal dawk il-forniturі li ma jikkonformawx mal-obbligi stabbiliti fir-Regolament.

Sabiex jiġi enfasizzat li l-ordnijiet ta' detezzjoni ikunu mekkaniżmu tal-aħħar istanza, ir-rapporteur jipproponi t-tisħiħ tal-prevenzjoni bħala parti mill-miżuri ta' mitigazzjoni li jridu jittieħdu mis-servizzi ta' komunikazzjoni tas-soċjetà rilevanti. Il-miżuri ta' mitigazzjoni jistgħu jinkludu miżuri mmirati biex jipproteġu d-drittijiet tat-tfal, inkluż it-tfassil ta' sikurezza u sigurtà għat-tfal b'mod awtomatiku, funzjonalitajiet li jippermettu l-assigurazzjoni tal-età u l-punteġġ tal-età, għodod ta' kontroll għall-ġenituri li huma adattati għall-età, li jippermettu s-senjalazzjoni u/jew il-mekkaniżmi ta' notifika, funzjonalitajiet ta' awtorapportar, jew il-parteċipazzjoni f'kodiċijiet ta' kondotta għall-protezzjoni tat-tfal.

Ir-rapporteur jipproponi t-twaqqif ta' mekkaniżmu komplementari: ordnijiet ta' detezzjoni volontarja. L-ordnijiet ta' detezzjoni volontarji mhux biss se jikkontribwixxu biex l-ordnijiet ta' detezzjoni obbligatorji jsiru miżura tal-aħħar istanza, iżda se jkopru wkoll distakk possibbli bejn id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni effettiva tar-Regolament il-ġdid.

Barra minn hekk, jeħtieġ li jittieħed inkunsiderazzjoni li r-Regolament Interim, li bħalissa jippermetti lill-forniturі jkomplu l-identifikazzjoni, ir-rapportar u t-tneħħija legali tal-abbuż sesswali tat-tfal online mis-servizzi tagħhom fuq bażi volontarja, jiskadi fit-3 ta' Awwissu 2024.

Konsegwentement, ir-rapporteur jipproponi li, il-forniturі għandhom jivvalutaw, fejn applikabbli, f'taqsima separata tal-valutazzjoni tar-riskju tagħhom, l-użu volontarju ta' teknoloġiji speċifiċi għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra sa fejn ikun strettament neċessarju biex jidentifikaw, jirrapportaw u jneħħu l-abbuż sesswali tat-tfal online mis-servizzi tagħhom. Abbażi ta' din il-valutazzjoni separata, il-forniturі jistgħu jitolbu lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni kompetenti l-ħtieġa li jkomplu, bħala parti mill-miżuri ta' mitigazzjoni tagħhom, jużaw teknoloġiji speċifiċi għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għal dawk l-għanijiet. Wara din it-talba tal-fornitur, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni kompetenti għandu jkollha s-setgħa li titlob lill-awtorità ġudizzjarja kompetenti tal-Istat Membru li jkun iddeżinjaha jew lil awtorità amministrattiva indipendenti oħra ta' dak l-Istat

Membru sabiex toħroġ ordni li tawtorizza lill-fornitur iżomm jew jimplimenta miżuri ta' mitigazzjoni li jikkonsistu fl-użu ta' teknoloġiji speċifiċi għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra sa fejn ikun strettament neċessarju biex jiġi identifikat, irrapportat u jitneħħa l-abbuż sesswali tat-tfal online mis-servizzi tagħhom.

Ir-rapporteur jilqa' u jesprimi l-appoġġ qawwi tiegħu għall-ħolqien ta' Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal, iċ-Ċentru tal-UE dwar l-Abbuż Sesswali tat-Tfal. Huwa jqis li għandu jingħata rwol akbar lill-vittmi/lis-superstiti. Għaldaqstant, ir-rapport jipproponi t-twaqqif ta' Forum Konsultattiv tal-Vittmi. Ir-rapporteur jissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaġixxu fl-interess pubbliku, inklużi hotlines, li l-kontribut tagħhom għall-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal għandu jiġi rikonoxxut.

Fir-rigward tas-sede taċ-Ċentru tal-UE, ir-rapporteur iqis li huwa meħtieġ li d-dispożizzjonijiet tal-proposta jiġu allinjati mal-ġurisprudenza reċenti tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Barra minn hekk, ir-rapporteur introduċa xi bidliet fil-proposta biex jiġu bbilanċjati mill-ġdid il-kompiti assenjati lid-Direttur Eżekuttiv u lill-Bord tat-Tmexxija taċ-Ċentru tal-UE.